# IL-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA

IR-RABA' PARTI

# IT-TALBA NISRANIJA

KKK 2558-2865

WERREJ TAR-RABA' PARTI

# IT-TALBA NISRANIJA

2558-2865

## L-EWWEL SEZZJONI
## IT-TALB FIL-ĦAJJA NISRANIJA


X'inhu t-talb ........ 5

It-talb bħala don ta' Alla - It-talb bħala Patt - It-talb bħala Xirka.

L-EWWEL KAPITLU: IR-RIVELAZZJONI TAT-TALB ........ 7

L-istedina universali għat-talb ........ 7

**L-ewwel artiklu: It-talb fit-Testment il-Qadim** ........ 7

Il-ħolqien, għajn tat-talb - Il-Wegħda u t-talba tal-fidi - Mosè u t-talba ta' medjazzjoni - David u t-talb tas-sultan - Elija, il-profeti, u l-konverżjoni tal-qalb - Is-Salmi, it-talba tal-Ġemgħa.

Fil-qosor ........ 12

**It-tieni artiklu: Fil-milja taż-żminijiet** ........ 13

Ġesù jitlob - Ġesù jgħallimna nitolbu - Ġesù jisma' t-talb tagħna - It-talba tal-Verġni Marija.

Fil-qosor ........ 18

**It-tielet artiklu: Fiż-żmien tal-Knisja** ........ 19

I. Il-barka u l-adorazzjoni ........ 19
II. It-talb biex naqilgħu xi ħaġa ........ 20
III. It-talb ta' interċessjoni ........ 21
IV. It-talb ta' radd il-ħajr ........ 22
V. It-talb ta' tifħir ........ 22

Fil-qosor ........ 23

IT-TIENI KAPITLU: IT-TRADIZZJONI TAT-TALB ........ 24

**L-ewwel artiklu: Mill-għejjun tat-talb** ........ 24

Il-Kelma ta' Alla - Il-Liturġija tal-Knisja - Il-virtujiet Teologali - "Illum".

Fil-qosor ........ 26

**It-tieni artiklu: Il-mixja tat-talb** ........ 26

It-talba lill-Missier - It-talba lil Ġesù - "Spirtu s-Santu, ejja fina" - F'għaqda mal-Imqaddsa Omm Alla.

Fil-qosor ........ 29

**It-tielet artiklu: Mexxejja fit-talb** ... 30

Sħaba ta' xhieda - Qaddejja tat-talb - Postijiet adatti għat-talb.
Fil-qosor ... 32

IT-TIELET KAPITLU: IL-ĦAJJA TAT-TALB ... 32

**L-ewwel artiklu: Is-suriet tat-talb** ... 33

I. It-talb bil-fomm ... 33
II. Il-meditazzjoni ... 34
III. L-orazzjoni ... 35
Fil-qosor ... 36

**It-tieni artiklu: It-taqbida tat-talb** ... 37

I. Diffikultajiet kontra t-talb ... 37
II. Is-sahra umli tal-qalb ... 38
Quddiem id-diffikultajiet tat-talb - Quddiem it-tentazzjonijiet fit-talb.
III. Il-fiduċja ta' wlied ... 39
Għaliex ingergru li ma niġux mismugħa? - Kif jista' jkun effikaċi t-talb tagħna.
IV. Nibqgħu sħaħ fl-imħabba ... 41
V. It-talba tas-siegħa ta' Ġesù ... 41
Fil-qosor ... 42

IT-TIENI SEZZJONI
IT-TALBA TAL-MULEJ: "MISSIERNA!"

**L-ewwel artiklu: "Ġabra fil-qosor tal-Evanġelju kollu"** ... 44

I. Fil-qalba tal-Iskrittura ... 45
II. "It-talba tal-Mulej" ... 45
III. It-talba tal-Knisja ... 46
Fil-qosor ... 47

**It-tieni artiklu: "Missierna li inti fis-smewwiet"** ... 47

I. Bil-fiduċja kollha ejjew nersqu lejn il-Mulej ... 47
II. "Missier!" ... 48
III. "Missierna" ... 50
IV. "Li inti fis-smewwiet" ... 51
Fil-qosor ... 52

**It-tielet artiklu: Is-seba' talbiet** ... 53

I. Jitqaddes ismek ... 53
II. Tiġi saltnatek ... 55
III. Ikun dak li trid int kif fis-sema hekda fl-art ... 56
IV. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum ... 58
V. Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina ... 60
Aħfrilna dnubietna... - ...Bħal ma naħfru lil min hu ħati għalina.
VI. Iddaħħalniex fit-tiġrib ... 62
VII. Eħlisna mid-deni ... 63
Id-dossoloġija tal-aħħar ... 64
Fil-qosor ... 65

Werrej tar-referenzi ........ 67
Werrej tematiku ........ 117
Werrej ġenerali ........ 138

IR-RABA' PARTI

# IT-TALBA NISRANIJA

L-EWWEL SEZZJONI

# IT-TALB FIL-ĦAJJA NISRANIJA

2558 "Kbir hu l-misteru tar-reliġjon tagħna". Il-Knisja tistqarru fis-Simbolu tal-Appostli (L-ewwel parti), u tiċċelebrah fil-liturġija tas-sagramenti (It-tieni parti), biex il-ħajja tal-Insara tkun taqbel ma' dik ta' Kristu fl-Ispirtu s-Santu għall-glorja ta' Alla l-Missier (It-tielet parti). Dan il-misteru għalhekk jitlob li l-Insara jemmnuh, jiċċelebrawh u jgħixuh f'relazzjoni ħajja u personali ma' Alla ħaj u veru. Din ir-relazzjoni hi t-talb.

### X'INHU T-TALB

Għalija, it-*talb* huwa tefgħa tal-qalb, huwa ħarsa sempliċi mixħuta lejn is-sema, huwa għajta ta' gratitudni u ta' mħabba kemm waqt il-prova u kemm waqt il-ferħ.[1]

IT-TALB BĦALA DON TA' ALLA

2559 "It-talb hu l-irfigħ tar-ruħ lejn Alla jew domanda lil Alla ta' ġid li jkun jaqbel".[2] Minn fejn għandha tibda t-talba tagħna? Mill-għoli tal-kburija tagħna u tar-rieda proprja tagħna, jew mill-"qiegħ" *(Salm 130,1)* ta' qalb imċekkna u sogħbiena? Min jiċċekken, jitkabbar.[3] It-talb jinbena fuq *ix-xejn tagħna*. "Aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss" *(Rum 8,26)*. L-umiltà hija d-dispożizzjoni meħtieġa biex niksbu b'xejn id-don tat-talb: "Il-bniedem hu tallab quddiem Alla".[4]

2560 "Kieku kont taf id-don ta' Alla!" *(Ġw 4,10)*. Il-kobor tal-għaġeb tat-talb jidher proprju hemm, ħdejn il-bjar fejn immorru nfittxu l-ilma tax-xorb tagħna: hemm Kristu jiġi jiltaqa' ma' kull bniedem, hu jfittixna l-ewwel, u jitlobna jixrob. Ġesù għandu l-għatx, it-talba tiegħu toħroġ mill-qiegħ ta' Alla li jixtieqna. It-talb, nafu jew ma nafux, hu l-laqgħa tal-

[1] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta' Ruħ,* Ċ 25r.
[2] San Ġwann Damaxxenu, *De fide orthodoxa,* 3, 24: PG 94, 1089D.
[3] Ara Lq 18,9-14.
[4] Santu Wistin, *Sermones,* 56, 6, 9: PL 38, 831.

għatx ta' Alla mal-għatx tagħna. Ġesù għandu l-għatx li jkollna l-għatx tiegħu.[1]

2561 "Kieku int kont titolbu u hu kien jagħtik ilma ħaj" *(Ġw 4,10)*. It-talb li bih nitolbu xi ħaġa hu paradossalment tweġiba. Hu tweġiba għat-tnehid ta' Alla l-ħaj: "Telqu lili, l-għajn tal-ilma ġieri, biex ħaffru bjar għalihom, bjar miksura li ma jżommux ilma" *(Ġer 2,13)*. Hu tweġiba ta' fidi għall-wegħda b'xejn tas-salvazzjoni.[2] Hu tweġiba ta' mħabba għall-għatx tal-Iben il-waħdieni.[3]

IT-TALB BĦALA PATT

2562 Minn fejn jiġi t-talb tal-bniedem? Tkun xi tkun l-għamla tat-talb (ġesti jew kliem), hu l-bniedem sħiħ li jkun qed jitlob. Iżda l-Iskrittura biex tfisser il-post minn fejn joħroġ it-talb, xi kultant issemmi r-ruħ jew l-ispirtu, imma aktar ta' spiss il-qalb (aktar minn elf darba). Hi l-*qalb* li titlob. Jekk il-qalb hi bogħod minn Alla, it-talb li joħroġ minnha hu fieragħ.

2563 Il-qalb hi l-post fejn jiena jien, jew fejn ngħammar (skont il-ħsieb semitiku jew bibliku: fejn "ninżel"). Hi ċ-ċentru moħbi tagħna, mhux milħuq mir-raġuni tagħna u lanqas minn ħadd; hu l-Ispirtu ta' Alla biss li jgħarbilha u jagħrafha. Hi l-post tad-deċiżjonijiet fil-qiegħ l-aktar fond tat-tendenzi psikiċi tagħna. Hi l-post tal-verità, fejn nagħmlu l-għażla bejn il-mewt u l-ħajja. Hi l-imkien fejn niltaqgħu ma' Alla, għax aħna xbieha ta' Alla u ngħixu f'relazzjoni miegħu: hi l-post fejn iseħħ il-Patt.

2564 It-talba nisranija hi relazzjoni ta' patt bejn Alla l-Missier u l-bniedem fi Kristu. It-talb hu għemil ta' Alla u tal-bniedem: jiġi mill-Ispirtu s-Santu u minna, u huwa kollu kemm hu dirett lejn Alla, f'għaqda mar-rieda umana tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem.

IT-TALB BĦALA XIRKA

2565 Fil-Patt il-Ġdid it-talb hu relazzjoni ħajja bejn ulied Alla ma' Missierhom ta' tjieba bla qies, ma' Ibnu Ġesù Kristu, u mal-Ispirtu s-Santu. Il-grazzja tas-Saltna hi "l-għaqda tat-Trinità Qaddisa kollha kemm hi mal-ispirtu kollu kemm hu".[4] Il-ħajja tat-talb hi għalhekk dik ta' qagħda abitwali quddiem Alla tliet darbiet qaddis, u f'għaqda sħiħa miegħu. Din ix-xirka ta' ħajja tista' sseħħ dejjem, għaliex, permezz tal-Magħmudija, sirna ħaġa waħda ma' Kristu.[5] It-talb hu *nisrani* jekk hu għaqda ma' Kristu u jinxtered fil-Knisja, li hi l-Ġisem tiegħu. Id-dimensjonijiet tat-talb huma dawk tal-imħabba ta' Kristu.[6]

---

[1] Santu Wistin, *De diversis quaestionibus octoginta tribus*, 64, 6: PL 40, 56.
[2] Ara Ġw 7,37-39; Is 12,3; 51,1.
[3] Ara Ġw 19,28; Żak 12,10; 13,1.
[4] San Girgor Nazjanzenu, *Orationes*, 16, 9: PG 35, 954C.
[5] Ara Rum 6,5.
[6] Ara Ef 3,18-21.

### L-EWWEL KAPITLU

# IR-RIVELAZZJONI TAT-TALB

### L-istedina universali għat-talb

2566 *Il-bniedem ifittex lil Alla*. Fil-ħolqien Alla ħalaq kollox mix-xejn. "Bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu" *(Salm 8,6)*. Il-bniedem, wara l-anġli, għandu l-ħila jagħraf "kemm hu kbir isem il-Mulej fl-art kollha" *(Salm 8,2)*. Ukoll wara li tilef ix-xebh ma' Alla, il-bniedem baqa' ħolqien fuq ix-xbieha ta' Alla l-Ħallieq tiegħu, ix-xewqa ta' dak li ħalqu baqgħet fih. Ir-reliġjonijiet kollha huma xhieda ta' din ix-xewqa essenzjali tal-bnedmin kollha.[1]

2567 *Kien Alla li l-ewwel sejjaħ lill-bniedem.* Ukoll jekk il-bniedem jinsa l-Ħallieq tiegħu, imur jinħeba 'l bogħod minn wiċċu, ifittex l-allat foloz tiegħu, u jixli lil Alla li abbandunah, iżda Alla l-ħaj u veru ma jieqaf qatt isejjaħ kull persuna biex tiltaqa' b'mod misterjuż miegħu fit-talb. Dan il-pass tal-imħabba ta' Alla, fidil għall-Patt tiegħu, dejjem jiġi l-ewwel fit-talb; il-pass li jagħmel il-bniedem hu dejjem tweġiba. Aktar ma Alla juri lilu nnifsu lill-bniedem u juri lill-bniedem x'inhu fih innifsu, aktar jidher it-talb bħala sejħa wieħed lill-ieħor, bħala ġrajja tal-Patt. Permezz tal-kliem u tal-għemil, dil-ġrajja timpenja l-qalb. Tinkixef tul l-istorja kollha tas-salvazzjoni.

### L-ewwel artiklu

## IT-TALB FIT-TESTMENT IL-QADIM

2568 Ir-rivelazzjoni tat-talb fit-Testment il-Qadim insibuha bejn il-waqgħa u l-irfigħ tal-bniedem, bejn is-sejħa mnikkta ta' Alla lill-ewwel uliedu: "Fejn int?"... "X'inhu dan li għamilt?" *(Ġen 3,9,13)* u t-tweġiba tal-Iben il-waħdieni huwa u dieħel fid-dinja: "Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla" *(Lh 10,5-7).* It-talb hu marbut mal-ġrajja tal-bniedem, hu r-relazzjoni ma' Alla fil-ġrajjiet kollha tal-istorja.

IL-ĦOLQIEN – GĦAJN TAT-TALB

2569 Il-ħajja tat-talb tibda l-ewwel nett mill-fatt tal-*ħolqien*. L-ewwel disa' kapitli tal-Ġenesi juru din ir-relazzjoni ma' Alla bħala l-offerta tal-bikri tal-merħla minn Abel,[2] bħala sejħa tal-isem ta' Alla minn Henok,[1]

[1] Ara Atti 17,27.
[2] Ara Ġen 4,4.

bħala "mixi ma' Alla" *(Ġen 4,26)*. L-offerta ta' Noè kienet "togħġob" lil Alla u bierku, u permezz tiegħu bierek il-ħolqien kollu[2] għax qalbu kienet sewwa u sħiħa: hu wkoll "kien jimxi ma' Alla" *(Ġen 6,9)*. Din l-għamla ta' talb jgħixuha kotra kbira ta' ġusti fir-reliġjonijiet kollha.

Fil-patt tiegħu mal-ħlejjaq ħajjin kollha,[3] Alla dejjem isejjaħ lill-bnedmin għat-talb. Iżda hu l-aktar minn żmien Abraham missierna li beda jiġi rivelat it-talb fit-Testment il-Qadim.

IL-WEGĦDA U T-TALBA TAL-FIDI

2570 Malli Alla sejjaħlu, Abraham telaq "kif kien qallu l-Mulej" *(Ġen 12,4)*: qalbu hija kollha "marbuta mal-kelma", obda. Is-smigħ tal-qalb li tiddeċiedi skont kif irid Alla hu essenzjali għat-talb; il-kliem mhux daqshekk meħtieġ, hu relattiv. Iżda t-talba ta' Abraham tfissret l-ewwel permezz ta' għemil: bniedem tas-skiet, kull fejn waqaf, bena artal lill-Mulej. Biss aktar tard niltaqgħu mal-ewwel talba ta' Abraham bil-kliem: tnehida moħbija tfakkar 'l Alla l-wegħdiet tiegħu, li ma kienx jidher li se jseħħu.[4] B'dan il-mod, sa mill-bidu deher wieħed mill-aspetti drammatiċi tat-talb: il-prova tal-fidi fil-kelma mogħtija minn Alla.

2571 Il-patrijarka, wara li emmen f'Alla,[5] wara li mexa quddiemu f'Patt miegħu,[6] kien lest jilqa' taħt it-tinda tiegħu l-mistieden misterjuż: din il-laqgħa tal-għaġeb f'Mambre hi l-preludju tat-tħabbira tal-Iben veru tal-Wegħda.[7] Minn dak inhar, wara li Alla għarraf lil Abraham il-Patt tiegħu, qalbu ngħaqdet mal-ħasra ta' Sidu għall-bnedmin, u ssogra jitlob għalihom b'fiduċja tassew kbira.[8]

2572 Bħala l-aħħar tisfija tal-fidi tiegħu, Abraham, "dak li kien ħa l-wegħdiet" *(Lh 11,17)*, ġie mitlub jissagrifika l-iben li Alla kien tah. "Alla jaħseb hu għall-ħaruf għas-sagrifiċċju" *(Ġen 22,8)*; il-fidi tiegħu baqgħet sħiħa "għax fehem li Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt" *(Lh 11,19)*. B'dan il-mod il-missier ta' dawk kollha li jemmnu jsir jixbah lill-Missier "li anqas lil Ibnu stess ma ħafirha imma tah għalina lkoll".[9] It-talb jagħti mill-ġdid lill-bniedem ix-xebh ma' Alla u jsieħbu fis-setgħa tal-imħabba ta' Alla li ssalva l-kotra.[10]

2573 Alla jġedded il-wegħdiet lil Ġakobb, missier it-tnax-il tribù ta' Israel.[11] Qabel ma jiltaqa' ma' ħuh Għesaw, Ġakobb jagħmel lejl sħiħ jissara ma' "xi ħadd" misterjuż li ma riedx juri ismu, imma li bierku qabel telqu mas-sebħ. It-tradizzjoni spiritwali tal-Knisja tara f'din il-

---

1 Ara Ġen 5,26.
2 Ara Ġen 8,20-9,17.
3 Ara Ġen 9,8-16.
4 Ara Ġen 15,2-3.
5 Ara Ġen 15,6.
6 Ara Ġen 17,1-2.
7 Ara Ġen 18,1-15; Lq 1,26-38.
8 Ara Ġen 18,16-33.
9 Ara Rum 8,32.
10 Ara Rum 4,16-21.
11 Ara Ġen 28,10-22.

ġrajja s-simbolu tat-talb bħala ġlieda tal-fidi u r-rebħa tal-perseveranza.[1]

MOSÈ U T-TALBA TA' MEDJAZZJONI

2574 Malli bdiet isseħħ il-Wegħda (l-Għid, il-ħruġ mill-Eġittu, id-don tal-Liġi u l-Patt), it-talba ta' Mosè hija x-xbieha ħerqana tat-talb ta' interċessjoni li jilħaq il-qofol tiegħu "fil-medjatur wieħed bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù" *(1Tim 2,5)*.

2575 Hawn ukoll Alla jiġi l-ewwel. Isejjaħ lil Mosè minn nofs "ħuġġieġa nar qalb l-għolliq".[2] Dan il-fatt jibqa' dejjem waħda mix-xbihat tal-bidu tat-talb fit-tradizzjoni spiritwali Lhudija u Nisranija. Jekk, fil-fatt, hu "Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb" li jsejjaħ il-qaddej tiegħu Mosè, dan għax hu Alla l-ħaj li jrid il-ħajja tal-bnedmin. Juri ruħu biex isalvahom, iżda mhux waħdu u lanqas minkejja fihom: isejjaħ lil Mosè biex jibagħtu, biex isieħbu fil-ħniena tiegħu, fil-ħidma tiegħu ta' salvazzjoni. F'din il-missjoni qisha hemm talba ta' Alla, u Mosè, wara diskussjoni fit-tul, jgħaqqad ir-rieda tiegħu ma' dik ta' Alla s-Salvatur. Iżda f'dan id-djalogu li fih Alla jiftaħ qalbu, Mosè jitgħallem jitlob ukoll: ineħħi l-qorq minn riġlejh, isib oġġezzjoni għal dak li jitolbu Alla, u fuq kollox jistaqsi, u bi tweġiba għal din il-mistoqsija l-Mulej jgħidlu x'jismu, isem li ma jingħadx u jiġi rivelat fl-għemejjel kbar ta' Alla.

2576 Issa "l-Mulej kien ikellem lil Mosè wiċċ imb wiċċ bħalma bniedem ikellem lil ħabibu" *(Eż 33,11)*. It-talb ta' Mosè hu t-talb tipiku tal-kontemplazzjoni li permezz tiegħu l-qaddej ta' Alla juri fedeltà fil-missjoni tiegħu. Mosè "kien joqgħod jitħaddet" spiss u fit-tul mal-Mulej, jitla' fuq il-muntanja biex jisma' u jitlob 'l Alla, u jinżel minn fuqha għand il-poplu biex lil dan jgħidlu l-kliem ta' Alla tiegħu u jmexxih. Mosè hu "l-bniedem li fdajtlu dari. Jien inkellmu wiċċ imb wiċċ, inkellmu mhux bix-xbihat, imma bid-dieher" *(Num 12,7-8)*, għax Mosè "kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art" *(Num 12,3)*.

2577 Minn din l-intimità ma' Alla fidil fil-wegħdiet tiegħu, idum biex jagħdab u mimli mħabba,[3] Mosè kiseb il-qawwa u s-saħħa tat-talb tiegħu. Ma jitlobx għalih innifsu, imma għall-poplu li Alla kiseb għalih. Mosè jitlob waqt il-ġlieda mal-Għamalekin *(Eż 17,8-13)* u għall-fejqan ta' Mirjam.[4] Iżda Mosè l-aktar li jitlob hu wara l-apostasija tal-poplu meta "waqaf fis-selħa tas-sur" *(Salm 106,23)* quddiem Alla biex isalva l-poplu.[5] L-argumenti tat-talb tiegħu (l-interċessjoni hi wkoll ġlieda misterjuża) ispiraw lil dawk fost il-poplu Lhudi li kienu jitolbu ħafna, kif

[1] Ara Ġen 32,25-31; Lq 18,1-8.
[2] Ara Eż 3,1-10.
[3] Ara Eż 34,6.
[4] Ara Num 12,13-14.
[5] Ara Eż 32,1-34,9.

ispiraw il-Knisja: Alla hu mħabba, għalhekk hu ġust u jżomm kelmtu: ma jistax imur kontra tiegħu nnifsu, irid jiftakar fl-għemejjel kbar tiegħu, hemm fin-nofs il-glorja tiegħu, ma jistax iħalli waħdu l-poplu li jġib ismu.

DAVID U T-TALB TAS-SULTAN

2578 It-talb tal-poplu ta' Alla jiżviluppa għad-dell tal-għamara ta' Alla, l-Arka tal-Patt, u aktar tard fit-Tempju. L-ewwel huma l-mexxejja tal-poplu – ir-ragħajja u l-profeti – li jgħallmuh jitlob. It-tfajjel Samwel tgħallem mingħand ommu Anna kif "joqgħod quddiem il-Mulej" u minn Għeli l-qassis kif jisma' leħen il-Mulej: "Tkellem, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma' ".[1] Aktar tard, Samwel innifsu sar jaf x'jiswa u x'piż għandu t-talb ta' interċessjoni: "Min-naħa tiegħi ma jkun qatt li nidneb u ma nitlobx għalikom quddiem il-Mulej, u ma nurikomx it-triq it-tajba u sewwa" *(1 Slat 12,23)*.

2579 David kien tassew "sultan skont il-qalb ta' Alla", ir-ragħaj li jitlob għall-poplu tiegħu u f'ismu, dak li r-rabta tiegħu mar-rieda ta' Alla, it-tifħir u l-indiema tiegħu, kienu ta' eżempju għat-talb tal-poplu. Midluk minn Alla, it-talba tiegħu hi rabta ta' fedeltà liema bħalha mal-Wegħda ta' Alla,[2] fiduċja u mħabba hienja f'dak li hu waħdu s-Sultan u s-Sid. Fis-Salmi David, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, hu l-ewwel profeta tat-talb Lhudi u Nisrani. It-talb ta' Kristu, veru Messija u bin David, juri u jtemm it-tifsir ta' dan it-talb.

2580 It-Tempju ta' Ġerusalemm, id-dar tat-talb li David ried jibni, kellha tkun opra ta' ibnu Salamun. It-talba tad-Dedikazzjoni tat-Tempju[3] tistrieħ fuq il-Wegħdiet ta' Alla u fuq il-Patt tiegħu, fuq il-fatt li l-Isem ta' Alla bil-ħidma tiegħu jinsab f'nofs il-poplu tiegħu u jfakkarhom l-għemejjel kbar tal-ħruġ mill-Eġittu. Is-sultan imbagħad jerfa' idejh lejn is-sema u jitlob lill-Mulej għalih innifsu, għall-poplu kollu, għall-ġenerazzjonijiet kollha tal-ġejjieni, għall-maħfra ta' dnubiethom, għall-ħtiġijiet tagħhom ta' kuljum, u fl-aħħar nett biex il-ġnus kollha jkunu jafu u jistqarru li hu waħdu Alla u li l-qalb tal-poplu tiegħu hi kollha kemm hi għalih.

ELIJA, IL-PROFETI, U L-KONVERŻJONI TAL-QALB

2581 It-Tempju kellu jkun għall-poplu ta' Alla l-post fejn dan jitgħallem jitlob: il-pellegrinaġġi, il-festi, is-sagrifiċċji, l-offerta proprja, l-inċens, il-ħobż tal-"preżenza", dawn is-sinjali kollha tal-Qdusija u tal-Glorja ta' Alla, hekk Għoli iżda hekk Qrib, kienu kollha sejħat għat-talb u triqat tat-talb. Iżda r-ritwaliżmu spiss kien iwassal lill-poplu għall-qima minn barra biss. Hi meħtieġa wkoll edukazzjoni fil-fidi, il-konverżjoni tal-qalb. Din kienet il-missjoni tal-profeti qabel u wara l-eżilju f'Babel.

[1] 1 Sam 3,9-10 ; ara 1 Sam 1,9-18.
[2] Ara 2 Slat 7,18-29.
[3] Ara 1 Slat 8,10-61.

2582 Elija hu missier il-profeti, "min-nisel ta' dawk li jfittxu lil Alla, li jfittxu wiċċ Alla".[1] Ismu, "Jaħweh, Alla hu!" iħabbar l-għajta tal-poplu bi tweġiba għat-talba tiegħu fuq l-għolja tal-Karmel.[2] San Ġakbu jsemmi lilu biex iħeġġiġna għat-talb: "It-talba tal-bniedem ġust, magħmula bil-ħerqa, għandha qawwa kbira" *(Ġak 5,16b-18)*.

2583 Wara li ġarrab il-ħniena ta' Alla fil-moħba tiegħu fil-wied ta' Kerit, Elija għallem lill-armla ta' Sarefta l-fidi fil-kelma ta' Alla, fidi li wettaq bit-talba tiegħu fl-istess waqt: Alla ta l-ħajja mill-ġdid lil iben l-armla.[3]

Waqt is-sagrifiċċju fuq l-għolja tal-Karmel, prova deċiżiva għall-fidi tal-poplu ta' Alla, għat-talba ta' Elija, in-nar tal-Mulej ħaraq l-offerta kollha "fil-ħin li joffru s-sagrifiċċju" filgħaxija. "Weġibni, Mulej, weġibni": dawn il-kelmiet ta' Elija nsibuhom fil-liturġiji tal-Lvant fl-Epiklesi ewkaristika.[4]

Fl-aħħar nett, wara l-mixi fid-deżert lejn il-post fejn Alla, il-ħaj u veru, wera lilu nnifsu lill-poplu tiegħu, Elija, bħal Mosè daħal "f'xaqq il-blata" sakemm "tgħaddi" l-preżenza misterjuża ta' Alla.[5] Iżda kien biss fuq l-għolja tat-Trasfigurazzjoni li deher dak li tiegħu kienu qed ifittxu 'l wiċċu:[6] l-għarfien tal-glorja ta' Alla tiddi f'wiċċ Kristu msallab u rxoxt.[7]

2584 "Wiċċ imb wiċċ waħedhom" ma' Alla, il-profeti kisbu dawl u qawwa għall-missjoni tagħhom. It-talba tagħhom ma kinitx ħarba mid-dinja bla fidi imma smigħ tal-kelma ta' Alla, xi kultant ukoll diskussjoni jew tnehida, u dejjem interċessjoni li tistenna u tħejji l-indħil ta' Alla salvatur, is-Sid tal-istorja.[8]

IS-SALMI, IT-TALBA TAL-ĠEMGĦA

2585 Wara David, sal-miġja tal-Messija, il-Kotba Mqaddsa għandhom testi ta' talb li jixhdu kemm it-talb kien ħa xejra dejjem aktar profonda: sew it-talb li wieħed jagħmel għalih innifsu u sew dak li jagħmel għall-oħrajn.[9] Is-Salmi, bil-mod il-mod, inġabru f'ħames kotba: is-Salterju (jew "Tifħir"), l-aqwa opra ta' talb tat-Testment il-Qadim.

2586 Is-Salmi kienu jmantnu u jfissru t-talba tal-poplu ta' Alla miġbur f'ġemgħa, fil-festi l-kbar f'Ġerusalemm, u kull nhar ta' Sibt fis-sinagogi. Dan it-talb hu fl-istess ħin talb personali u komunitarju. Hu dwar dawk li qegħdin jitolbu u dwar il-bnedmin kollha wkoll. Hu talb li jsir fl-Art Imqaddsa u li jsir ukoll fil-komunitajiet tad-Djaspora, tal-Lhud li jgħammru kullimkien barra mill-Art Imqaddsa. Hu talb li jħaddan il-

[1] Ara Salm 24,6.
[2] Ara 1 Slat 18,39.
[3] Ara 1 Slat 17,7-24.
[4] Ara 1 Slat 18,20-39.
[5] Ara 1 Slat 19,1-14; Eż 33,19-23.
[6] Ara Lq 9,30-35.
[7] Ara 2 Kor 4,6.
[8] Ara Għam 7,2-5; Iż 6,5.8.11; Ġer 1,6; 15,15-18; 20,7-18.
[9] Ara Esdra 9,6-15; Neħ 1,4-11; Ġona 2,3-10: Tob 3, 11-16; Ġud 9,2-14.

ħolqien kollu. Ifakkar il-ġrajjiet tas-salvazzjoni fl-imgħoddi u jħares ukoll lejn il-ġejjieni, lejn it-tmiem ta' kollox. Ifakkar il-wegħdiet ta' Alla li seħħu u jistenna l-Messija biex bih iseħħu darba għal dejjem. Kristu talab bis-Salmi u seħħu fih; huma essenzjali għat-talb tal-Knisja.[1]

2587 Is-Salterju hu l-ktieb fejn il-kelma ta' Alla ssir talba tal-bniedem. Fil-kotba l-oħra tat-Testment il-Qadim "il-kliem iħabbar l-għemil (ta' Alla għall-bnedmin) u jwasslek biex issib il-misteru moħbi fihom".[2] Fis-Salterju l-kliem tas-salmista jfisser, b'għana lil Alla, il-misteru tas-salvazzjoni mistoħbi fih. Hu l-istess Spirtu li jnebbaħ l-opra ta' Alla u t-tweġiba tal-bniedem. Kristu jgħaqqadhom flimkien. Fih, is-Salmi ma jieqfu qatt jgħallmuna kif nitolbu.

2588 Il-ħafna suriet ta' talb fis-Salmi jieħdu s-sura tagħhom kemm mil-liturġija tat-Tempju u kemm f'qalb il-bniedem. Kemm jekk huma xi innu, jew talba ta' niket jew ta' radd il-ħajr, talba individwali jew komunitarja, kant regali jew kant ta' pellegrinaġġ, jew meditazzjoni spiritwali, is-Salmi huma l-mera tal-għeġubijiet ta' Alla fil-ġrajja tal-poplu tiegħu, jew ta' sitwazzjonijiet li fihom is-salmista sab ruħu bħala bniedem. Salm jista' jkun rifless ta' ġrajja tal-imgħoddi, iżda hu hekk bil-qies li jista' jkun vera talba għall-bnedmin kollha ta' kull żmien u ta' kull kundizzjoni.

2589 Hemm ċerti kwalitajiet li nsibuhom fis-Salmi kollha: is-sempliċità tat-talb ħiereġ dejjem mill-qalb; ix-xewqa ta' Alla nnifsu permezz ta' dak kollu li hu tajjeb fil-ħolqien; il-qagħda mnikkta ta' min jemmen li, fl-imħabba tiegħu għal Alla fuq kollox u qabel kollox, hu fi ġlieda dejjem sejra ma' għadd kbir ta' għedewwa u ta' tentazzjonijiet; waqt li jistenna biex jara x'se jagħmel Alla fil-fedeltà kollha tiegħu, hu dejjem żgur minn imħabbtu u lest li joqgħod għar-rieda tiegħu. It-talb tas-Salmi dejjem ifittex it-tifħir ta' Alla, u għalhekk il-ġabra ta' dan it-talb issejħet bir-raġun kollu: "It-Tifħir". Miġbur għall-qima tal-Ġemgħa, is-Salterju jsemma' l-istedina għat-talb, waqt li jtenni t-tweġiba għalih "Hallelu-Jah" – Faħħru 'l-Mulej"!

> X'hemm aħjar minn Salm? Għalhekk David jgħid sewwa: "Faħħru l-Mulej, għax tajjeb li tgħanni lil Alla tagħna, għax ħelu u xieraq it-tifħir tiegħu". U dan minnu. Għax is-Salm hu barka magħmula mill-poplu, tifħir ta' Alla mill-ġemgħa, applaws minn kulħadd, leħen il-Knisja, stqarrija kollha ħlewwa tal-fidi...[3]

## Fil-qosor

2590 *"It-talb hu l-irfigħ tar-ruħ lejn Alla jew domanda lil Alla ta' ġid li jkun jaqbel".*[4]

---

[1] Ara Istituzzjoni Ġenerali tal-Liturġija tas-Sigħat, 100-109.
[2] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 2.
[3] San Ambroġ, *Enarrationes in psalmos*, 1, 9: PL 14, 924; ara Liturġija tas-Sigħat, uffiċċju tal-qari tas-Sibt tat-12-il ġimgħa.
[4] San Ġwann Damaxxenu, *De fide orthodoxa* 3, 24.

2591 *Alla ma jieqaf qatt isejjaħ lil kull bniedem għal laqgħa misterjuża miegħu. It-talb hu msieħeb mal-ġrajja kollha tas-salvazzjoni bħala sejħa lil xulxin ta' Alla u l-bniedem.*

2592 *It-talba ta' Abraham u ta' Ġakobb tidher bħala ġlieda tal-fidi b'fiduċja fil-kelma ta' Alla u ċertezza tar-rebħa mwiegħda lil dawk li jżommu sħiħ sal-aħħar.*

2593 *It-talba ta' Mosè hi tweġiba għall-inizjattiva ta' Alla l-ħaj għas-salvazzjoni tal-poplu tiegħu. Tħabbar minn qabel it-talba ta' dak li hu l-medjatur waħdieni, Kristu Ġesù.*

2594 *It-talba tal-poplu ta' Alla tiżviluppa fid-dell tal-għamara ta' Alla, l-Arka tal-Patt u t-Tempju, taħt it-tmexxija tar-ragħajja, speċjalment tas-sultan David, u tal-profeti.*

2595 *Il-profeti jistiednu għall-konverżjoni tal-qalb, waqt li jfittxu wiċċ Alla bil-ħeġġa kollha u, bħal Elija, jitolbu għall-poplu.*

2596 *Is-Salmi huma l-aqwa opra ta' talb tat-Testment il-Qadim. Għandhom żewġ kwalitajiet li ma tistax tifridhom minn xulxin: kwalitajiet personali u komunitarji. Iħaddnu d-dimensjonijiet kollha tal-ġrajja tal-bniedem, ifakkru l-wegħdiet ta' Alla li seħħu, u jistennew il-miġja tal-Messija.*

2597 *Kristu talab bis-Salmi u seħħu fih: huma għalhekk element essenzjali fit-talba tal-Knisja; jgħoddu għall-bnedmin kollha ta' kull żmien u ta' kull kundizzjoni.*

**It-tieni artiklu**

## FIL-MILJA TAŻ-ŻMINIJIET

2598 Il-ġrajja tat-talb tintwera lilna fil-qofol kollu tagħha fil-Verb li sar bniedem u għammar fostna. Meta aħna nippruvaw nifhmu x'inhu t-talb tal-Verb permezz ta' dak li qalulna x-xhieda tiegħu fl-Evanġelju, aħna nkunu resqin lejn il-Mulej Ġesù, qisna resqin lejn l-Għolliq jaqbad: l-ewwel nikkontemplawh qiegħed jitlob, imbagħad nisimgħuh jgħallimna nitolbu, biex fl-aħħar nifhmu kif se jisma' t-talb tagħna.

ĠESÙ JITLOB

2599 L-Iben ta' Alla li sar iben tal-Verġni, tgħallem ukoll jitlob skont il-qalb tiegħu ta' bniedem. Tgħallem il-formoli tat-talb mingħand Ommu li kienet tgħożż f'qalbha u taħseb fuq l-"għeġubijiet" li għamel is-

Setgħani.[1] Tgħallem jitlob bil-kliem u r-ritmu tat-talb ta' ġensu, fis-sinagoga ta' Nazaret u fit-Tempju. Iżda t-talb tiegħu kien ħiereġ minn għajn għalkollox moħbija, kif ta x'jifhem meta kellu tnax-il sena: "Għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri" *(Lq 2,49)*. Hawn jibda juri x'kien hemm ġdid fit-talb, fil-milja taż-żminijiet: *talb ta' wlied, filjali*, talb li l-Missier jistenna mingħand uliedu, talb li kellu jgħixu l-istess Iben waħdieni bħala bniedem, mal-bnedmin u għalihom.

2600 L-Evanġelju ta' San Luqa juri sewwa x'kienet il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u x'kien ifisser it-talb fil-ministeru ta' Kristu. Ġesù *talab* qabel il-mumenti deċiżivi tal-missjoni tiegħu: qabel ma l-Missier ta x-xhieda għalih fil-Magħmudija tiegħu,[2] qabel it-Trasfigurazzjoni,[3] qabel ma temm il-Pjan ta' mħabba tal-Missier bil-Passjoni tiegħu.[4] Jitlob ukoll qabel il-mumenti deċiżivi li fihom kien se jimpenja l-Appostli fil-missjoni tagħhom: qabel għażel u sejjaħ lit-Tnax,[5] qabel ma San Pietru stqarr li kien "il-Messija ta' Alla" *(Lq 9,18-20)*, u fl-aħħar nett biex il-fidi tal-kap tal-Appostli ma tiġix nieqsa fil-mument tat-tentazzjoni.[6] It-talb ta' Ġesù qabel il-ġrajjiet tas-salvazzjoni li l-Missier riedu jagħmel, hu rabta umli u kollha fiduċja tar-rieda tiegħu ta' bniedem mar-rieda kollha mħabba tal-Missier.

2601 "Darba Ġesù kien qiegħed x'imkien jitlob. Meta spiċċa mit-talb wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: 'Mulej, għallimna nitolbu' *(Lq 11,1)*. Tgħid ma kinitx id-dehra tal-Imgħallem jitlob, li wasslet lil dan id-dixxiplu ta' Kristu biex ikollu x-xewqa li jitlob? Għaldaqstant jista' jitgħallem jitlob mill-Imgħallem stess tat-talb. Huma u *jikkontemplaw* u jisimgħu l-Iben li l-ulied jitgħallmu jitolbu lill-Missier.

2602 Ġesù spiss kien imur f'xi post imwarrab, *waħdu*, fuq xi muntanja, l-aktar billejl, biex jitlob.[7] Fit-talb tiegħu *hemm il-bnedmin kollha*, għax ħa n-natura ta' bniedem fl-Inkarnazzjoni tiegħu, u joffriha lill-Missier huwa u joffri lilu nnifsu wkoll. Hu l-Verb li "sar bniedem", fit-talba tiegħu ta' bniedem isieħeb dak kollu li jgħixu l-bnedmin "ħutu" *(Lh 2,12)*; jagħder id-dgħufija tagħhom biex jeħlishom minnha.[8] Għalhekk bagħtu l-Missier. B'hekk kliemu u għemilu jidhru bħala manifestazzjoni tat-talba tiegħu "fil-moħbi".

2603 L-evanġelisti żammewlna, b'mod l-aktar ċar, żewġ talbiet ta' Kristu matul il-ministeru tiegħu. Kull waħda tibda b'radd ta' ħajr. Fl-ewwel talba[9] Ġesù jfaħħar lill-Missier, jagħrfu u jbierku għax ħeba l-misteri tas-Saltna lil dawk li jaħsbu li huma għorrief, u wriehom liċ-"ċkejknin" (il-foqra tal-beatitudni). L-għajta tiegħu "Iva, Missier!" turi

[1] Ara Lq 1,49; 2,19; 2,51.
[2] Ara Lq 3,21.
[3] Ara Lq 9,28.
[4] Ara Lq 22,41-44.
[5] Ara Lq 6,12.
[6] Ara Lq 22,32.
[7] Ara Mk 1,35; 6,46; Lq 5,16.
[8] Ara Lh 2,15; 4,15.
[9] Ara Mt 11,25-27; u Lq 10,21-22.

x'kellu fil-fond ta' qalbu, ir-rabta sħiħa ma' dak "li jogħġob" lill-Missier, eku tal-*"Fiat"* ("Ikun minni") ta' Ommu Marija meta nisslitu fil-ġuf tagħha, u preludju għal dak li kien se jgħid lill-Missier waqt l-agunija tiegħu. It-talb ta' Ġesù hu kollu kemm hu rabta sħiħa kollha mħabba tal-qalb tiegħu ta' bniedem, mal-"misteru tar-rieda" tal-Missier *(Ef 1,9)*.

2604 It-tieni talba nsibuha f'San Ġwann[1] qabel il-qawmien ta' Lazzru Lazzru mill-mewt. Ir-radd il-ħajr jiġi qabel il-fatt. "Missier, inroddlok ħajr li smajtni", u dan ifisser li l-Missier dejjem jisma' dak li jitolbu; u Ġesù minnufih iżid: "Kont naf li int dejjem tismagħni", u dan ifisser li, min-naħa tiegħu, Ġesù *jitlob* mingħajr ma jieqaf qatt. Hekk, it-talba ta' Ġesù, mibdija b'radd ta' ħajr, turina kif għandna nitolbu. *Qabel* jingħata d-don, Ġesù jintrabat ma' dak li jagħti, u li jagħti lilu nnifsu fid-doni tiegħu. Dak li jagħti hu wisq aktar għażiż mid-don li jagħti, hu t-"Teżor", u fih hi l-qalb ta' Ibnu; id-don hu mogħti bħala "xi ħaġa aktar".[2]

It-talba "saċerdotali" ta' Ġesù[3] għandha post speċjali fil-pjan tas-salvazzjoni. salvazzjoni. Nimmeditawha fi tmiem l-ewwel sezzjoni. Fil-fatt turi t-talba li jibqa' jagħmel dejjem il-Qassis il-kbir tagħna u, fl-istess ħin, fiha dak kollu li jgħallimna fit-talba tagħna lill-Missier, li tiġi mfissra fit-tieni sezzjoni.

2605 Meta waslet is-siegħa biex itemm il-pjan ta' mħabba tal-Missier, Ġesù wriena l-kobor bla qies tat-talba tiegħu bħala Iben, mhux biss qabel ma ta lilu nnifsu minn rajh għalina ("Missier… tkun magħmula r-rieda tiegħek u mhux tiegħi" – *Lq 22,42*), imma wkoll sa*l-aħħar kelmiet tiegħu* fuq is-salib, dak il-ħin li fih it-talba tiegħu u l-offerta tiegħu nnifsu saru ħaġa waħda: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" *(Lq 23,34)*. "Tassew, ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi" *(Lq 24,43)*. "Mara, hemm hu ibnek". "Hemm hi ommok" *(Ġw 19,26-27)*. "Għandi l-għatx!" *(Ġw 19,28)*. "Alla tiegħi, għaliex tlaqtni!".[4] "Kollox hu mitmum" *(Ġw 19,30)*. "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi" *(Lq 23,46)* sal-"għajta kbira" meta miet u radd ruħu.[5]

2606 In-niket kollu tal-bnedmin ta' kull żmien, tal-bnedmin ilsiera tad-dnub u l-mewt, it-talb u l-interċessjonijiet tal-grajja kollha tas-salvazzjoni jinsabu miġburin f'din l-għajta kbira tal-Verb magħmul bniedem. U ara l-Missier jilqagħhom u, kontra kull tama, jismagħhom għax iqajjem lil Ibnu mill-mewt. U hekk isseħħ u tintemm il-ġrajja tat-talb fil-pjan tal-ħolqien u tas-salvazzjoni. Is-Salterju jurina kif dan nifhmuh fi Kristu. Hu fl-illum tal-Qawmien mill-imwiet li l-Missier jgħid: "Ibni int, jien illum nissiltek. *Itlobni* u l-ġnus *nagħtik* b'wirtek, u truf l-art bi priża tiegħek"![6]

L-Ittra lil-Lhud turi b'mod drammatiku kif it-talba ta' Ġesù rebħet is-salvazzjoni: "Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ

[1] Ara Ġw 11,41-42.
[2] Ara Mt 6,21.33.
[3] Ara Ġw 17.
[4] Mk 15,34; ara Salm 22,2.
[5] Ara Mk 15,37; Ġw 19,30b.
[6] Salm 2,7-8; ara Atti 13,33.

minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza, u billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu" *(Lh 5,7-9)*.

## ĠESÙ JGĦALLIMNA NITOLBU

2607 Meta Ġesù jitlob ikun ġa qed jgħallimna nitolbu. Il-mixja teologali lejn Alla tat-talb tagħna hi t-talba ta' Kristu lill-Missier. Iżda l-Evanġelju jagħtina wkoll it-tagħlim espliċitu ta' Kristu fuq it-talb. Bħala għalliem tagħna jeħodna minn fejn inkunu, u pass pass iressaqna lejn il-Missier. Meta kien ikellem il-folol li jmorru warajh, Ġesù kien jibda minn dak li kienu jkunu jafu dwar it-talb skont il-Patt il-Qadim, u jurihom il-ħaġa ġdida li kienet is-Saltna li kellha tiġi. Imbagħad permezz tal-parabboli, kien jurihom x'kienet din il-ħaġa ġdida. Fl-aħħar nett lid-dixxipli, li kellhom ikunu l-għalliema tat-talb fil-Knisja tiegħu, ikellimhom bid-dieher dwar il-Missier u l-Ispirtu s-Santu.

2608 Wara d-*Diskors tal-Muntanja* Ġesu jinsisti fuq il-ħtieġa tal-*konverżjoni tal-qalb*: ir-rikonċiljazzjoni ma' ħuk qabel twassal l-offerta tiegħek fuq l-artal,[1] l-imħabba tal-għedewwa u t-talb għall-persekuturi,[2] it-talb lill-Missier "fil-moħbi" *(Mt 6,6)*, mingħajr ħafna tlablib bil-kliem,[3] il-maħfra mill-fond tal-qalb waqt it-talb,[4] is-safa tal-qalb u t-tfittix tas-Saltna.[5] Din il-konverżjoni hi kollha kemm hi diretta lejn il-Missier, hi konverżjoni ta' iben lejn missieru.

2609 Qalb li b'dan il-mod tiddeċiedi li tikkonverti, titgħallem titlob fil-*fidi*. Il-fidi hi għaqda ta' iben ma' Alla, 'il fuq minn dak kollu li nħossu jew nifhmu. Dan seta' jkun għax l-Iben il-maħbub fetħilna d-dħul għal għand il-Missier. Jista' jgħidilna biex "infittxu" u "nħabbtu" għax hu stess hu l-bieb u t-triq.[6]

2610 Bil-mod kif Ġesù jitlob lill-Missier u jrodd ħajr qabel jirċievi d-doni tiegħu, jgħallimna nitolbu bl-istess *kuraġġ tiegħu ta' iben*: "Kulma titolbu fit-talb tagħkom emmnu li tkunu ġa qlajtuh" *(Mk 11,24)*. Tant hi kbira l-qawwa tat-talb li "kollox jista' jkun għal min jemmen" *(Mk 9,23),* b'fidi hekk kbira li ma jkunx hemm lok ta' tħassib.[7] Daqskemm Ġesù jitnikket bin-"nuqqas ta' fidi" ta' dawk li kienu qrib tiegħu *(Mk 6,6)* u bil-"ftit fidi" tad-dixxipli tiegħu *(Mt 8,26),* daqshekk ieħor juri stagħġib għall-"fidi kbira" taċ-ċenturjun Ruman *(Mt 8,10)* u tal-mara Kangħanija *(Mt 15,28)*.

---

[1] Ara Mt 5,23-24.
[2] Ara Mt 5,44-45.
[3] Ara Mt 6,7.
[4] Ara Mt 6,14-15.
[5] Ara Mt 6,21.25.33.
[6] Ara Mt 7,7-11.13-14.
[7] Ara Mt 21,22.

2611 It-talba tal-fidi mhijiex biss li tgħid "Mulej, Mulej" imma hi wkoll tħejjija tal-qalb biex tagħmel *ir-rieda ta' Alla (Mt 7,21)*. Ġesù stieden lid-dixxipli biex juru din il-ħerqa għall-kooperazzjoni mal-pjan ta' Alla fit-talb.[1]

2612 F'Ġesù "s-Saltna ta' Alla hi fil-qrib"; Ġesù jistieden mhux biss għall-konverżjoni u għall-fidi, imma wkoll għas-*sahra*. Fit-talb id-dixxiplu jishar attent għal dak li Hu u li Ġej, waqt li jiftakar fl-ewwel miġja tiegħu meta ċċekken u sar bniedem bħalna, u jittama fit-tieni miġja tiegħu fil-glorja.[2] F'għaqda mal-Imgħallem tagħhom, it-talba tad-dixxipli hi taqbida, u għax jishru fit-talb, ma jaqgħux fit-tiġrib.[3]

2613 San Luqa ħallielna tliet *parabboli* ewlenin fuq it-talb:

L-ewwel waħda tal-"ħabib wiċċu sfiq"[4] hi stedina għat-talb bla waqfien: "Ħabbtu u jiftħulkom". Lil min jitlob b'dan il-mod, il-Missier tas-sema "jagħtih kulma jeħtieġ" u l-aktar l-Ispirtu s-Santu li fih hemm id-doni kollha.

It-tieni hi dik ta' "l-armla ġejja u sejra għand l-imħallef biex jagħmel ħaqq magħha":[5] hi hi dwar waħda mill-kwalitajiet tat-talb: għandna nitolbu dejjem mingħajr qatt ma nintelqu u nitolbu bis-*sabar* li jiġi mill-fidi. "Imma taħsbu intom li Bin il-bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi?"

It-tielet waħda hi dik tal-"Fariżew u l-pubblikan"[6] u hi dwar l-*umiltà* tal-qalb fit-talb. "Alla, ħenn għalija, għax jien midneb". Din it-talba l-Knisja qatt ma tieqaf tagħmilha tagħha: "Kyrie, eleison".

2614 Meta Ġesu għarraf bid-dieher lid-dixxipli tiegħu l-misteru tat-talb lill-Missier, uriehom kif kellu jkun it-talb tagħhom u tagħna, wara li hu jkun reġa' lura għand il-Missier, bl-umanità glorifikata tiegħu. Dak li hemm ġdid issa hu li "nitolbu *f'ismu*" *(Ġw 14,13)*. Il-fidi fih wasslet lid-dixxipli għall-għarfien tal-Missier, għax Ġesù hu "t-Triq, il-Verità u l-Ħajja" *(Ġw 14,6)*. Il-fidi tagħti l-frott tagħha fl-imħabba: tħares il-kelma tiegħu, il-kmandamenti tiegħu, tibqa' miegħu fil-Missier li fih iħobbna tant li jasal biex jgħammar fina. F'dan il-Patt il-Ġdid aħna żguri li dak li nitolbu se jingħatalna għax ibbażat fuq it-talba ta' Ġesù.[7]

2615 Barra dan, dak li l-Missier jagħtina meta t-talba tagħna hi magħquda ma' dik ta' Ġesù, hu "Difensur ieħor", biex jibqa' dejjem magħna, "l-Ispirtu tal-Verità" *(Ġw 14,16-17)*. Din il-ħaġa ġdida fit-talb u l-kundizzjonijiet għaliha narawhom permezz tad-Diskors tal-aħħar ta' Ġesù.[8] It-talb nisrani, fl-Ispirtu s-Santu, hu għaqda ta' mħabba mal-Missier, mhux biss permezz ta' Kristu, imma wkoll *fi Kristu*: "Sa issa ma tlabtu xejn f'ismi. Itolbu u taqilgħu, u l-ferħ tagħkom ikun sħiħ" *(Ġw 16,24)*.

---

[1] Ara Mt 9,38; Lq 10,2; Ġw 4,34.
[2] Ara Mk 13; Lq 21,34-36.
[3] Ara Lq 22,40.46.
[4] Ara Lq 11,5-13.
[5] Ara Lq 18,1-8.
[6] Ara Lq 18,9-14.
[7] Ara Ġw 14,13-14.
[8] Ara Ġw 14,23-26; 15,7.16; 16,13-15; 16,23-27.

ĠESÙ JISMA' T-TALB TAGĦNA

2616 It-talb *lil Ġesù* ġa nstema' minnu waqt il-ministeru tiegħu, permezz tas-sinjali li ħabbru l-qawwa tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet: Ġesù jisma' t-talba tal-fidi, magħmula bil-kliem,[1] magħmula fis-skiet.[2] It-tradizzjoni daħħlet it-talba ħerqana tal-għomja: "Bin David, David, ħenn għalina!" *(Mt 9,27)* jew "Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni!" *(Mk 10,48)* fit-*Talba lil Ġesù*: "Ġesù, Kristu, Iben Alla, Mulej, ħenn għalija, midneb". U Ġesù dejjem iwieġeb għat-talb li jsirlu bil-fidi, kemm biex ifejjaq mill-mard u kemm biex jaħfer id-dnubiet: "Mur fis-sliem! Il-fidi tiegħek salvatek!"

> Santu Wistin jiġbor fil-qosor b'mod tal-għaġeb it-tliet dimensjonijiet tat-talba ta' Ġesù: "Jitlob għalina bħala s-Saċerdot tagħna, jitlob fina bħala r-Ras tagħna, hu mitlub minna bħala Alla tagħna. Nagħrfu mela l-ilħna tagħna fih u l-ilħna tiegħu fina".[3]

IT-TALBA TAL-VERĠNI MARIJA

2617 It-talba tal-Verġni Marija tidher lilna fis-sebħ tal-milja taż-żminijiet. Qabel l-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla u qabel il-miġja tal-Ispirtu s-Santu, it-talba tagħha tissieħeb b'mod liema bħalu mal-pjan kollu mħabba tal-Missier: fit-Tħabbira tal-Anġlu għat-tnissil ta' Kristu[4] u u matul l-istennija tal-miġja tal-Ispirtu s-Santu ħa tissawwar il-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu.[5] Fil-fidi tal-qaddejja umli ta' Alla, id-Don ta' Alla jintlaqa' kif kien mistenni sa mill-bidu taż-żminijiet. Dik li Dak li jista' kollox għamilha "mimlija bil-grazzja" twieġeb bl-offerta tagħha nfisha kollha kemm hi: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek". *Fiat* hi t-talba nisranija: tkun kollok għalih għax hu kollox għalina.

2618 L-Evanġelju jurina kif Marija tidħol għalina bil-fidi: fit-tieġ ta' Kana *(Ġw 2,1-12)* Omm Ġesù titlob lil Binha għal dak li kien meħtieġ fl-ikla tat-tieġ, xbieha ta' ikla oħra, dik tat-tieġ tal-Ħaruf li jagħti ġismu u demmu meta titlobhomlu l-Knisja, l-Għarusa tiegħu. U huwa fil-ħin tal-Patt il-Ġdid, ħdejn is-salib[6] li Marija tiġi mismugħa bħala l-Mara, l-Eva l-l-ġdida, il-vera "omm il-ħajjin kollha".

2619 Hu għalhekk li l-kantiku ta' Marija,[7] (il-*Magnificat* Latin, u l-*Megalinarju* Biżantin) hu fl-istess waqt il-kantiku ta' Omm Alla u kantiku tal-Knisja, kantiku ta' Bint Sijon u kantiku tal-poplu ġdid ta' Alla, kantiku ta' radd il-ħajr għall-milja tal-grazzja mogħtija bil-pjan tas-salvazzjoni, u kantiku tal-"fqajrin" li t-tamiet tagħhom twettqu għax

[1] L-Imġiddem *(ara Mk 1, 40-41);* Ġajru *(ara Mk 5,36);* il-Kangħanija *(ara Mk 7,29);* il-Ħalliel it-Tajjeb *(ara Lq 23,39-43).*

[2] Dawk li refgħu l-miflug *(ara Mk 2,5)* il-mara li kienet tbati b'nixxija tad-demm, li missitlu l-libsa *(ara Mk 5,28);* il-mara midinba li ħaslitlu saqajh bi dmugħha u bil-fwejjaħ tagħha *(ara Lq 7,37-38).*

[3] Santu Wistin *Enarratio in psalmum,* 85, 1; ara Istituzzjoni ġenerali tal-Liturġija tas-Sigħat, 7.

[4] Ara Lq 1,38.

[5] Ara Atti 1,14.

[6] Ara Ġw 19,25-27.

[7] Ara Lq 1,46-55.

seħħu l-wegħdiet li saru lil missirijietna "b'risq Abraham u nislu għal dejjem".

**Fil-qosor**

2620 *Fit-Testment il-Ġdid il-mudell perfett tat-talb insibuh fit-talba filjali ta' Kristu. Magħmula spiss meta kien ikun waħdu, fis-skiet, it-talba ta' Ġesù kienet għaqda sħiħa fl-imħabba mar-rieda tal-Missier, sas-salib, u b'tama sħiħa li tkun mismugħa.*

2621 *Fit-tagħlim tiegħu Ġesù għallem lid-dixxipli kif jitolbu b'qalb safja, fidi ħajja u perseveranti, b'kuraġġ ta' wlied. Qalilhom jishru u stedinhom juru lil Alla x'iridu f'Ismu. Ġesù Kristu stess jisma' t-talb li jsirlu.*

2622 *It-talba tal-Verġni Marija, fil-*Fiat *u l-*Magnificat *tagħha, bħala karatteristika għandha l-offerta sħiħa tagħha nfisha bil-fidi.*

### It-tielet artiklu

## FIŻ-ŻMIEN TAL-KNISJA

2623 F'jum Għid il-Ħamsin, l-Ispirtu mwiegħed niżel fuq id-dixxipli "kif kienu lkoll flimkien f'post wieħed" *(Atti 2,1)* jistennew "ilkoll qalb waħda, jitolbu flimkien" *(Atti 1,14)*. L-Ispirtu li jgħallem il-Knisja u jfakkarha dak kollu li qal Kristu[1] iħejjiha wkoll għall-ħajja ta' talb.

2624 Fl-ewwel komunità ta' Ġerusalemm, dawk li kienu jemmnu "kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli, u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" *(Atti 2,42)*. Dan hu ordni tipiku tat-talb tal-Knisja: mibnija fuq il-fidi tal-Appostli, turi l-verità tagħha fl-imħabba, u titmantna bl-Ewkaristija.

2625 Dan it-talb hu l-ewwel nett dak li l-Insara jisimgħu u jaqraw fil-Kotba Mqaddsa, iżda jagħmluh tagħhom fil-prattika, b'mod speċjali s-Salmi, meta jarawh iseħħ fi Kristu.[2] L-Ispirtu s-Santu, li jfakkar 'il Kristu b'dan il-mod lill-Knisja hija u titlob, iwassalha wkoll lejn il-verità sħiħa u jqajjem fiha formulazzjonijiet ġodda ta' talb, li jfissru l-misteru li l-moħħ tal-bniedem ma jasal qatt biex jifhem, il-misteru ta' Kristu li jaħdem fil-ħajja, fis-sagramenti u fil-missjoni tal-Knisja tiegħu. Dawn il-formoli ta' talb żviluppaw fit-tradizzjonijiet liturġiċi u spiritwali kbar tal-Knisja. *Il-forom ta' talb*, kif turihomlna l-Iskrittura, jibqgħu dejjem in-norma tat-talb nisrani.

### I. Il-barka u l-adorazzjoni

[1] Ara Ġw 14,26.
[2] Ara Lq 24,27.44.

2626 Il-*barka* tfisser moviment ħiereġ mill-qalba tat-talb nisrani: hi laqgħa bejn Alla u l-bniedem; fiha d-don ta' Alla u l-aċċettazzjoni tal-bniedem isejħu lil xulxin u jingħaqdu flimkien. It-talba tal-barka hi t-tweġiba tal-bniedem għad-doni ta' Alla; għaliex Alla jbierek, il-qalb tal-bniedem tista' bi tweġiba tbierek lil dak li hu l-bidu ta' kull barka.

2627 Żewġ suriet fundamentali jfissru dan il-moviment: xi kultant il-barka, imwassla mill-Ispirtu s-Santu, titla' permezz ta' Kristu lejn il-Missier (inberkuh għax berikna[1]); xi kultant hi talba għall-grazzja tal-Ispirtu s-Santu li, permezz ta' Kristu, tiġina mingħand il-Missier (huwa hu li jberikna[2]*)*.

2628 L-*adorazzjoni* hi l-ewwel qagħda li l-bniedem jieħu meta jagħraf li hu ħolqien ta' Alla, u jinsab quddiem dak li ħalqu. L-adorazzjoni tgħolli l-kobor tal-Mulej li ħalaqna[3] u s-setgħa tas-Salvatur li ħelisna mid-deni. Hi l-qagħda tal-ispirtu li jinxteħet fl-art quddiem is-"Sultan tal-glorja" *(Salm 24,9-10)*, u s-skiet kollu rispett quddiem Alla li hu "dejjem akbar minna".[4] L-adorazzjoni ta' Alla, tliet darbiet qaddis u ta' mħabba setgħana bla qies, turina ċ-ċokon kollu tagħna u tiżgurana li t-talb tagħna se jkun mismugħ.

## II. It-talb biex naqilgħu xi ħaġa

2629 Fit-Testment il-Ġdid hemm għana ta' kliem li jfisser: issejjaħ, titlob u terġa' titlob, titlob li tiġi mismugħ, tgħajjat, titniehed, kif ukoll "titqabad fit-talb".[5] Iżda l-għamla l-aktar tas-soltu tat-talb, għax toħroġ waħedha mill-qalb, hi dik tat-talb biex naqilgħu xi ħaġa: hu f'din l-għamla li nuru kif inħossu li hi l-qagħda tagħna quddiem Alla: ħlejjaq tiegħu li la aħna l-bidu tagħna nfusna, la nistgħu nikkontrollaw it-tiġrib li jiġi fuqna, u lanqas aħna l-għan aħħari tagħna nfusna; li aħna wkoll midinbin, u li bħala Nsara nafu li spiss nitbiegħdu minn Missierna. Meta nitolbu xi ħaġa, inkunu ġa qed nerġgħu lura lejn il-Missier.

2630 It-Testment il-Ġdid nistgħu ngħidu li ma għandux it-talb ta' lamentazzjoni, ta' tnehid, talb li nsibu ta' spiss fit-Testment il-Qadim. Wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, it-talb tal-Knisja hu kollu kemm hu mimli bit-tama, ukoll jekk hawn għadna nistennew u kuljum irridu nikkonvertu. It-talba tan-Nisrani toħroġ minn fond ieħor, minn dak li San Pawl isejjaħlu t-*tnehid* tal-ħolqien kollu "bl-uġigħ tal-ħlas" *(Rum 8,22)*, it-tnehid tagħna wkoll "waqt li nistennew il-fidwa ta' ġisimna, għax aħna salvi imma għadna nittamaw" *(Rum 8,23-24)*; u "t-tnehid li ma jistax jitfisser bi kliem", tnehid tal-Ispirtu s-Santu li "jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna għax aħna lanqas biss nafu nitolbu kif imiss" *(Rum 8,26)*.

2631 *It-talba għall-maħfra* hi l-ewwel pass tat-talba li biha nitolbu xi ħaġa mingħand Alla.[6] Hi d-daħla għal talba ġusta u safja. L-umiltà kollha

[1] Ara Ef 1,3-14; 2 Kor 1,3-7; 1 Piet 1,3-9.
[2] Ara 2 Kor 13,13; Rum 15,5-6,13; Ef 6,23-24.
[3] Ara Salm 95,1-6.
[4] Santu Wistin, *Enarratio in psalmos,* 62, 16.
[5] Ara Rum 15,30; Kol 4,12.
[6] Ara t-talba tal-Pubblikan: "Alla, ħenn għalija, għax jien midneb" *(Lq 18,13).*

fiduċja tagħna ddaħħalna fid-dawl tal-għaqda mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu u fl-għaqda ta' bejnietna,[1] hekk "kulma nitolbu naqilgħuh mingħandu" *(1 Ġw 3,22)*. It-talba għall-maħfra hi daħla għal-liturġija ewkaristika u għal kull talba personali.

2632 Din it-talba tan-Nisrani biex jaqla' xi ħaġa għandha l-qofol tagħha fix-xewqa u fit-*tfittix tas-Saltna* li għandha tiġi, skont it-tagħlim ta' Ġesù.[2] Hemm ġerarkija f'dak li nitolbu: l-ewwel is-Saltna, imbagħad dak li neħtieġu biex nilqgħuha u biex nagħtu sehemna ħa tiġi. Dan it-tisħib fil-missjoni ta' Kristu u tal-Ispirtu s-Santu, li issa hi l-missjoni tal-Knisja, kienet tintalab mill-komunità ta' żmien l-Appostli.[3] Hi t-talba ta' San Pawl, l-appostlu tal-ġnus, li turina kif il-ħerqa divina tal-Knejjes kollha trid tagħti l-ħajja lit-talb nisrani.[4] Bit-talba tiegħu, kull mgħammed iħabrek għall-miġja tas-Saltna.

2633 Meta nissieħbu b'dan il-mod fl-imħabba ta' Alla li ssalvana, naslu biex nifhmu li nistgħu nitolbu *kulma neħtieġu*. Kristu, li tgħabba b'kollox biex jifdi kollox, jiġi gglorifikat bit-talbiet tagħna li noffru lill-Missier f'ismu.[5] Hu proprju minħabba dan li San Ġakbu[6] u San Pawl iħeġġuna biex nitolbu dejjem, *f'kull okkażjoni*.[7]

## III. It-talb ta' interċessjoni

2634 L-interċessjoni hi talba biex naqilgħu xi ħaġa li tressaqna ħafna lejn l-istess talba ta' Kristu. Kristu waħdu li jidħol għall-bnedmin kollha, u l-aktar għall-midinbin, quddiem il-Missier.[8] "Hu jista' jsalva għalkollox għalkollox lil dawk li bih jersqu lejn Alla ladarba hu jibqa' dejjem ħaj biex jidħol għalihom" *(Lh 7,25)*. L-Ispirtu s-Santu stess "jidħol għalina bit-talb tiegħu… u bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin, skont ma jrid Alla" *(Rum 8,26-27)*.

2635 L-interċessjoni, jiġifieri t-talba favur xi ħadd, sa minn żmien Abraham, hi t-talba ta' wieħed li jinsab f'armonija sħiħa mal-ħniena ta' Alla. Fi żmien il-Knisja, l-interċessjoni nisranija tissieħeb fl-interċessjoni ta' Kristu; turi x-xirka tal-qaddisin. Fl-interċessjoni, min jitlob, jitlob mhux "dak li jaqbillu, imma dak li jaqbel lil ħaddieħor" *(Fil 2,4)* u jasal biex jitlob ukoll għal min jagħmillu d-deni.[9]

---

[1] Ara 1 Ġw 1,7-2,2.
[2] Ara Mt 6,10.33; Lq 11,2.13.
[3] Ara Atti 6,6; 13,3.
[4] Ara Rum 10,1; Ef 1,16-23; Fil 1,9-11; Kol 1.3-6; 4,3-4.12.
[5] Ara Ġw 14,13.
[6] Ara Ġak 1,5-8.
[7] Ara Ef 5,20; Fil 4,6-7; Kol 3,16-17; 1 Tes 5,17-18.
[8] Ara Rum 8,34; 1 Ġw 2,1; 1 Tim 2,5-8.
[9] San Stiefnu talab għal dawk li kienu jħaġġruh *(*ara *Atti 7, 60)*, kif Ġesù talab għal dawk li sallbuh *(*ara *Lq 23, 28-34)*.

2636 L-ewwel komunitajiet insara għexu b'mod l-aktar qawwi din is-sura ta' għajnuna għal xulxin.[1] Hu b'dan il-mod li San Pawl sieħeb oħrajn fil-ministeru tiegħu għax-xandir tal-Evanġelju,[2] iżda kien jitlob għalihom ukoll.[3] L-interċessjoni tal-Insara tħaddan lil kulħadd: "għall-bnedmin kollha, għas-slaten," *(1 Tim 2,1)*, għall-persekuturi,[4] għas-salvazzjoni ta' dawk li jiċħdu l-Evanġelju.[5]

## IV. It-talb ta' radd il-ħajr

2637 Ir-radd ta' ħajr hu karatteristiku fit-talb tal-Knisja li, hija u tiċċelebra l-Ewkaristija, turi u tassew tkun dak li fil-fatt hi. Dan għaliex bl-opra tas-salvazzjoni Kristu ħeles il-ħolqien mid-dnub u l-mewt biex jikkonsagrah mill-ġdid u jreġġgħu lura għand il-Missier, għall-glorja tiegħu. Ir-radd il-ħajr tal-membri tal-Ġisem għandu sehem mir-radd ta' ħajr tar-Ras tal-Ġisem.

2638 Kif jiġri fit-talba li biha nitolbu xi ħaġa, hekk ukoll fit-talb ta' radd il-ħajr: kull ġrajja, kull ħtieġa tista' ssir offerta ta' radd il-ħajr. L-ittri ta' San Pawl spiss jibdew u jintemmu b'radd ta' ħajr, u l-Mulej Ġesù hu dejjem fih. "Iżżu ħajr lil Alla f'kollox; dan hu li jrid Alla mingħandkom fi Kristu Ġesù" *(1 Tes 5,18)*. "Żommu sħiħ fit-talb, ishru fih b'radd ta' ħajr lil Alla" *(Kol 4,2)*.

## V. It-talb ta' tifħir

2639 It-tifħir hu dik l-għamla ta' talb li tagħraf minnufih li Alla hu tassew Alla! Tfaħħru għalih innifsu; tagħtih glorja, mhux biss għal dak li għamel, imma għal dak li HU. Tissieħeb fl-hena tal-qlub safja li jħobbuh bil-fidi qabel stess ma jarawh fil-glorja. Bih, l-Ispirtu s-Santu jissieħeb mal-ispirtu tagħna biex jixhdilna li aħna wlied Alla,[6] u jagħti xhieda għall-Iben il-waħdieni li fih sirna ulied adottivi u li bih nagħtu glorja lill-Missier. It-tifħir jgħaqqad flimkien l-għamliet l-oħra tat-talb u jwassalhom għand dak li hu l-bidu u t-tmiem: "Alla wieħed hemm, il-Missier, il minnu ġej kollox u aħna neżistu għalih" *(1 Kor 8,6)*.

2640 San Luqa fl-Evanġelju tiegħu spiss isemmi l-istagħġib u t-tifħir tan-nies quddiem l-għeġubijiet ta' Kristu, u jsemmi l-istagħġib u t-tifħir ukoll għall-ħidma tal-Ispirtu s-Santu li hi l-Atti tal-Appostli: il-komunità ta' Ġerusalemm,[7] il-fejqan tal-magħtub minn San Pietru u San Ġwann,[8] il-folla li tagħti glorja lil Alla,[1] u l-pagani ta' Pisidja li "bdew jifirħu u jigglorifikaw il-kelma tal-Mulej" *(Atti 13,48)*.

---

[1] Ara Atti 12,5; 20,36; 21,5; 2 Kor 9,14.
[2] Ara Ef 6,18-20; Kol 4,3-4; 1 Tes 5,25.
[3] Ara 2 Tes 1,11; Kol 1,3; Fil 1,3-4.
[4] Ara Rum 12,14.
[5] Ara Rum 10,1.
[6] Ara Rum 8,16.
[7] Ara Atti 2,47.
[8] Ara Atti 3,9.

2641 “Kantaw flimkien salmi, innijiet u kantiċi spiritwali, kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej” *(Ef 5,19; Kol 3,16)*. Bħall-kittieba ispirati tat-Testment il-Ġdid, l-ewwel komunitajiet insara kienu jaqraw il-ktieb tas-Salmi u bihom ikantaw il-misteru ta’ Kristu. Fil-ħajja ġdida tal-Ispirtu li kienu jgħixu, huma kitbu wkoll innijiet u kantiċi biex jiċċelebraw il-misteru moħbi li Alla ried iseħħ f’Ibnu: l-Inkarnazzjoni, il-mewt rebbieħa tiegħu fuq il-mewt, il-qawmien mill-imwiet u t-tlugħ fis-sema fuq il-lemin tal-Missier.[2] Dan hu l-“għemil tal-għaġeb” tal-pjan kollu tas-Salvazzjoni li xxandar id-dossoloġija, it-tifħir ta’ Alla.[3]

2642 Ir-rivelazzjoni “ta’ dak li għandu jiġri ma jdumx”, l-Apokalissi, issir permezz tal-kantici tal-liturġija tas-sema[4] imma wkoll permezz tal-interċessjoni tax-“xiehda” (il-martri: *Apok 6,10*). Il-profeti u l-qaddisin, dawk kollha li ġew maqtula fuq l-art minħabba x-xhieda ta’ Ġesù,[5] il-kotra kbira ta’ dawk li ħarġu mit-tiġrib il-kbir u marru qabilna fis-Saltna, ikantaw it-tifħir tal-glorja ta’ Dak li qiegħed bilqiegħda fuq it-tron u tal-Ħaruf.[6] F’xirka magħhom il-Knisja fuq l-art tkanta hi wkoll dawn il-kantiċi, bil-fidi u waqt it-tiġrib, u fit-talb li bih nitolbu xi ħaġa jew nitolbu għal xi ħadd, tittama, ukoll meta m’hemm ebda tama, u trodd ħajr lill-Missier “l-għajn tad-dawl li minnu jingħata kull don perfett” *(Ġak 1,17)*. Il-fidi hi wkoll tifħir safi.

2643 Fl-Ewkaristija hemm espressi l-għamliet kollha tat-talb: hi “l-offerta safja” tal-Ġisem kollu ta’ Kristu, “għall-glorja ta’ Ismu”:[7] hi, skont it-tradizzjoni kemm tal-Lvant u kemm tal-Punent, “is-sagrifiċċju ta’ tifħir”.

## Fil-qosor

2644 *L-Ispirtu s-Santu jgħallem lill-Knisja u jfakkarha f’kulma qal Ġesù, iħarriġha wkoll fit-triq tat-talb, u jqanqal espressjonijiet ta’ talb li bla heda jiġġeddu fi ħdan is-suriet ta’ talb li għandha l-Knisja: barkiet, talb għal xi grazzja, interċessjonijiet, radd il-ħajr u tifħir.*

2645 *Għax Alla jbierek ‘il-bniedem, min-naħa tiegħu, il-bniedem jista’ jbierek lil dak li hu l-bidu ta’ kull barka.*

2646 *Hemm talb għall-maħfra, talb biex infittxu s-Saltna, u talb ukoll għal kulma neħtieġu.*

2647 *It-talb ta’ interċessjoni favur xi ħadd m’għandux limitu u hu talb ukoll għall-għedewwa.*

2648 *Kull ferħ u kull niket, il-ġrajjiet kollha u kull ħtieġa, jistgħu jwassluna għal radd il-ħajr li, imsieħeb ma’ dak ta’ Kristu, għandu jimla ħajjitna kollha: “Iżżu ħajr lil Alla f’kollox”* (1 Tes 5,18).

2649 *It-talb ta’ tifħir, bla ebda interess partikulari, għandu jwassalna għand Alla: inkantaw lil Alla, nagħtuh glorja, mhux biss għal dak li għamel, imma wkoll għal dak li Hu.*

---

1 Ara Atti 4,21.
2 Ara Fil 2,6-11; Kol 1,15-20; Ef 5,14; 1 Tim 3,16; 6,15-16; 2 Tim 2,11-13.
3 Ara Ef 1,3-14; Rum 16,25-27; Ef 3,20-21; Ġuda 24-25.
4 Ara Apok 4,8-11; 5,9-14; 7,10-12.
5 Ara Apok 18,24.
6 Ara Apok 19,1-8.
7 Ara Mal 1,11.

## IT-TIENI KAPITLU

# IT-TRADIZZJONI TAT-TALB

2650 It-talb hu mhux biss xi ħaġa li toħroġ waħedha mqanqla mill-qalb, bla ħsieb; għat-talb hi meħtieġa r-rieda. Mhux biżżejjed inkunu nafu dak li tgħidilna l-Iskrittura fuq it-talb: irridu wkoll nitgħallmu nitolbu. Issa hu permezz ta' trażmissjoni ħajja (it-Tradizzjoni) li l-Ispirtu s-Santu, fi ħdan il-Knisja li "temmen u titlob",[1] jgħallem lil ulied Alla jitolbu.

2651 It-tradizzjoni tat-talb nisrani hi waħda mis-suriet tat-tkattir tat-Tradizzjoni tal-fidi, b'mod partikulari permezz tal-kontemplazzjoni u l-istudju tal-fidili li jgħożżu f'qalbhom il-ġrajjiet u l-kliem tal-pjan tas-salvazzjoni, u permezz tal-għarfien fil-fond li jkollhom tal-affarijiet spiritwali li jagħmlu esperjenza tagħhom.[2]

### L-ewwel artiklu

## MILL-GHEJJUN TAT-TALB

2652 L-Ispirtu s-Santu hu "l-ilma ħaj" li, fil-qalb ta' min jitlob, "iwassal sal-ħajja ta' dejjem" *(Ġw 4,14)*. Hu jgħallimna kif nixorbu mill-għajn stess: minn Kristu. Issa fil-ħajja nisranija hemm għadd ta' nixxigħat minn din l-għajn, fejn Kristu qed jistenniena biex jagħtina nixorbu mill-Ispirtu s-Santu.

IL-KELMA TA' ALLA

2653 Il-Knisja "tħeġġeġ bil-qawwa kollha u b'mod speċjali lill-Insara kollha biex bil-qari ta' spiss tal-Kotba Mqaddsa jiksbu l-għerf bla qies ta' Ġesù Kristu... Imma t-talb għandu jsieħeb il-qari tal-Iskrittura biex ikun hemm djalogu bejn Alla u l-bniedem, għax lil Alla nkellmuh meta nitolbuh, lilu nisimgħu meta naqraw l-orakli ta' Alla".[3]

2654 Il-kittieba spiritwali jfissru (Mt 7,7) u juru fil-qosor kif għandha tkun il-qagħda tal-qalb li tfittex li titmantna bil-kelma ta' Alla fit-talb:

[1] Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum,* 8.
[2] Ara *Ibid.*
[3] San Ambroġ, *De officiis ministrorum,* 1, 88: PL 184, 476C; Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum,* 25.

"Fittxu intom u taqraw, u ssibu intom u timmeditaw; ħabbtu intom u titolbu, u jiftħulkom permezz tal-kontemplazzjoni".[1]

IL-LITURĠIJA TAL-KNISJA

2655 Il-missjoni ta' Kristu u tal-Ispirtu s-Santu, li fil-liturġija sagramentali tal-Knisja tħabbar, iġġedded u twassal il-misteru tas-salvazzjoni, tkompli mbagħad fil-qalba bit-talb. Il-kittieba spiritwali xi kultant ixebbhu l-qalb ma' artal. It-talb inissel fina u jagħmel tagħna l-liturġija aħna u nissieħbu fiha, u wkoll wara li tintemm. Imqar jekk issir "fil-moħbi",[2] din it-talba tibqa' talba *tal-Knisja*, hi għaqda mat-Trinità Qaddisa.[3]

IL-VIRTUJIET TEOLOGALI

2656 Wieħed jidħol fit-talb bħalma jidħol fil-liturġija: mill-bieb id-dejjaq tal-*fidi*. Permezz tas-sinjali tal-Preżenza tiegħu aħna nfittxu Wiċċ il-Mulej: hi l-kelma tiegħu li rridu nisimgħu u ngħożżu.

2657 L-Ispirtu s-Santu, li jgħallimna niċċelebraw il-liturġija aħna u nistennew il-Mulej jerġa' jiġi, jgħallimna wkoll nitolbu bit-*tama*. Min-naħa l-oħra, it-talba tal-Knisja u t-talb personali tagħna jqawwu fina t-tama. Is-Salmi, b'mod speċjali, bil-kliem varjat u konkret tagħhom, jgħallmuna nqiegħdu kull tama tagħna f'Alla: "Ittamajt b'tama qawwija fil-Mulej, u niżel ħdejja u sama' l-għajta tiegħi" *(Salm 40,2)*. "Alla tat-tama jimliekom ilkoll bil-ferħ u s-sliem permezz tal-fidi tagħkom sabiex it-tama tagħkom toktor bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu" *(Rum 15,13)*.

2658 "Din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna" *(Rum 5,5)*. It-talb, imsawwar mill-ħajja liturġika, jista' kollox bl-imħabba li biha aħna maħbubin fi Kristu u jagħtina li nwieġbu għaliha billi nħobbu bħalma ħabbna hu. L-imħabba hi l-għajn tat-talb: min jixrob minnha jilħaq il-quċċata tat-talb:

> Jiena nħobbok, Alla tiegħi, u x-xewqa waħda tiegħi hi li nħobbok sal-aħħar nifs ta' ħajti. Inħobbok, o Alla tiegħi ta' mħabba bla qies, u rrid aktar immut inħobbok milli ngħix mingħajr ma nħobbok. Inħobbok, Mulej, u l-grazzja waħda li nitolbok, hi li nħobbok għal dejjem... Alla tiegħi, jekk fommi ma jistax itenni kull mument li jiena nħobbok, irrid li qalbi dan ittennihulek ma' kull nifs li nieħu.[4]

"ILLUM"

2659 Aħna nitgħallmu nitolbu f'ċerti mumenti waqt li nisimgħu l-kelma tal-Mulej u nissieħbu fil-misteru tal-Għid, iżda l-Ispirtu tal-Mulej jingħatalna biex it-talb joħroġ minn fommna l-ħin kollu, fil-ġrajjiet kollha *ta' kull jum*. It-tagħlim ta' Ġesù fuq it-talb lill-Missier hu bħat-

[1] Ara Gwigo ta' Chartreux, *Scala claustralium:* PL 184, 476C.
[2] Ara Mt 6,6.
[3] Ara Istituzzjoni Ġenerali tal-Liturġija tas-Sigħat, 9.
[4] San Ġwann Marija Vianney, Talba.

tagħlim tiegħu fuq il-providenza ta' Alla:[1] iż-żmien hu f'idejn Alla: ma' Alla niltaqgħu dejjem illum, la l-bieraħ u lanqas għada: "Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu! La twebbsux qalbkom" *(Salm 95,7-8)*.

2660 It-talb waqt il-ġrajjiet ta' kull jum u ta' kull mument hu wieħed mis-sigrieti tas-Saltna li ġew rivelati liċ-"ċkejknin", lill-qaddejja ta' Kristu, lill-foqra tal-beatitudni. Hi ħaġa xierqa u sewwa li nitolbu li l-miġja tas-Saltna tal-ġustizzja u s-sliem tinfluwenza l-mixja tal-istorja, imma hu wkoll importanti "tagħġen" bit-talb l-għaġna tal-ġrajjiet żgħar tal-ħajja ta' kuljum. L-għamliet kollha tat-talb jistgħu jkunu l-ħmira li magħha l-Mulej ixebbah is-Saltna.[2]

## Fil-qosor

2661 *Hu permezz ta' trażmissjoni ħajja, it-Tradizzjoni li, fil-Knisja, l-Ispirtu s-Santu, jgħallem lil ulied Alla jitolbu.*

2662 *Il-kelma ta' Alla, il-liturġija tal-Knisja, il-virtujiet tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba, huma l-għejjun tat-talb.*

### It-tieni artiklu

# IL-MIXJA TAT-TALB

2663 Fit-tradizzjoni ħajja tat-talb, kull Knisja tagħti lill-fidili tagħha, skont l-ambjent storiku, soċjali u kulturali tagħhom, l-għamla tat-talb tagħhom: il-kliem, il-melodiji, il-ġesti u l-ikonografija. Hu dritt tal-Maġisteru[3] li jagħraf jekk ċerti triqat ta' talb humiex skont it-tradizzjoni tal-fidi tal-Appostli, u huwa dmir ir-ragħajja u l-katekisti li jfissru s-sens ta' dan, dejjem b'referenza għal Ġesù Kristu.

IT-TALBA LILL-MISSIER

2664 M'hemmx triq oħra għat-talb nisrani ħlief Kristu. Kemm jekk it-talb tagħna hu komunitarju jew personali, bil-fomm jew fil-qalb, għandna dħul għand il-Missier biss jekk nitolbu "f'isem" Ġesù. L-umanità qaddisa ta' Ġesù – Ġesù bħala bniedem – hu t-triq li minnha jgħaddina l-Ispirtu s-Santu biex jgħallimna nitolbu 'l Alla l-Missier.

IT-TALBA LIL ĠESÙ

2665 It-talba tal-Knisja, li titmantna bil-kelma ta' Alla u biċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, tgħallimna nitolbu lill-Mulej Ġesù. Ukoll jekk it-talba tal-Knisja hi aktarx magħmula lill-Missier, għandha wkoll, fit-

[1] Ara Mt 6,11.34.
[2] Ara Lq 13, 20-21.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Dei Verbum*, 10.

tradizzjonijiet liturġiċi kollha, suriet ta' talb magħmulin lil Kristu. Xi Salmi, kif tlissinhom il-Knisja fit-talba tagħha, u t-Testment il-Ġdid iqiegħdu fuq fommna u jnaqqxu fi qlubna l-invokazzjonijiet ta' din it-talba lil Kristu: Iben Alla, Verb ta' Alla, Mulej, Salvatur, Ħaruf ta' Alla, Sultan, Iben maħbub, Iben il-Verġni, Ragħaj tajjeb, Ħajja tagħna, Dawl tagħna, Tama tagħna, Qawmien tagħna, Ħabib tal-bnedmin…

2666 Iżda l-isem li jħaddan dawn l-ismijiet kollha, hu dak li ngħata lill-Iben ta' Alla fl-Inkarnazzjoni tiegħu: ĠESÙ. L-isem ta' Alla ma jistax jiġi mtenni minn fomm il-bnedmin,[1] iżda meta l-Verb ta' Alla sar bniedem bħalna, għarrafhulna u għalhekk nistgħu ntennuh: "Ġesù, "JHWH (Jaħweh) isalva".[2] L-isem ta' Ġesù fih kollox: Alla u l-bniedem u l-ekonomija kollha tal-ħolqien u tas-salvazzjoni. Titlob lil "Ġesù" jfisser issejjaħlu fik. Ismu biss għandu fih il-preżenza li jfisser, Ġesù nnifsu. Ġesù rxoxta, u kull min isemmi ismu jkun jilqa' fih l-Iben ta' Alla li ħabbu u ta lilu nnifsu għalih.[3]

2667 Din is-sejħa ta' fidi tal-Isem ta' Ġesù, sejħa hekk sempliċi, ġiet żviluppata fit-tradizzjoni tat-talb tal-Lvant u tal-Punent f'ħafna suriet differenti. Il-formularju l-aktar użat li wasslulna l-irħieb spiritwali tas-Sinaj, tas-Sirja u tal-Athos, hi l-invokazzjoni: "Ġesù Kristu, Bin Alla, Mulej, ħenn għalina, midinbin." Tgħaqqad flimkien l-innu kristoloġiku ta' Fil 2,6-11 mat-talba tal-Pubblikan u tal-Għomja tal-Evanġelju.[4] B'din l-invokazzjoni qalbna tgħaqqad flimkien il-miżerja tal-bnedmin u l-ħniena tas-Salvatur tagħhom.

2668 L-invokazzjoni tal-Isem ta' Ġesù hi l-eħfef triq għat-talb li ma jaqta' qatt. Imtennija ta' spiss minn qalb umli u attenta ma tintilifx f' "ħafna tlablib" *(Mt 6,7)*, imma "tgħożż il-kelma u tagħmel il-frott billi żżomm sħiħ".[5] Tista' ssir "f'kull ħin" għax mhijiex xi ħidma flimkien ma' ħidmiet oħra, imma ħidma waħdanija, dik li tħobb 'l Alla, li jagħti l-ħajja u jbiddel kull ħidma fi Kristu Ġesù.

2669 It-talb tal-Knisja jqim u jagħti ġieħ lill-*Qalb ta' Ġesù*: l-istess kif isejjaħ l-Isem imqaddes ta' Ġesù. Il-Knisja tadura l-Verb magħmul bniedem u lill-Qalb tiegħu li, għall-imħabba tal-bnedmin, ħalla li tkun minfuda minħabba dnubietna. It-talb nisrani jħobb jimxi t-*triq tas-salib* (il-*Via Sagra*) wara s-Salvatur. L-istazzjonijiet mill-Pretorju għall-Golgota sal-Qabar jgħidulna liema kienet il-mixja li għamel Ġesù biex jifdi d-dinja b'salibu.

"SPIRTU S-SANTU, EJJA FINA"

2670 "Ħadd ma jista' jgħid 'Ġesù hu l-Mulej', jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu" *(1 Kor 12,3)*. Kull darba li nibdew nitolbu lil Ġesù, ikun l-Ispirtu s-Santu li, bil-grazzja tiegħu li tibda taħdem fina qabel nibdew nitolbu, jiġbidna fit-triq tat-talb. Jekk l-Ispirtu s-Santu jgħallimna nitolbu, huwa u jfakkarna lil Kristu, kif ma nitolbux lilu wkoll? Għalhekk il-Knisja kuljum tistedinna nitolbu l-Ispirtu s-Santu, speċjalment fil-bidu u t-tmiem ta' kull ħidma importanti li nagħmlu:

---

[1] Ara Eż 3,14; 33, 19-23.
[2] Ara Mt 1,21.
[3] Ara Rum 10,13; Atti 2,21; 3,15-16; Gal 2,20.
[4] Ara Mk 10,46-52; Lq 18,13.
[5] Ara Lq 8,15.

> Jekk ma għandniex naduraw l-Ispirtu s-Santu, kif ngħidu li jagħmilna wlied Alla fil-Magħmudija tagħna? U jekk għandna nadurawh, m'għandux ikollu wkoll qima partikulari?[1]

2671 Is-sura tradizzjonali tat-talba lill-Ispirtu s-Santu hi dik li nitolbu 'l-Missier biex bi Kristu Sidna jagħtina l-Ispirtu Qaddis tiegħu.[2] Ġesù insista fuq din it-talba f'Ismu, fil-waqt stess li wiegħed id-don tal-Ispirtu tal-Verità.[3] Iżda t-talba l-aktar sempliċi u l-aktar diretta hi wkoll talba tradizzjonali: "Ejja, Spirtu s-Santu", talba li t-tradizzjonijiet liturġiċi kollha żviluppawha f'għadd ta' antifoni u innijiet:

> "Ejja, Spirtu s-Santu, imla qlub il-fidili tiegħek u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek".[4]

> Sultan tas-sema, Spirtu qaddis, Spirtu tal-Verità, int tinsab kullimkien, u timla kollox, teżor ta' kull ġid u għajn tal-Ħajja, ejja, għammar fina, saffina u salvana, int li int Tajjeb!.[5]

2672 L-Ispirtu s-Santu, li bl-unzjoni tiegħu jimla ħajjitna kollha, hu fina l-Imgħallem li jgħallimna t-talba nisranija. Hu jinseġ it-tradizzjoni ħajja tat-talb. Veru li hemm triqat tat-talb daqs kemm hemm persuni jitolbu, iżda hu dejjem l-istess Spirtu li jaħdem fina u magħna lkoll. Hi fl-għaqda fl-Ispirtu s-Santu li t-talb nisrani hu talb tal-Knisja.

F'GĦAQDA MAL-IMQADDSA OMM ALLA

2673 Fit-talb, l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna mal-Persuna tal-Iben il-waħdieni, fl-umanità glorifikata tiegħu. Permezz tagħha u fiha t-talb tagħna ta' wlied, jingħaqad fil-Knisja mat-talb ta' Omm Ġesù.[6]

2674 Wara li Marija tat il-kunsens tagħha bil-fidi għat-tħabbira tal-anġlu, kunsens li żammet sħiħ u bla tlaqliq ħdejn is-salib, bħala omm ħaddnet l-aħwa kollha ta' Binha li "għadhom mexjin f'din id-dinja fost tant perikli u qtigħ il-qalb".[7] Ġesù, il-medjatur waħdieni, hu t-Triq tat-talb tagħna: Marija, Ommu u Ommna, hi dejjem id-dija tiegħu: hi "turina t-triq" (Hodogitrija) hi s-"Sinjal", skont l-ikonografija tradizzjonali tal-Lvant u tal-Punent.

2675 Hi minn din il-kooperazzjoni singulari ta' Marija mal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, li l-Knejjes żviluppaw it-talb tagħhom lill-Verġni Omm Alla, talb li l-qofol tiegħu hu l-Persuna ta' Kristu, kif tidher fil-misteri tiegħu. Fl-għadd bla qies ta' antifoni u innijiet li jfissru din it-talba hemm żewġ ħsibijiet li bħala regola juru ruħhom, issa wieħed u issa l-ieħor: wieħed "ifaħħar" lill-Mulej għall-"ħwejjeġ kbar" li għamel mal-qaddejja ċkejkna tiegħu u, permezz tagħha, mal-bnedmin kollha;[8] l-

---

1 San Girgor Nazjanzenu, *Orationes theologicae*, 5, 28: PG 36, 165C.
2 Ara Lq 11,13.
3 Ara Ġw 14,17; 15,26; 16,13.
4 Sekwenza ta' Għid il-Ħamsin.
5 Liturġija Biżantina, *Troparia* tal-Għasar ta' Għid il-Ħamsin.
6 Ara Atti 1,14.
7 Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 62.
8 Ara Lq 1,46-55.

ieħor li tafda f'idejn Omm Ġesù t-talb u t-tifħir ta' wlied Alla għax hi issa tagħraf l-umanità li ntrabtet magħha permezz tal-Iben ta' Alla.

2676 Dawn iż-żewġ ħsibijiet fit-talb lil Marija huma mfissrin b'mod tassew privileġġjat fit-talba tas-Sliema u Qaddisa:

*"Sliem għalik, Marija (Ifraħ, Marija)".* It-tislima tal-Anġlu Gabrijel tagħti bidu għat-talba. Hu Alla nnifsu li, permezz ta' anġlu, isellem lil Marija. It-talba tagħna bil-kuraġġ kollu ttenni l-istess tislima lil Marija bl-istess mod kif Alla xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu,[1] u fiha nithennew b'hena kbir.[2]

*"Mimlija bil-grazzja. Il-Mulej miegħek".* Iż-żewġ kelmiet tat-tislima tal-Anġlu jfissru 'l xulxin. Marija hi mimlija bil-grazzja għax il-Mulej magħha. Il-grazzja li Marija hi mimlija biha hi l-preżenza ta' dak li hu l-għajn ta' kull grazzja. "Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon... il-Mulej hu f'nofsok" *(Sof 3,14.17a)*. Marija, fejn jinżel jgħammar il-Mulej innifsu, hi l-bint ta' Sijon, l-Arka tal-Patt, il-post fejn jgħammar is-sebħ tal-Mulej, hi "l-għamara ta' Alla mal-bnedmin" *(Apok 21,3)*. "Mimlija bil-grazzja" tingħata kollha kemm hi lil dak li jinżel fiha u li hi se tagħtih lid-dinja.

*"Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù."* Wara li għamilna tagħna t-tislima tal-anġlu, nagħmlu tagħna wkoll dik ta' Eliżabetta. "Mimlija bl-Ispirtu s-Santu" *(Lq 1,41)*, Eliżabetta hi l-ewwel waħda li, fost tant u tant nisel, sejħet hienja lil Marija:[3] "Hienja dik li emmnet..." *(Lq 1,45)*; Marija hi "l-imbierka fost in-nisa" għax emmnet li se jseħħ kulma qalilha Alla. Abraham bil-fidi tiegħu sar barka għall-"ġnus kollha tal-art" *(Ġen 12,3)*. Bil-fidi tagħha, Marija saret Omm dawk kollha li jemmnu għax permezz tagħha l-ġnus kollha tal-art irċevew Dak li hu l-istess barka ta' Alla, "Ġesù, il-frott imbierek tal-ġuf tagħha".

2677 *"Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina..."* Flimkien ma' Eliżabetta nistagħġbu: "U minn fejn ġieni dan li Omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?" *(Lq 1,43)*. Għaliex Marija tagħtina lil Binha Ġesù, Marija hi Omm Alla u Ommna; nistgħu nafdawlha x-xewqat u t-talbiet kollha tagħna; titlob għalina kif talbet għaliha stess: "Ħa jsir minni skont kelmtek!" *(Lq 1,38)*. Aħna u nafdaw fit-talb tagħha għalina, flimkien magħha nintelqu għar-rieda ta' Alla: "Ħa jkun dak li trid int!"

*"Itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna".* Aħna u nitolbu lil Marija titlob għalina, nistqarru li aħna midinbin, u għalhekk nitolbu lil "Omm il-ħniena", l-Omm kollha kemm hi qaddisa. Nafdaw ruħna f'idejha "issa", fl-"illum" ta' ħajjitna. U l-fiduċja tagħna fiha hi tant kbira li minn "issa" nintelqu f'idejha "fis-siegħa tal-mewt tagħna". Jalla tkun ħdejna kif kienet ħdejn is-salib ta' Binha fis-siegħa tat-tluq tagħna biex tilqagħna bħala Ommna[4] u twassalna għand Binha Ġesù fis-sema.

2678 It-tjieba tal-Insara tal-Punent fiż-żminijiet tan-nofs żviluppat it-talba tar-Rużarju, li ħa l-post tat-Talba tas-Sigħat fost il-poplu. Fil-Lvant il-litanija tal-Akatistos u tal-Paraklesis huma aktar qrib l-uffiċċju korali tal-knejjes Biżantini, waqt li t-tradizzjonijiet Armeni, Kopti u Siri għażlu innijiet u kantici popolari f'ġieħ il-Verġni Marija. Iżda fl-Ave Marija, fit-teotokiji, fl-innijiet ta' San Efrem u ta' San Girgor ta' Narek, it-tradizzjoni tat-talb lil Marija hi fundamentalment l-istess.

2679 Marija hi l-*"Orante"* perfett, xbieha tal-Knisja. Meta nitolbuha, inkunu qegħdin ningħaqdu flimkien magħha fil-pjan ta' Alla l-Missier, li bagħat lil Ibnu għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Bħad-dixxiplu l-

---

[1] Ara Lq 1,48.
[2] Ara Sof 3,17b.
[3] Ara Lq 1,48.
[4] Ara Ġw 19,27.

maħbub, nilqgħu għandna lil Omm Ġesù,[1] li saret Omm il-ħajjin kollha. Nistgħu nitolbu lilha u nitolbu magħha. It-talb tal-Knisja qisu merfugħ mit-talb ta' Marija: hi marbuta magħha fit-tama.[2]

**Fil-qosor**

2680 *It-talb isir l-aktar lill-Missier; iżda jsir ukoll lil Ġesù, l-aktar billi nsejħu ismu: "Ġesù, Kristu, Iben Alla, Mulej, ħenn għalina, midinbin."*

2681 *"Ħadd ma jista' jgħid 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu"* (1 Kor 12,13). *Il-Knisja tistedinna nitolbu lill-Ispirtu s-Santu bħala Mgħallem fina li jgħallimna nitolbu.*

2682 *Minħabba s-sehem tagħha fil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, il-Knisja tħobb titlob f'għaqda mal-Verġni Marija biex magħha tfaħħar il-kobor tal-ħwejjeġ li Alla għamel fiha, u biex f'idejha tafda talb u tifħir.*

## It-tielet artiklu

# MEXXEJJA FIT-TALB

SĦABA TA' XHIEDA

2683 Ix-xhieda ta' dawk li marru qabilna fis-Saltna,[3] speċjalment dawk li l-Knisja tagħraf bħala "qaddisin", jissieħbu fit-tradizzjoni ħajja tat-talb bl-eżempju ta' ħajjithom, bil-kitbiet li ħallewlna, u bit-talb tagħhom illum. Huma qed jaraw 'l Alla wiċċ imb wiċċ, ifaħħruh u ma jehdew qatt jieħdu ħsieb lil dawk li ħallew fuq l-art. Meta "daħlu fl-hena" tal-Imgħallem tagħhom, ġie "fdat lilhom ħafna" *(Mt 25,21)*. It-talb tagħhom hu l-ogħla qadi tal-pjan ta' Alla. Aħna nistgħu u għandna nitolbuhom jidħlu għalina u għad-dinja kollha.

2684 Fix-xirka tal-qaddisin, fil-ġrajja twila tal-Knejjes, żviluppaw diversi *spiritwalitajiet*. Il-karizma personali ta' persuna xhud tal-imħabba ta' Alla għall-bnedmin setgħet għaddiet lil ħaddieħor, lil xi dixxiplu tiegħu, kif ġara għall-"ispirtu" ta' Elija li għadda għal għand Eliżew[4] u għand San Ġwann Battista,[5] biex hekk xi dixxipli jkollhom sehem mill-ispirtu tal-mexxej tagħhom.[6] Spiritwalità sura oħra nsibuha wkoll fejn jiltaqgħu kurrenti oħra liturġiċi u teoloġiċi, u huma xhieda tal-inkulturazzjoni tal-fidi f'xi ambjent tal-bniedem u fi ġrajjietu. L-ispiritwalitajiet insara huma parti mit-tradizzjoni ħajja tat-talb u huma

[1] Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 62.
[2] Ara *ibid.*, 68-69.
[3] Ara Lh 12,1.
[4] Ara 2 Slat 2,9.
[5] Ara Lq 1,17.
[6] Ara Konċ. Vatikan II, *Perfectae caritatis*, 2.

gwida li l-fidili ma jistgħux jgħaddu mingħajrhom. Huma jaqsmu f'ħafna lwien, fl-għana tal-ħafna suriet tagħhom, id-dawl safi u waħdieni tal-Ispirtu s-Santu.

> "L-Ispirtu hu post il-qaddisin, u l-qaddis hu l-post adatt għall-Ispirtu, għax il-qaddis joffri lilu nnifsu biex jgħammar ma' Alla u jissejjaħ tempju tiegħu".[1]

QADDEJJA TAT-TALB

2685 *Il-familja nisranija* hi l-ewwel post fejn isir it-taħriġ fit-talb. Mibnija fuq is-sagrament taż-Żwieġ, il-familja hi l-"knisja tad-dar" fejn l-ulied ta' Alla jitgħallmu jitolbu "bħala Knisja" u jżommu sħiħ fit-talb. Għat-tfal żgħar, b'mod partikulari t-talb ta' kuljum fil-familja hu l-ewwel xhieda tat-tifkira ħajja tal-Knisja, imqajma bil-mod il-mod permezz tal-Ispirtu s-Santu.

2686 *Il-ministri ordnati* huma wkoll responsabbli li jħarrġu fit-talb lil ħuthom fi Kristu. Qaddejja tar-Ragħaj it-tajjeb, huma ordnati biex imexxu l-poplu ta' Alla lejn l-għejjun ħajja tat-talb: il-kelma ta' Alla, il-liturġija, il-ħajja ma' Alla, l-Illum ta' Alla f'kull sitwazzjoni li sseħħ fil-fatt.[2]

2687 Ħafna *reliġjużi* kkonsagraw ħajjithom għat-triq tat-talb. Minn żmien l-anakoreti tad-deżert tal-Eġittu, eremiti, irħieb, sorijiet tal-klawsura offrew il-ħin kollu tagħhom għat-tifħir ta' Alla u għat-talb għall-poplu tiegħu. Il-ħajja kkonsagrata ma żżommx mingħajr it-talb, ma tinxteridx mingħajr it-talb: hi waħda mill-għejjun ħajja tal-kontemplazzjoni u tal-ħajja spiritwali fil-Knisja.

2688 *Il-katekeżi* tat-tfal, taż-żgħażagħ, tal-kbar tfittex li l-kelma ta' Alla tiġi mmeditata fit-talb personali, isseħħ fit-talba liturġika, u f'kull waqt tidħol fil-qalb biex tagħti l-frott tagħha f'ħajja ġdida. Il-katekeżi hi l-waqt li fih it-tjieba popolari tingħaraf jekk tkunx qed tiġi mrawma tajjeb.[3] It-tagħlim bl-amment ta' talb fundamentali hu għajnuna fit-triq tat-talb li ma tistax tgħaddi mingħajrha, iżda hu importanti ħafna li dan it-tagħlim bl-amment iwassal biex wieħed jifhem is-sens tat-talb u jieħu gost bih.[4]

2689 *Il-gruppi tat-talb*, li huma veri "skejjel ta' talb", huma llum wieħed mis-sinjali u bidu tat-tiġdid fit-talb tal-Knisja, sakemm dawn il-gruppi jixorbu mill-għejjun veri tat-talb tal-Knisja. Il-ħerqa għall-għaqda hu sinjal ta' talb veru fil-Knisja.

2690 L-Ispirtu s-Santu jagħti lil xi Nsara d-doni tal-għerf, tal-fidi u tal-għażla tal-ispirti għal dak il-ġid komuni li hu t-talb *(direzzjoni spiritwali)*. Dawk li għandhom dawn id-doni, irġiel u nisa li jkunu, huma tassew qaddejja tat-tradizzjoni ħajja tat-talb:

---

[1] San Bażilju l-Kbir ta' Ċesarija, *Liber de Spiritu Sancto*, 26, 62: PG 32, 184A.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Presbyterorum ordinis*, 4-6.
[3] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Catechesi tradendae*, 54.
[4] Ara *ibid.* 55.

> Hu b'dan li r-ruħ li trid timxi 'l quddiem fil-perfezzjoni, għandha, skont San Ġwann tas-Salib, "tara f'liema idejn se tintelaq, għax skont kif ikun l-imgħallem, ikun id-dixxiplu; skont kif ikun il-missier, ikun l-iben." Kif ukoll: "Mhux biss jeħtieġ li d-direttur spiritwali jkun għaref u għaqli, imma wkoll ta' esperjenza kbira… Jekk direttur spiritwali ma għandux l-esperjenza tal-ħajja spiritwali, ma għandux il-ħila jmexxi l-erwieħ li Alla jkun isejjaħ għall-perfezzjoni, u ma jifhimhomx".[1]

POSTIJIET ADATTI GĦAT-TALB

2691 Il-Knisja, id-dar ta' Alla, hi l-post proprju għat-talb liturġiku tal-komunità parrokkjali. Hi wkoll il-post privileġġjat tal-adorazzjoni ta' Kristu realment preżenti fis-Sagrament tal-artal. L-għażla tal-post adatt għat-talb mhijiex xi ħaġa li m'għandekx tqis, jekk trid li t-talb tiegħek ikun veru:

— għat-talb personali, l-aħjar post jista' jkun xi "rokna tat-talb" bil-Kotba mqaddsa u xi ikoni, biex tkun hemm "fil-moħbi" quddiem il-Missier.[2] Fi ħdan familja nisranija, din is-sura ta' oratorju żgħir jgħin ħafna t-talb flimkien;

— f'postijiet fejn hemm monasteri, il-vokazzjoni tal-komunitajiet tagħhom hi li jiċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-fidili, u jipprovdu dak is-skiet 'il bogħod minn kulħadd, tant meħtieġ għat-talb personali aktar imħeġġeġ;[3]

— il-pellegrinaġġi jfakkruna fil-mixi tagħna f'din id-dinja lejn is-sema pajjiżna. Tradizzjonalment huma mumenti qawwija għat-tiġdid tat-talb. Is-santwarji, għall-pellegrini li qed ifittxu l-għejjun ħajja tagħhom, huma postijiet mill-aqwa fejn wieħed jgħix "bħala Knisja" l-għamliet kollha tat-talb nisrani.

## Fil-qosor

2692 *Fit-talb il-Knisja, fil-mixi tagħha f'din id-dinja, hi msieħba mal-Knisja tal-qaddisin, li tagħhom titlob ħerqana l-interċessjoni.*

2693 *L-ispiritwalitajiet Insara differenti huma parti mit-tradizzjoni ħajja tat-talb u huma gwida ta' siwi kbir għall-ħajja spiritwali.*

2694 *Il-familja nisranija hi l-ewwel post fejn jingħata taħriġ fit-talb.*

2695 *Il-ministri ordnati, il-ħajja kkonsagrata, il-katekeżi, il-gruppi tat-talb, u d-"direzzjoni spiritwali" jiżguraw fil-Knisja għajnuna għat-talb.*

2696 *L-aħjar postijiet għat-talb huma l-oratorju personali jew familjari, il-monasteri, is-santwarji fejn isiru pellegrinaġġi u, fuq kollox, il-knisja li hi l-post proprju għat-talb liturġiku tal-komunità parrokkjali u l-post privileġġjat għall-qima tal-Ewkaristija.*

[1] Ara San Ġwann tas-Salib, *Fjamma Ħajja ta' Mħabba*, it-tielet strofa.
[2] Ara Mt 6,6.
[3] Ara Konċ. Vatikan II, *Perfectae caritatis*, 7.

## IT-TIELET KAPITLU

# IL-ĦAJJA TAT-TALB

2697 It-talb hu l-ħajja ta' qalb ġdida; irid jagħtina l-ħajja f'kull waqt u f'kull ħin. Issa aħna spiss ninsew lil dak li hu l-Ħajja tagħna, dak kollu li aħna. Hu għalhekk li l-Missirijiet tal-ħajja spiritwali, fit-tradizzjoni tad-Dewteronomju u tal-profeti, jinsistu fuq it-talb bħala "tifkira ta' Alla", li spiss tqanqal "it-tifkira tal-qalb". "Għandna niftakru f'Alla aktar ta' spiss milli nieħdu n-nifs".[1] Iżda ma naslux biex nitolbu "l-ħin kollu" jekk ma nitolbux f'mumenti partikulari, u jekk ma jkollniex ir-rieda: dawn il-mumenti jsiru l-mumenti tal-grazzja tat-talb nisrani, kemm f'dik li hi ħeġġa u kemm f'dak li hu tul.

2698 It-Tradizzjoni tal-Knisja toffri lill-fidili ċerti ritmi ta' talb sabiex isostnu t-talb li ma jaqtax. Uħud minn dawn ir-ritmi huma kuljum: it-talb ta' filgħodu u t-talb ta' filgħaxija, it-talb ta' qabel u wara l-ikel, il-Liturġija tas-Sigħat. Il-jum tal-Ħadd, li l-qofol tiegħu hu l-Ewkaristija, inqaddsuh l-aktar bit-talb. Iċ-ċiklu tas-sena liturġika u l-festi l-kbar huma ritmi fundamentali fil-ħajja tat-talb tal-Insara.

2699 Il-Mulej imexxi lil kull persuna kif jogħġbu, mit-triqat li jogħġbu lilu. U kull Nisrani jwieġeb lill-Mulej skont kif tgħidlu qalbu u kif personalment ifissru bi kliemu fit-talb tiegħu. Iżda t-Tradizzjoni nisranija żammet tliet suriet ewlenin ta' talb: it-talb bil-fomm, il-meditazzjoni, u l-orazzjoni kontemplattiva jew talb mentali. It-tliet suriet ta' talb għandhom l-istess aspett fundamentali: ġabra tal-qalb. L-attenzjoni biex tgħożż il-kelma u tibqa' quddiem Alla jagħmlu dawn it-tliet suriet ta' talb il-mumenti l-aktar qawwija tal-ħajja tat-talb.

### L-ewwel artiklu

## IS-SURIET TAT-TALB

### I. It-talb bil-fomm

2700 Alla jkellem lill-bniedem bil-kelma tiegħu. Hu bil-kliem, tal-fomm u tal-moħħ, li jitlissen it-talb. Iżda l-aktar ħaġa importanti fit-talb hi li qalbna tkun quddiem dak li nkunu qeghdin inkellmu fit-talb tagħna. "Is-smigħ tat-talb tagħna jiddependi, mhux minn kemm ngħidu kliem, imma mill-ħeġġa tar-ruħ.[2]

[1] San Girgor Nazjanzenu, *Orationes theologicae*, 1, 4.
[2] *Ibid.*

2701 It-talb bil-fomm hu ħaġa li l-ħajja nisranija ma tistax tgħaddi mingħajrha. Lid-dixxipli, miġbudin mit-talb fis-skiet tal-Imgħallem tagħhom, Ġesù għallimhom jitolbu bil-fomm, għallimhom il-"Missierna". Ġesù ma talabx biss bit-talb liturġiku tas-sinagoga; l-Evanġelji juruhulna jerfa' leħnu f'talb personali, mit-talba ta' barka ferrieħa tal-Missier[1] sat-talba mimlija niket fil-Ġetsemani.[2]

2702 Il-ħtieġa li s-sensi jissieħbu mat-talb tal-qalb, titlobha l-istess natura tagħna l-bnedmin. Aħna ruħ u ġisem u nħossu l-ħtieġa li nuru minn barra x'qegħdin inħossu ġewwa fina. Għandna nitolbu bir-ruħ u l-ġisem, bl-esseri kollu tagħna, biex it-talb tagħna jkollu l-qawwa kollha li jista' jkollu.

2703 Din il-ħtieġa jitlobha Alla wkoll. Alla jrid adoraturi veri fl-Ispirtu u l-Verità, għalhekk it-talb tagħna jrid joħroġ ħaj mill-fond ta' ruħna. Alla jrid li nuru bil-fomm dak li qed ngħidu f'qalbna, għax irid li ġisimna jkun imsieħeb mat-talb tar-ruħ, għax hekk ikollu l-qima perfetta ta' dak kollu li għandu dritt għalih.

2704 Peress li joħroġ fid-dieher u hu ġest daqstant uman, it-talb bil-fomm hu per eċċellenza t-talb tal-grupp. Iżda wkoll l-iktar talb interjuri, ma jistax jitraskura t-talb bil-fomm. It-talb isir interjuri minn kemm nagħrfu lil Dak "li miegħu qed nitkellmu".[3] B'dan il-mod it-talb bil-fomm isir l-ewwel sura tat-talb kontemplattiv.

## II. Il-meditazzjoni

2705 Il-meditazzjoni hi fuq kollox tfittix. L-ispirtu jfittex jifhem l-għaliex u l-kif tal-ħajja nisranija biex jintrabat u jwieġeb għal dak li l-Mulej jitlob. Tinħtieġ attenzjoni ħajja u li diffiċli titrawwem fina. Ġeneralment wieħed jgħin ruħu b'xi ktieb, u l-Insara mhumiex neqsin minn dawn il-kotba: l-Iskrittura, l-Evanġelju b'mod singulari, l-ikoni mqaddsa, it-testi liturġiċi tal-ġurnata jew taż-żmien, il-kitbiet tal-Missirijiet spiritwali, l-opri ta' spiritwalità, il-ktieb kbir tal-ħolqien u dak kbir ukoll tal-istorja, il-paġna tal-"Illum" ta' Alla.

2706 Meta timmedita fuq dak li taqra, tasal biex tagħmlu tiegħek, int u tqabblu miegħek innifsek. Hawn jinfetaħ ktieb ieħor, dak tal-ħajja. Wieħed jgħaddi mill-ħsibijiet għall-fatti. Daqskemm wieħed ikun umli u jemmen, daqstant ieħor isib x'qed iqanqallu l-qalb, u jagħrfu. Tkun qed tfittex li tagħmel il-verità biex tasal għad-dawl: "Mulej, xi tridni nagħmel?"

2707 Il-metodi tal-meditazzjoni jvarjaw skont l-għalliema spiritwali. In-Nisrani għandu jkollu r-rieda li jagħmel il-meditazzjoni b'mod regulari, inkella jkun jixbah l-ewwel tliet suriet ta' art li fuqhom

---

[1] Ara Mt 11,25-26.
[2] Ara Mk 14,36.
[3] Santa Tereża ta' Ġesù, *Triq tal-Perfezzjoni*, 26.

waqgħet iż-żerriegħa ta' dak li ħareġ jiżra'.[1] Iżda kull metodu hu biss gwida: l-importanti hu li wieħed jimxi 'l quddiem, flimkien mal-Ispirtu s-Santu, mit-triq waħdanija tat-talb: Ġesù Kristu.

2708 Il-meditazzjoni timpenja l-ħsieb, l-immaġinazzjoni, l-emozzjonijiet u x-xewqat. Dan l-impenn hu meħtieġ biex tikber il-konvinzjoni tal-fidi, titqanqal il-qalb għall-indiema u l-konverżjoni, u tissaħħaħ ir-rieda tal-mixi wara Kristu. It-talb nisrani jfittex l-aktar li jimmedita "l-misteri ta' Kristu", kif isir fil-*"lectio divina"* u fir-Rużarju. Din ir-riflessjoni fit-talb hi ta' siwi kbir, iżda t-talb nisrani għandu jfittex li jmur aktar 'il bogħod: irid jasal għall-għarfien tal-imħabba tal-Mulej Ġesù, għall-għaqda sħiħa miegħu.

### III. L-orazzjoni

2709 X'inhi l-orazzjoni? Santa Tereża tweġibna: "L-orazzjoni mentali hi, kif nifhimha jien, qsim intimu ta' ħbiberiji, fejn spiss wieħed ikun kollu kemm hu waħdu ma' Alla, li jaf li jħobbu".[2]

L-orazzjoni tfittex "dak li qalbi tħobbu".[3] Hu Ġesù, u fih, il-Missier. Lilu nfittxu għaliex ix-xewqa tiegħu hi dejjem il-bidu tal-imħabba; u nfittxuh b'fidi safja, b'dik il-fidi li twassalna biex nitwieldu minnu u ngħixu fih. Nistgħu nimmeditaw ukoll fl-orazzjoni, iżda hawn il-ħarsa hi fil-Mulej.

2710 L-għażla *tal-ħin u tat-tul tal-orazzjoni* turi rieda determinata, juri x'hemm moħbi fil-qalb. L-orazzjoni ma nagħmluhiex meta għandna l-ħin: fl-orazzjoni nqisu li ż-żmien kollu hu tal-Mulej, bil-fehma soda li dan iż-żmien ma neħduhulux lura ma' għonq it-triq, ikunu x'ikunu l-provi u tkun kemm tkun xotta u niexfa u bla gost il-laqgħa tagħna miegħu. Ma jistax ikun li wieħed joqgħod jimmedita l-ħin kollu, imma wieħed jista' joqgħod dejjem jagħmel orazzjoni, ikunu x'ikunu l-kundizzjonijiet ta' saħħtu, ta' xogħlu u tal-affetti tiegħu. Il-qalb hi l-post fejn wieħed ifittex 'l Alla u jiltaqa' miegħu, fil-faqar u fil-fidi.

2711 *Id-dħul fl-orazzjoni* hu b'xi mod l-istess bħad-dħul fil-Liturġija ewkaristika: "tinġabar" il-qalb, ninġabru fina nfusna, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, noqogħdu fl-għamara tal-Mulej, li ġewwa fina nħeġġu l-fidi u nidħlu quddiem dak li qed jistenniena, inneħħu l-maskra, u ndawru qalbna mill-ġdid lejn il-Mulej li jħobbna, biex ningħataw lilu bħala offerta ħalli jsaffiha u jibdilha.

2712 L-orazzjoni hi t-talba ta' wlied Alla, tal-midneb sogħbien u maħfur li jaċċetta li jilqa' l-imħabba li biha hu maħbub u li għaliha jwieġeb billi jħobb aktar.[4] Iżda jaf li l-imħabba li biha jerġa' jħobb hi dik li l-Ispirtu jsawwab f'qalbu, għax kollox hu grazzja min-naħa ta' Alla. L-orazzjoni hi r-rabta umli u fqira mar-rieda kollha mħabba tal-Missier f'għaqda dejjem aktar qawwija ma' Ibnu l-maħbub.

---

[1] Ara Mk 4,4-7.15-19.
[2] Santa Tereża ta' Ġesù, *Ktieb il-Ħajja,* 8.
[3] Għan 1,7; ara Għan 3,1-4.
[4] Ara Lq 7,36-50; 19,1-10.

2713 Hekk l-orazzjoni hi l-espressjoni l-aktar sempliċi tal-misteru tat-talb. L-orazzjoni hi *don*, grazzja; ma tistax tiġi milqugħa jekk mhux bl-umiltà u l-faqar. L-orazzjoni hi relazzjoni ta' *ħbiberija* miktuba minn Alla fil-qiegħ l-aktar fond tal-eżistenza tagħna.[1] L-orazzjoni hi *xirka*: it-Trinità Qaddisa tagħmel il-bniedem xbieha ta' Alla, "xebh ma' Alla".

2714 L-orazzjoni hi wkoll l-ogħla *żmien qawwi* tat-talb. Fl-orazzjoni l-Missier "permezz tal-Ispirtu tiegħu jagħtina li nsaħħu l-bniedem ta' ġewwa u li Kristu jgħammar f'qalbna permezz tal-fidi biex inniżżlu l-għeruq tagħna fl-imħabba u fuqha nibnu ħajjitna" *(Ef 3,16-17)*.

2715 Il-kontemplazzjoni hi *ħarsa* ta' fidi ffisata fuq Ġesù. "Jiena nħares lejh u hu jħares lejja". Hekk qal wieħed gabillot ta' Ars, hu u jitlob quddiem it-tabernaklu, fi żmien il-kappillan qaddis ta' Ars. Din l-attenzjoni mogħtija lilu, lil Ġesù, hi ċaħda "tiegħi nnifsi". Ħarstu tnaddaf il-qalb. Id-dija tal-ħarsa ta' Ġesù ddawwal l-għajnejn ta' qalbna; tgħallimna naraw kollox fid-dawl tal-verità u tal-mogħdrija tiegħu għall-bnedmin. Il-kontemplazzjoni twassal ukoll ħarsitha fuq il-misteri tal-ħajja ta' Kristu. U hekk titgħallem "l-għarfien minn ġewwa tal-Mulej" biex tħobbu aktar u tmur warajh b'ħeġġa akbar.[2]

2716 L-orazzjoni hi *smigħ* tal-kelma ta' Alla. Dan is-smigħ mhuwiex xi ħaġa passiva, imma hu ubbidjenza tal-fidi; l-imġiba ta' qaddej li jilqa' kollox bla ebda kundizzjoni, l-imġiba ta' tifel li jfittex li jkun imħaddan b'imħabba. Dan is-smigħ għandu sehem mill-"Iva" li biha l-Iben ta' Alla aċċetta li jkun il-Qaddej ta' Jaħweh, u l-*"fiat"* tal-qaddejja umli ta' Alla.

2717 L-orazzjoni hi *skiet*, "simbolu tad-dinja li trid tiġi",[3] jew "skiet ta' mħabba".[4] Il-kliem fl-orazzjoni mhuwiex diskors, imma zkuk li jkebbsu n-nar tal-imħabba. F'dan is-skiet, li l-bniedem "ta' barra" ma jiflaħx għalih, il-Missier jgħidilna l-Kelma tiegħu li hi l-Verb magħmul bniedem, li bata, miet u rxoxta, u l-Ispirtu ta' wlied jagħtina sehem fit-talba ta' Ġesù.

2718 L-orazzjoni hi *għaqda* mat-talba ta' Kristu skont kemm tagħtina sehem fil-misteru tiegħu. Il-Knisja tiċċelebra l-misteru ta' Kristu fl-Ewkaristija, u l-Ispirtu s-Santu jwasslu biex ngħixuh fl-orazzjoni, ħalli jidher fl-imħabba bil-fatti.

2719 L-orazzjoni hi xirka ta' mħabba li tagħti l-ħajja lill-kotra, daqskemm din taċċetta li tibqa' fid-dlam tal-fidi. Il-lejl imqaddes tal-Għid tal-Qawmien mill-imwiet tal-Mulej, jgħaddi mil-lejl tal-agunija u tal-qabar. Dawn huma t-tliet mumenti qawwija tas-Siegħa ta' Ġesù li l-Ispirtu tiegħu (mhux il-ġisem "li hu dgħajjef") jagħtina li ngħixu fl-orazzjoni. Jeħtieġ għalhekk naċċettaw li "nishru siegħa waħda miegħu" *(Mt 26,40)*.

[1] Ara Ġer 31,33.
[2] Ara San Injazju ta' Loyola, *Eżerċizzi spiritwali,* 104.
[3] Ara San Iżakk ta' Ninwè, *Tractatus mystici*, ediz. Bedjan, 66.
[4] San Ġwann tas-Salib, *Sentenzi ta' dawl u mħabba (Dichos de luz y amor),* 2, 5.

**Fil-qosor**

2720 *Il-Knisja tistieden lill-fidili biex jitolbu regolarment: talb ta' kuljum, il-Liturġija tas-Sigħat, l-Ewkaristija tal-Ħadd, il-festi tas-sena liturġika.*

2721 *It-tradizzjoni nisranija għandha tliet suriet ewlenin ta' talb: it-talb bil-fomm (talb vokali), il-meditazzjoni, u l-orazzjoni (it-talb mentali jew kontemplazzjoni). It-tliet suriet jitolbu l-ġabra tal-qalb.*

2722 *It-talb bil-fomm, mibni fuq l-għaqda tar-ruħ u l-ġisem fin-natura tal-bniedem, isieħeb il-ġisem fit-talb interjuri tal-qalb, fuq l-eżempju ta' Kristu li kien jitlob lill-Missier u jgħallem il-"Missierna" lid-dixxipli tiegħu.*

2723 *Il-meditazzjoni hi tfittix bit-talb, li jimpenja l-ħsieb, l-immaġinazzjoni, l-emozzjonijiet, u x-xewqat. Il-meditazzjoni trid tagħmel tagħha bil-fidi dak li tikkonsidra u tqabbel mal-fatti ta' ħajjitna.*

2724 *L-orazzjoni mentali (jew kontemplazzjoni) hi s-sura l-aktar sempliċi tal-misteru tat-talb. Hi ħarsa ta' fidi, iffissata fuq Ġesù, smigħ tal-kelma ta' Alla, imħabba siekta. Iġġib għaqda mat-talb ta' Kristu daqskemm tkun tissieħeb mal-misteru tiegħu.*

### It-tieni artiklu

## IT-TAQBIDA TAT-TALB

2725 It-talb hu don tal-grazzja u tweġiba min-naħa tagħna li niddeċiedu nagħtu. Titlob hu dejjem sforz. In-nies li kienu jitolbu ħafna fil-Patt il-Qadim qabel Kristu, bħal Omm Alla u l-qaddisin flimkien miegħu, jgħallmuna: it-talb hu taqbida. Kontra min? Kontra tagħna nfusna, kontra l-qerq tax-xitan li jagħmel minn kollox biex ibiegħed 'il-bniedem mit-talb, mill-għaqda ma' Alla. Nitolbu kif ngħixu, għax ngħixu kif nitolbu. Jekk ma rridux nimxu regolarment skont l-Ispirtu ta' Kristu, lanqas ma nkunu nistgħu nitolbu regolarment f'Ismu. It-"taqbida spiritwali" tal-ħajja ġdida tan-Nisrani ma tistax tinfired mit-taqbida tat-talb.

### I. Diffikultajiet kontra t-talb

2726 Fit-taqbida tagħna tat-talb se nsibu quddiemna, fina nfusna u madwarna, *fehmiet żbaljati dwar it-talb*. Xi wħud jaħsbu li t-talb hu biss xi ħidma psikoloġika, oħrajn jarawh sforz ta' konċentrazzjoni sakemm jinkiseb vojt fil-moħħ. Oħrajn iqisu t-talb bħala xi qagħdiet u kliem ritwali. Ħafna Nsara, mingħajr ma jirriflettu kif imiss, huma tal-fehma li

ma jistgħux jitolbu għax ikollhom ħafna x'jagħmlu: m'għandhomx żmien għat-talb. Xi wħud li jridu jfittxu 'l Alla fit-talb, malajr jaqtgħu qalbhom għax ma jafux li t-talb jiġi wkoll mill-Ispirtu s-Santu u mhux minnhom biss.

2727 Hemm imbagħad ukoll il-*mentalità* "ta' din id-dinja", mentalità li taħkimna jekk ma noqogħdux attenti għaliha. Eżempji ta' din il-mentalità: hu veru biss dak li nistgħu naraw li hu veru permezz tar-raġuni u tax-xjenza waqt li t-talb hu misteru li hu 'l hemm mill-kuxjenza tagħna u mis-subkonxju tagħna; il-valuri veri huma dawk tal-produzzjoni u tal-qligħ: bit-talb ma taqla' xejn u għalhekk ma jiswa xejn; il-kriterji ta' dak li llum hu veru, tajjeb u sabiħ, huma s-senswaliżmu u l-kumditajiet (waqt li t-talb, l-imħabba ta' dak li hu sabiħ" – filokalija –, hu l-imħabba tal-glorja ta' Alla ħaj u veru); b'reazzjoni għall-attiviżmu, it-talb jintwera bħala ħarba mid-dinja (iżda t-talb nisrani mhuwiex ħruġ mid-dinja u lanqas firda mill-ħajja).

2728 Fl-aħħar nett irridu nitqabdu kontra dak kollu li nħossu bħala *nuqqasijiet tagħna fit-talb*: naqtgħu qalbna għax inħossu nixfa fina għat-talb; niddejqu għax ma nistgħux nagħtu kollox lil Alla, għax għandna "ħafna ġid",[1] nitqarrqu għax it-talb tagħna ma ġiex milqugħ kif ridna; narawh ġerħa lis-suppervja tagħna li tagħfas fuq il-fatt li lilna ma jistħoqqilna xejn għax midinbin; allerġija għat-talb bħala don mogħti b'xejn, u ħafna nuqqasijiet oħra. Il-konklużjoni hi dejjem l-istess: Għalfejn titlob? Biex nirbħu dan it-tfixkil, irridu nitqabdu ħa jkollna l-umiltà, il-fiduċja u l-perseveranza.

## II. Is-sahra umli tal-qalb

QUDDIEM ID-DIFFIKULTAJIET TAT-TALB

2729 Id-diffikultà li soltu l-aktar li nsibu fit-talb hija d-*distrazzjoni*. Fit-talb bil-fomm id-distrazzjoni tista' tkun kemm dwar il-kliem tat-talb u kemm dwar is-sens tat-talb. Id-distrazzjoni tista' tkun aktar fil-fond, u tkun dwar lil min inkunu qed nitolbu, u dan kemm fit-talb bil-fomm (talb liturġiku u talb personali), u kemm fil-meditazzjoni u fl-orazzjoni mentali. Jekk tipprova tkeċċi d-distrazzjonijiet, tispiċċa biex titħabbel fihom, meta jkun biżżejjed għalik li terġa' lura f'qalbek. Id-distrazzjoni turina ma' xiex aħna għandna qalbna marbuta, u dan l-għarfien umli quddiem il-Mulej għandu jqanqal fina mħabba preferenzjali għalih, billi noffrulu qalbna b'fehma soda ħalli jsaffiha. It-taqbida hi proprju hawn, l-għażla tal-Mulej ħa naqduh.[2]

2730 Il-mod pożittiv biex nikkumbattu kontra s-sentimenti tagħna li naħtfu u naħkmu, hi li *ngħassu u nishru*, jiġifieri l-qies f'qalbna. Meta Ġesù jinsisti li għandna nishru, dan jagħmlu dejjem b'referenza għalih innifsu, għall-miġja tiegħu fl-aħħar jum u kull jum: "illum". L-Għarus jiġi

[1] Ara Mk 10,22.
[2] Ara Mt 6,21.24.

f'nofs ta' lejl; id-dawl li ma għandux jintefa hu d-dawl tal-fidi: "'Ejja', għedt f'qalbi, 'fittex 'il wiċċu'" *(Salm 27,8)*.

2731 Diffikultà oħra, li jsibu speċjalment dawk li tassew jixtiequ jitolbu mill-qalb, hi n-nixfa. Tagħmel sehem minn dik l-orazzjoni li fiha l-qalb qisha ma tħossx, ma titqanqalx quddiem il-ħsibijiet, it-tifkiriet u s-sentimenti spiritwali. Dan ikun il-waqt tal-fidi safja li tintrabat ma' Ġesù fil-lejl tal-agonija u tal-qabar: "Il-ħabba tal-qamħ, jekk tmut tagħmel ħafna frott" *(Ġw 12,24)*. Jekk in-nixfa ġejja għax m'hemmx għeruq, ifisser li l-kelma waqgħet fuq il-blat; it-taqbida allura tagħmel sehem minn dak li hu marbut mal-konverżjoni u l-indiema.[1]

QUDDIEM IT-TENTAZZJONIJIET FIT-TALB

2732 It-tentazzjoni li tiġi l-aktar ta' spiss, u li hi l-aktar moħbija, hi *n-nuqqas ta' fidi* tagħna. Dan in-nuqqas ta' fidi nuruh mhux billi ngħidu li ma nemmnux, imma aktar billi nuru x'inhuma l-preferenzi tagħna. Malli nibdew nitolbu jibdew ġejjin f'moħħna elf ħidma jew ħsieb li għandhom isiru l-ewwel, elf ħaġa li nqisu li jridu jsiru minnufih; hawn hu mill-ġdid il-mument biex naraw x'inhi l-verità ta' qalbna, x'inħobbu l-aktar. Xi kultant nerġgħu lura lejn il-Mulej, bħala l-aħħar tama: imma nkunu tassew qed nemmnu? Xi kultant inqisu l-Mulej bħala alleat tagħna, imma f'qalbna jkun għad hemm il-prużunzjoni. Hu x'inhu, in-nuqqas ta' fidi tagħna jurina li aħna għad ma wasalniex fil-qagħda ta' qalb umli: "Mingħajri, ma tistgħu tagħmlu xejn" *(Ġw 15,5)*.

2733 Tentazzjoni oħra, li għaliha l-prużunzjoni tiftaħ il-bieb, hi *l-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla*. Il-Missirijiet tal-ħajja spiritwali f'dan l-għażż jaraw sura ta' depressjoni, ta' qtigħ il-qalb, li jkun ġej għax illaxkajna fl-axxetika, għax inqasna li nishru kif imiss, għax ma għassisniex biżżejjed lil qalbna. "L-ispirtu, iva, irid, imma l-ġisem dgħajjef" *(Mt 26,41)*. Aktar ma naqgħu mill-għoli aktar inweġġgħu. Il-qtigħ il-qalb, qtigħ li jnikket, hu l-kuntrarju tal-prużunzjoni. Min hu umli ma jibżax mill-miżerja; tgħinu biex ikollu fiduċja akbar, tgħinu jżomm sod.

## III. Il-fiduċja ta' wlied

2734 Il-fiduċja ta' wlied tgħaddi mill-prova – u turi ruħha – fit-tiġrib *(Rum 5,3-5)*. Hawn id-diffikultà ewlenija hi dwar *it-talb biex naqilgħu* xi ħaġa għalina jew għal ħaddieħor. Xi wħud ma jibqgħux jitolbu għax, jaħsbu, li t-talb tagħhom ma jinstemax. Hawn iridu jsiru żewġ mistoqsijiet: Għaliex naħsbu li t-talba tagħna ma nstemgħetx? Kif għandha tkun it-talba tagħna biex tkun "effikaċi", biex tinstema'?

GHALIEX INGERGRU LI MA NIĠUX MISMUGHA?

2735 Hemm fatt li fil-bidu għandu jgħaġġibna. Meta aħna nfaħħru 'l Alla jew inroddulu ħajr għall-ġid kollu tiegħu, ma tantx inħabblu rasna

[1] Ara Lq 8,6.13.

biex inkunu nafu jekk it-talb tagħna għoġobx lil Alla. Għall-kuntrarju mbagħad, nippretendu li naraw ir-riżultat ta' dak li tlabna għalih. Liema hi mela d-dehra ta' Alla li tqanqalna biex nitolbu: mezz biex ninqdew bih jew il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu?

2736 Aħna konvinti li "anqas biss nafu nitolbu kif imiss," *(Rum 8,26)*? Nitolbu 'l Alla "l-ġid li jaqbel għalina?" Missierna jaf x'neħtieġu, qabel stess ma nitolbuhulu,[1] iżda jistenna li nitolbuhulu, għax id-dinjità ta' wliedu qiegħda fil-libertà tagħhom. Għalhekk għandna nitolbu flimkien mal-Ispirtu tiegħu ta' ħelsien biex inkunu nafu x-xewqat tiegħu fil-verità.[2]

2737 "Ma għandkom xejn għax ma titolbux. Titolbu u ma tiksbux, għax titolbu ħażin. Titolbu ħa jkollkom xi tberbqu fix-xalar" *(Ġak 4,2-3).*[3] Jekk nitolbu bil-qalb maqsuma "tan-nies żienja" *(Ġak 4,4)*, Alla ma jistax jismagħna, għax irid il-ġid tagħna, ħajjitna. "Taħsbu li għalxejn l-Iskrittura tgħid: l-Ispirtu li jgħammar fina jħobb b'imħabba għajjura!" *(Ġak 4,5)*? Alla hu "għajjur" għalina, u dan hu s-sinjal tal-verità ta' mħabbtu. Nidħlu fix-xewqa tal-Ispirtu tiegħu u nkunu mismugħin:

> Tiddejjaqx jekk ma tirċevix minnufih mingħand Alla dak li titolbu: hu jrid jagħtik aktar ġid permezz tal-perseveranza tiegħek li tibqa' miegħu waqt it-talb.[4] Hu jrid li x-xewqat tagħna jgħaddu mill-prova fit-talb. Hekk iħejjina biex nirċievu dak li lest jagħtina.[5]

KIF JISTA' JKUN EFFIKAĊI T-TALB TAGĦNA

2738 Ir-rivelazzjoni tat-talb fil-pjan tas-salvazzjoni tgħallimna li l-fidi tafda fuq il-ħidma ta' Alla fil-ġrajja tal-bniedem. Il-fiduċja ta' wlied titqanqal fina bil-ħidma ewlenija tiegħu: il-Passjoni u l-Qawmien mill-imwiet ta' Ibnu. It-talb nisrani hu kooperazzjoni mal-providenza ta' Alla, mal-pjan tiegħu ta' mħabba għall-bnedmin.

2739 Skont San Pawl din il-fiduċja hi qalbiena,[6] għax mibnija fuq it-talba tal-Ispirtu fina u fuq l-imħabba fidila ta' Alla l-Missier li tana lil Ibnu l-waħdieni.[7] Il-bidla li sseħħ fil-qalb li titlob hi l-ewwel tweġiba għat-talba tagħna.

2740 It-talba ta' Ġesù tagħmel it-talba tan-Nisrani talba effikaċi. Hu l-mudell tagħha. Jitlob fina u magħna. Jekk il-qalb tal-Iben ma tfittixx ħlief dak li jogħġob lill-Missier, għaliex l-ulied adottivi għandhom jorbtu qalbhom mad-don minflok ma' Dak li jagħtih?

2741 Ġesù jitlob għalina wkoll, flokna u għall-ġid tagħna. Dak kollu li rridu nġabar darba għal dejjem fl-għajta tiegħu fuq is-salib, għajta li ġiet milqugħa mill-Missier fil-qawmien mill-imwiet, u għalhekk Ġesù qatt

[1] Ara Mt 6,8.
[2] Ara Rum 8,27.
[3] Ara l-kuntest kollu *Ġak 4,1-10; 1,5-8; 5,16.*
[4] Evagrju Pontiku, *De oratione*, 34: PG 79, 117.
[5] Santu Wistin, *Epistulae*, 130, 8. 17: PL 13, 500.
[6] Ara Rum 10,12-13.
[7] Ara Rum 8,26-39.

ma jieqaf jidħol għalina quddiem il-Missier.[1] Jekk it-talba tagħna hi magħquda sewwa ma' dik ta' Ġesù, bil-fiduċja u l-kuraġġ kollu ta' wlied, aħna niksbu kulma nitolbu f'Ismu, mhux din il-ħaġa jew dik, imma l-Ispirtu s-Santu nnifsu, li fih hemm id-doni kollha.

## IV. Nibqgħu sħaħ fl-imħabba

2742 "Itolbu bla heda" *(1 Tes 5,17)*, "Roddu dejjem ħajr għal kollox lil Alla u 'l-Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu" *(Ef 5,20);* "Itolbu dejjem fl-Ispirtu, f'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin kollha" *(Ef 6,18)*. "Ma ġejniex ordnati naħdmu, nishru u nsumu bla heda, waqt li hu liġi għalina li nitolbu bla heda".[2] Din il-ħeġġa mingħajr tmiem ma titnissilx jekk mhux mill-imħabba. Kontra t-toqol u l-għażż tagħna, it-taqbida tat-talb hi taqbida tal-imħabba umli, fiduċjuża, u perseveranti. Din l-imħabba tiftaħ qlubna fuq tliet provi ċari tal-fidi, li jdawluna u jagħtuna l-ħajja:

2743 *Dejjem nistgħu* nitolbu: żmien in-Nisrani hu dak ta' Kristu rxoxt li "hu magħna dejjem" *(Mt 28,20)*, huma liema huma t-tempesti.[3] Żmienna hu f'idejn Alla:

> Tistgħu titolbu ta' spiss u bil-ħerqa wkoll jekk tkunu s-suq, jew waqt passiġġata waħedkom. Ukoll jekk tkunu fil-ħanut, waqt li tixtru jew tbigħu, u wkoll waqt li qed issajru.[4]

2744 It-talb hu *ħtieġa vitali*. Dan nistgħu nippruvawh ukoll bl-istess qawwa minn dak li hu kuntrarju għalih: jekk ma nħallux l-Ispirtu jmexxina, nerġgħu naqgħu fil-jasar tad-dnub.[5] Kif jista' l-Ispirtu jkun "il-"il-ħajja tagħna" jekk qalbna hi 'l bogħod minnu?

> Xejn ma jiswa daqs it-talb: jagħmel li jista' jkun dak li ma kienx jista' jkun, ħafif dak li hu tqil. Ma jistax ikun li jidneb bniedem li jitlob.[6]
>
> Min jitlob żgur isalva; min ma jitlobx żgur jintilef għal dejjem.[7]

2745 It-talb u *l-ħajja nisranija ma jistgħux jinfirdu* minn xulxin għaliex fihom hemm l-istess imħabba u l-istess ċaħda li toħroġ mill-imħabba; l-istess qbil kollu mħabba ta' wlied mal-pjan kollu mħabba tal-Missier; l-istess għaqda fl-Ispirtu s-Santu li tbiddilna u tagħmilna dejjem aktar nixbhu 'l Kristu Ġesù; l-istess imħabba għall-bnedmin kollha, dik l-imħabba li biha Ġesù ħabbna. "Kulma titolbu lill-Missier f'ismi, huwa jagħtihulkom. Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin" *(Ġw 15,16-17)*.

[1] Ara Lh 5,7; 7,25; 9,24.
[2] Evagrju Pontiku, *Capita practica ad Anatolium*, 49: PG 40, 1245C.
[3] Ara Lq 8,24.
[4] San Ġwann Griżostmu, *Eclogae ex diversis homilis*, 2: PG 63, 585.
[5] Ara Gal 5,16-25.
[6] San Ġwann Griżostmu, *Sermones de Anna*, 4, 5: PG 54, 666.
[7] San Alfonz de Liguori, *Del gran mezzo della preghiera*.

> Jitlob bla heda dak li jgħaqqad it-talb mal-għemil u l-għemil mat-talb. Hekk biss jista' jseħħ il-prinċipju li għandna nitolbu bla heda.[1]

## V. It-talba tas-siegħa ta' Ġesù

2746 Meta waslet is-siegħa tiegħu, Ġesù talab lill-Missier.[2] It-talba tiegħu, l-itwal waħda li hemm fl-Evanġelju, tħaddan il-pjan kollu tal-ħolqien u tas-salvazzjoni, tal-Mewt u l-Qawmien għall-ħajja. It-talba tas-siegħa ta' Ġesù tibqa' dejjem tiegħu, kif dejjem hu tiegħu l-Għid, li seħħ "darba għal dejjem" u jibqa' dejjem preżenti fil-liturġija tal-Knisja tiegħu.

2747 It-tradizzjoni nisranija bir-raġun kollu sejħet din it-talba, it-talba "saċerdotali" ta' Ġesù. Hi t-talba tal-Qassis il-Kbir, u ma tistax tinfired mis-sagrifiċċju tiegħu, mill-"mogħdija" (paska – pesaħ) għal għand il-Missier, sagrifiċċju li fih "ikkonsagra" lilu nnifsu kollu kemm hu lill-Missier.[3]

2748 F'din it-talba tal-Għid, f'din it-talba sagrifiċjali, "kollox jinġabar" fih "taħt ras waħda" *(Ef 1,10)*: Alla u d-dinja, il-Verb u l-ġisem, il-ħajja ta' dejjem u ż-żmien ta' issa, l-imħabba li tingħata u d-dnub li jittradiha, id-dixxipli preżenti u dawk kollha li kellhom jemmnu fi kliemhom tul iż-żminijiet, ix-xejn tiegħu u l-glorja tiegħu. Hi t-talba tal-għaqda.

2749 Ġesù temm l-opra kollha tal-Missier, u t-talba tiegħu – bħas-sagrifiċċju tiegħu – tasal sal-aħħar taż-żmien. It-talba tas-siegħa ta' Ġesù timla l-aħħar jiem u twassalhom għat-tmiem tagħhom. Ġesù, l-Iben li lilu l-Missier tah kollox, jingħata kollu kemm hu lill-Missier, u fl-istess waqt ifisser fehemtu bil-libertà setgħana[4] tas-setgħa li l-Missier tah fuq kull bniedem. L-Iben, li sar il-Qaddej, hu l-Mulej, il-"pantokrator", il-Qassis il-Kbir tagħna, li jitlob għalina u hu wkoll dak li jitlob fina u huwa Alla li jismagħna.

2750 Hemm bżonn nidħlu fl-Isem imqaddes tal-Mulej Ġesù biex inkunu nistgħu nilqgħu, minn ġewwa, it-talba li hu għallimna, il-"Missierna". It-talba saċerdotali tispira minn ġewwa l-intenzjonijiet kbar tal-Missierna: il-ħerqa għall-isem tal-Missier,[5] il-qawwa ħerqana tas-Saltna (il-glorja: *ara Ġw 17,1.5.10.24.23-26)*, il-milja tar-rieda tal-Missier u tal-pjan tiegħu ta' salvazzjoni,[6] u l-ħelsien mid-deni.[7]

2751 Fl-aħħar nett hu f'din it-talba li Ġesù jurina u jagħtina l-"għarfien" flimkien tal-Missier u l-Iben,[8] li hu l-misteru stess tal-ħajja tat-talb.

---

[1] Oriġene, *De oratione*, 12.
[2] Ara Ġw 17.
[3] Ara Ġw 17,11.13.19.
[4] Ara Ġw 17,11.13.19.24.
[5] Ara Ġw 17,6.11.12.26.
[6] Ara Ġw 17,1.5.10.22.23-26.
[7] Ara Ġw 17,15.
[8] Ara Ġw 17,3.6-10.25.

**Fil-qosor**

2752 *It-talb jitlob sforz u taqbida kontra tagħna nfusna u kontra l-qerq tax-xitan. It-taqbida tat-talb ma tistax tinfired mit-"taqbida spiritwali" meħtieġa biex l-għemil tagħna jkun abitwalment skont l-Ispirtu ta' Kristu. Nitolbu kif ngħixu għax ngħixu kif nitolbu.*

2753 *Fit-taqbida tagħna fit-talb niltaqgħu ma' ħafna fehmiet żbaljati, ma' ħafna mentalitajiet differenti, mal-esperjenza tan-nuqqasijiet tagħna. Għal dawn it-tentazzjonijiet li jistgħu jġegħluna niddubitaw fuq is-siwi tat-talb u naħsbu wkoll li t-talb mhux possibbli, għandna nwieġbu bl-umiltà, b'fiduċja sħiħa u perseveranza.*

2754 *Id-diffikultajiet ewlenin li magħhom niltaqgħu meta niġu biex nitolbu huma d-distrazzjonijiet u n-nixfa fir-ruħ. Il-kura tagħtihielna l-fidi, il-konverżjoni, u l-għassa tal-qalb.*

2755 *Żewġ tentazzjonijiet spiss jheddu t-talb: in-nuqqas ta' fidi u l-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla, għażż li hu sura ta' depressjoni li tiġi mil-laxkar tal-axxetika, li jwasslu għall-qtigħ il-qalb.*

2756 *Il-fiduċja tagħna ta' wlied Alla tgħaddi minn prova meta nħossu li t-talb tagħna mhux dejjem ikun mismugħ. L-Evanġelju jistedinna nistaqsu lilna nfusna jekk it-talb tagħna jkunx jaqbel max-xewqat tal-Ispirtu.*

2757 *"Itolbu bla heda"* (1 Tes 5,17). *Dejjem nistgħu nitolbu. It-talb hu ħtieġa vitali għalina. It-talb u l-ħajja nisranija ma jinfirdux minn xulxin.*

2758 *It-talba tas-Siegħa ta' Ġesù, bir-raġun kollu, tissejjaħ "talba saċerdotali"*[1] *u tiġbor fiha fil-qosor il-pjan kollu tal-ħolqien u tas-salvazzjoni. Din it-talba hi l-ispirazzjoni tal-interċessjonijiet kbar li jagħmlu l-"Missierna".*

---

[1] Ara Ġw 17.

IT-TIENI SEZZJONI

# IT-TALBA TAL-MULEJ: "MISSIERNA!"

2759 "Darba Ġesù kien qiegħed xi mkien jitlob. Kif spiċċa t-talb, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: 'Mulej, għallimna nitolbu bħalma Ġwanni wkoll għallem id-dixxipli tiegħu'" *(Lq 11,1)*. Bi tweġiba għal din it-talba, Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu u lill-Knisja t-talba nisranija fundamentali. San Luqa jagħtina sura qasira tagħha (ħames talbiet).[1] San Mattew jagħtina sura aktar fit-tul tat-talba (seba' talbiet).[2] It-tradizzjoni liturġika tal-Knisja żammet it-talba kif tidher f'San Mattew.

Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek,
tiġi saltnatek,
ikun dak li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum,
aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina,
iddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni.

2760 Minn kmieni ħafna, il-liturġija għalqet b'dossoloġija t-Talba tal-Mulej. Fid-Didake[3]nsibu: "Għax tiegħek il-qawwa u l-glorja għal dejjem ta' dejjem". Il-Kostituzzjonijiet Appostoliċi[4] jżidu fil-bidu: "is-saltna", u din il-formola baqgħet sal-lum fit-talba ekumenika. It-tradizzjoni Biżantina wara l-"glorja" żżid: "Missier, Iben u Spirtu s-Santu". Il-Missal Ruman jiżviluppa l-aħħar talba[5] billi jżid ħsieb eskatoloġiku: "aħna u nistennew it-tama hienja" *(Titu 2,13)* u d-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu; imbagħad tiġi l-akklamazzjoni tal-ġemgħa bil-kliem tad-dossoloġija kif inhi fil-Kostituzzjonijiet Appostoliċi.

### L-ewwel artiklu

## "ĠABRA FIL-QOSOR TAL-EVANĠELJU KOLLU"

2761 "It-Talba tal-Mulej hi tassew ġabra fil-qosor tal-Evanġelju kollu".[6] Meta l-Mulej ħallielna din il-formola ta' talb, żied jgħid: "itolbu, u taqilgħu" *(Lq 11,9)*. "Għalhekk kulħadd jista' jagħmel talb lis-sema skont

---
[1] Ara Lq 11,2-4.
[2] Ara Mt 6,9-13.
[3] *Didake,* 8, 2.
[4] *Constitutiones apostolicae,* 7, 24, 1.
[5] Ara l-Emboliżmu.
[6] Tertulljan, *De oratione,* 1.

il-ħtiġijiet tiegħu, iżda għandu dejjem jibda bit-talba tal-Mulej, għax din dejjem tibqa' t-talba fundamentali".[1]

## I. Fil-qalba tal-Iskrittura

2762 Wara li jurina kif is-Salmi huma l-manteniment ewlieni tat-talb nisrani, u kif il-ħsibijiet kollha tagħhom jidhru fit-talbiet tal-Missierna, Santu Wistin iżid jgħid:

> Stħarrġu t-talb kollu li jinsab fl-Iskrittura, u ma nemminx li tistgħu ssibu xi ħaġa li ma tinsabx fit-Talba tal-Mulej.[2]

2763 L-Iskrittura kollha (il-Liġi, il-Profeti u s-Salmi) seħħu fi Kristu.[3] L-Evanġelju hu l-"Bxara t-Tajba"; l-ewwel tħabbira tagħha hi miġbura fil-qosor f'San Mattew fid-Diskors tal-Muntanja.[4] Issa t-talba lil Missierna tinsab fil-qalba ta' din il-bxara. Hu f'dan il-kuntest li tidher ċara kull waħda mis-seba' talbiet li ħallielna l-Mulej fit-talba li għallimna:

> It-Talba tal-Mulej hi l-aktar waħda perfetta fost it-talb kollu… Fiha ma nitolbux biss kulma nistgħu nixtieqi fis-sewwa, imma nitolbuh skont l-ordni li jmissna nixtiquh. Tant li din it-talba tal-Mulej mhux biss tgħallimna nistaqsu imma ssawwar ukoll kulma nistgħu nixtieqi.[5]

2764 Id-Diskors tal-Muntanja hu tagħlim għall-ħajja, it-Talba tal-Mulej hi talba, iżda kemm fid-Diskors u kemm fit-Talba hu l-Ispirtu tal-Mulej li jagħti sura ġdida lix-xewqat tagħna, dak it-tqanqil minn ġewwa li jaħji 'l ħajjitna. Ġesù jgħallimna din il-ħajja ġdida bi kliemu u jgħallimna nitolbuha permezz tat-talb. Il-ħajja tagħna f'Alla tiddependi minn kemm ikun tajjeb it-talb tagħna.

## II. "It-talba tal-Mulej"

2765 L-espressjoni tradizzjonali "Talba tal-Mulej" tfisser li t-talba lil Missierna għallimhielna u tahielna l-Mulej Ġesù. Din it-talba li waslitilna mingħand Ġesù tassew ma hemmx oħra bħalha: hi t-talba "tal-Mulej". Minn naħa, permezz tal-kliem tat-talba, l-Iben il-waħdieni jagħtina l-kliem li l-Missier stess kien tah:[6] hu l-Imgħallem tagħna tat-talb. Min-naħa l-oħra, il-Verb magħmul bniedem, fil-qalb tiegħu ta' bniedem, jagħraf x'inhuma l-ħtiġijiet ta' ħutu l-bnedmin kollha, u jurihomlna: hu mudell għat-talb tagħna.

2766 Iżda l-Mulej ma ħallilniex formola biex intennuha mekkanikament.[7] F'kull talba bil-fomm, l-Ispirtu s-Santu, permezz tal-

[1] Tertulljan, *De oratione*, 10.
[2] San Tumas ta' Aquino, *Epistulae*, 130, 12, 22: PL 33, 502.
[3] Ara Lq 24,44.
[4] Ara Mt 5-7.
[5] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 2-2, 83. 9.
[6] Ara Ġw 17,7.
[7] Ara Mt 6,7; 1 Slat 18,26-29.

kelma ta' Alla, jgħallem lil ulied Alla kif jitolbu lill-Missier. Ġesù mhux biss jgħidilna l-kliem li rridu ngħidu fit-talb tagħna ta' wlied imma fl-istess ħin jagħtina l-Ispirtu li bih dan il-kliem isir fina "spirtu u ħajja" *(Ġw 6,63)*. Mhux biss: is-siwi ta' din it-talba ta' wlied Alla u dak li tista' tagħmel jiġi mill-fatt li l-Missier Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat "Abba, Missier!" Għaliex it-talba tagħna turi x'inhuma x-xewqat tagħna quddiem Alla, hu dejjem Alla, li "l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub", "li jaf x'inhi x-xewqa tal-Ispirtu: bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin skont ma jrid Alla" *(Rum 8,27)*. It-talba lil Missierna hi parti mill-missjoni misterjuża tal-Iben u tal-Ispirtu.

### III. It-talba tal-Knisja

2767 Dan id-don tal-kliem tal-Mulej u tal-Ispirtu flimkien, li jagħtihom il-ħajja fil-qalb ta' min jemmen, il-Knisja laqgħetu u għexitu sa mill-bidu. L-ewwel komunitajiet insara kienu jgħidu t-Talba tal-Mulej "tliet darbiet kull jum"[1] flok "it-tmintax-il barka" tad-Devozzjoni Lhudija.

2768 Skont it-Tradizzjoni Appostolika, it-Talba tal-Mulej għandha essenzjalment l-għeruq tagħha fit-talba liturġika:

> Il-Mulej jgħallimna nitolbu flimkien għal ħutna kollha. Dan għaliex ma ngħidux "Missieri" li inti fis-smewwiet, imma "Missierna", biex nuru li t-talba tagħna qed nagħmluha, qalb waħda, għall-Ġisem kollu tal-Knisja.[2]

Fit-tradizzjonijiet liturġiċi kollha t-Talba tal-Mulej hi parti integranti tas-Sigħat ewlenin tal-uffiċċju divin. Iżda l-karattru ekkleżjali tat-Talba tal-Mulej jidher sewwa l-aktar fit-tliet sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija.

2769 Fil-*Magħmudija* u fil-*Konfermazzjoni* (jew *Griżma tal-Isqof*) l-għoti *("traditio")* tat-Talba tal-Mulej tfisser it-twelid ġdid fil-ħajja nisranija. Ladarba t-talb nisrani hu talb li bih inkellmu 'l Alla bil-kelma stess ta' Alla, dawk li "twieldu mill-ġdid bis-saħħa tal-kelma ta' Alla li tgħix u tibqa' għal dejjem" *(1 Piet 1,23)*, jitgħallmu jitolbu lill-Missier b'dik il-Kelma li hu jisma' dejjem. U dan jistgħu jagħmluh għaliex issa s-siġill tad-Don tal-Ispirtu s-Santu tqiegħed f'qalbhom, f'widnejhom, fuq fommhom, fil-ħajja kollha tagħhom ta' wlied Alla u mhu se jitħassar qatt. Hu għalhekk li l-kotra l-kbira tal-kummentarji ta' Missirijiet il-Knisja fuq it-Talba tal-Mulej inkitbu l-aktar għall-katekumeni u għan-neofiti. Meta l-Knisja ttenni t-Talba tal-Mulej, hu dejjem il-Poplu ta' "l-imweldin ġodda" li jkun qed jitlob u jsib ħniena.[3]

2770 Fil-*Liturġija ewkaristika* t-Talba tal-Mulej tidher bħala t-talba tal-Knisja kollha. Hemm it-Talba turi t-tifsir sħiħ tagħha u l-qawwa kollha li għandha. Qiegħda bejn l-Anafora (it-Talba Ewkaristika) u l-

[1] *Didake,* 8, 3.
[2] San Ġwann Griżostmu, *Homilia in Mattheum,* 19, 4: PG 57, 278D.
[3] Ara 1 Piet 2,1-10.

Liturġija tat-Tqarbin, tiġbor fil-qosor it-talbiet u l-interċessjonijiet li jsiru tul l-epiklesi, u min-naħa l-oħra tħabbat il-bieb għall-ikla tas-Saltna, li tagħha t-Tqarbin sagramentali hu antiċipazzjoni.

2771 Fl-Ewkaristija t-Talba tal-Mulej turi wkoll il-karattru *eskatoloġiku* ta' dak li qeda tistaqsi għalih. Hi t-talba proprja "tal-aħħar żminijiet", taż-żminijiet tas-salvazzjoni li bdew bil-miġja tal-Ispirtu s-Santu u jaslu fi tmiemhom mal-miġja tal-Mulej fil-glorja. Il-petizzjonijiet tal-Missierna – mhux bħat-talb ta' żmien il-Patt il-Qadim – jinbnew fuq il-misteru tas-salvazzjoni li ġa seħħ darba għal dejjem fi Kristu msallab u rxuxtat.

2772 Minn din il-fidi hekk soda li qatt ma tiċċaqlaq toħroġ it-tama li biha jiġu mtennija s-seba' talbiet tal-Missierna. Dawn it-talbiet itennu t-tnehid taż-żmien ta' issa, ta' dan iż-żmien ta' sabar, aħna u nistennew u nittamaw għal dak li għad inkunu, għalkemm għadu mhux rivelat lilna.[1] L-Ewkaristija u l-Missierna jitfgħu ħarsithom fuq il-miġja tal-Mulej "sa ma jiġi" *(1 Kor 11,26)*.

### Fil-qosor

2773 *Għat-talba tad-dixxipli ("Mulej, għallimna nitolbu"* - Lq 11,1), *Ġesù tahom it-talba nisranija fundamentali, il-"Missierna".*

2774 *"It-Talba tal-Mulej hi tassew ġabra fil-qosor tal-Evanġelju kollu".*[2] *"It-talba l-aktar perfetta".*[3] *Hi fil-qalba tal-Iskrittura.*

2775 *Tissejjaħ "Talba tal-Mulej" għax tahielna l-Mulej Ġesù stess, mgħallem u mudell tat-talb kollu tagħna.*

2776 *It-Talba tal-Mulej hi l-aqwa talba tal-Knisja. Hi parti integranti mis-Sigħat ewlenin tal-uffiċċju divin u tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija*: *il-Magħmudija, il-Konfermazzjoni (Griżma tal-Isqof) u l-Ewkaristija. Fl-Ewkaristija turi l-karattru "eskatoloġiku" tat-talbiet tagħha, fit-tama tal-Mulej "sa ma jerġa' jiġi"* (1 Kor 11,20).

## It-tieni artiklu

# "MISSIERNA LI INTI FIS-SMEWWIET"

### I. Bil-fiduċja kollha ejjew nersqu lejn il-Mulej

2777 Fil-liturġija Rumana, il-ġemgħa ewkaristika hi mistiedna titlob 'il Missierna b'kuraġġ ta' wlied; il-liturġiji tal-Lvant jużaw u jiżviluppaw

[1] 1 Ġw 3,2; ara Kol 3,4.
[2] Tertulljan, *De oratione*, 1.
[3] San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, 2-2, 83, 9.

espressjonijiet jixxiebhu ftit jew wisq: "Għax żguri, bil-kuraġġ kollu…", "Agħmel li jkun jistħoqqilna …". Quddiem l-għolliq jaqbad, lil Mosè ntqal "La tersaqx 'l hawn. Neħħi l-qorq" (*Eż 3,5*). Din l-għatba tal-qdusija ta' Alla, Ġesù biss seta' jgħaddi minn fuqha, hu li, "wara li naddafna minn dnubietna" *(Lh 1,3)*, daħħalna quddiem il-Missier: "Hawn jien, jien u l-ulied li Alla tani" *(Lh 2,13)*:

> L-għarfien li aħna għandna tal-qagħda tagħna ta' lsiera jġegħelna ninżlu taħt l-art, u l-qagħda tagħna ta' nies tal-art tintemm fit-trab, li kieku ma kinitx l-awtorità tal-istess Missier tagħna u tal-Ispirtu ta' Ibnu li tawna li ntennu l-għajta "Abba! Missier!" *(Rum 8,15)*… Meta d-dgħufija ta' bniedem li jmut tissogra ssejjaħ 'l Alla Missier? Dan jista' jiġri biss jekk il-bniedem minn ġewwa hu mqanqal minn qawwa mis-sema.[1]

2778 Din il-qawwa tal-Ispirtu li ddaħħalna fit-Talba tal-Mulej, fil-liturġiji tal-Lvant u tal-Punent, hi msejħa b'kelma tassew sabiħa tipikament nisranija, *parrhèsija*, sempliċità bla qerq, fiduċja ta' wlied, garanzija hienja, kuraġġ umli, ċertezza ta' mħabba.[2]

## II. "Missier!"

2779 Qabel nagħmlu tagħna dan il-bidu tat-Talba tal-Mulej, jiswa li bl-umiltà kollha nnaddfu qalbna minn xi xbihat qarrieqa "ta' din id-dinja". L-*umiltà* twassalna biex nintebħu li "ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafhulu", jiġifieri "liċ-ċkejknin" *(Mt 12, 25-27)*. Il-*purifikazzjoni* jew it-*tisfija* tal-qalb għandha x'taqsam max-xbihat li għandna ta' missier u ta' omm, imsawrin mill-istorja personali u kulturali tagħna, li jinfluwixxu fuq ir-relazzjoni tagħna ma' Alla. Alla Missierna hu 'l fuq mill-kategoriji kollha tal-ħolqien. Jekk ix-xbihat tagħna indawruhom fuq Alla – favur jew kontra tiegħu – l-ideat tagħna f'dan il-qasam iwasslu biex noħolqu idoli ħa nadurawhom jew inġarrfuhom. Titlob lill-Missier ifisser tidħol fil-misteru tiegħu, hekk kif inhu u kif urihulna l-Iben:

> Il-kliem 'Alla l-Missier' qatt ma ġie rivelat lil xi ħadd. Meta Mosè stess staqsa 'l Alla min kien, ingħatalu isem ieħor. Lilna l-isem ta' Alla ġie rivelat f'Ibnu, għax l-isem ta' Iben jitlob li jissemma wkoll l-isem ġdid ta' Missier.[3]

2780 Aħna nistgħu nsejħu 'l Alla "Missier" għaliex *ġie rivelat lilna* minn Ibnu magħmul bniedem u għax l-Ispirtu tiegħu għarrafhulna. Dak li l-bniedem ma għandux il-ħila jaħsbu, u lanqas is-setgħat tas-sema ma jintebħu bih, jiġifieri r-relazzjoni tal-Iben mal-Missier,[4] l-Ispirtu tal-Iben għarrafhulna, lilna li nemmnu li Ġesù hu l-Kristu u li aħna twelidna mill-ġdid minn Alla.[5]

---

[1] San Pietru Krisologu, *Sermones*, 71: PL 52, 401CD.
[2] Ara Ef 3,12; Lh 3,6; 4,16; 10,19; 1 Ġw 2,28; 3,21; 5,14.
[3] Tertulljan, *De oratione* 3.
[4] Ara Ġw 1,1.
[5] Ara 1 Ġw 5,1.

2781 Meta aħna nitolbu lill-Missier aħna nkunu *f'għaqda miegħu* u ma' Ibnu, Ġesù Kristu.[1] Hemm nagħrfuh u nagħrfuh bi stagħġib dejjem ġdid. L-ewwel kelma tat-Talba tal-Mulej hi barka ta' adorazzjoni qabel ma hi implorazzjoni. Dan għaliex aħna nkunu qegħdin nagħrfu l-glorja ta' Alla meta nagħrfu bħala "Missier" lil Alla veru. Inkunu qegħdin inroddu ħajr għaliex ġie rivelat lilna l-isem ta' Alla, li ngħata lilna li nemmnu fih, u li jgħammar fina bil-preżenza tiegħu.

2782 Nistgħu naduraw il-Missier għaliex tana twelid ġdid fil-ħajja tiegħu billi *adottana* bħala wliedu f'Ibnu l-waħdieni permezz tal-Magħmudija. Għamilna membri tal-Ġisem tal-Kristu tiegħu, u, bl-Unzjoni tal-Ispirtu s-Santu, li mir-Ras jinxtered fil-membri kollha, għamilna "kristijiet" (midluka):

> Lilna Alla ppredestinana biex inkunu l-ulied adottivi tiegħu u nieħdu s-sura fuq ix-xbieha tal-ġisem glorjuż ta' Kristu. La mseħbin ma' Kristu, bir-raġun kollu tistgħu tissejħu "Kristjani".[2]

> Il-bniedem il-ġdid, imwieled għal darb'oħra, u mogħti lura lil Alla tiegħu permezz tal-grazzja, qabelxejn ilissen: Missierna, għaliex issa hu iben Alla.[3]

2783 Hu b'dan il-mod li, permezz tat-Talba tal-Mulej, aħna niġu *rivelati lilna nfusna* fl-istess waqt li l-Missier jiġi rivelat lilna:[4]

> Ja bniedem, fl-imgħoddi ma kontx tissogra terfa' ħarstek lejn is-sema, kont tbaxxi għajnejk lejn l-art, u f'daqqa waħda int irċevejt il-grazzja ta' Kristu, dnubietek inħafrulek. Minn qaddej ħażin sirt iben tajjeb. Erfa' ħarstek lejn il-Missier li fdiek b'Ibnu u għid: Missierna... Iżda tistenniex xi privileġġ. Hu Missier b'mod speċjali biss ta' Kristu waħdu, waqt li aħna, ħalaqna hu. Mela għid int ukoll permezz tal-grazzja: Missierna, biex ikun jistħoqqlok li tkun iben.[5]

2784 Dan id-don b'xejn tal-adozzjoni jitlob minna konverżjoni dejjem sejra u *ħajja ġdida*. It-talb lill-Missier għandu joħloq fina żewġ dispożizzjonijiet fundamentali: *Ix-xewqa u r-rieda li nkunu xebh ma' Alla.* Maħluqin xbieha ta' Alla, din ix-xbieha ngħatat lura lilna bi grazzja u għalhekk irridu nwieġbu għaliha:

> Meta nsejħu lil Alla "Missierna" rridu niftakru li għandna nġibu ruħna bħala wlied Alla.[6]

> Ma tistgħux issejħu 'l Alla ta' kull tjieba Missierkom jekk għandkom qalb kiefra u bla ħniena; għax f'dan il-każ m'għadx hemm aktar fikom il-marka tat-tjieba tal-Missier tas-sema.[7]

> Għandna noqogħdu nikkontemplaw bla heda l-ġmiel tal-Missier u nimlew lil ruħna bih.[8]

---

[1] Ara 1 Ġw 1,3.
[2] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Catecheses mystagogicae* 3, 1: PG 33, 1088A.
[3] San Ċiprijan, *De oratione dominica*, 9: PL 4, 525A.
[4] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 22.
[5] San Ambroġ, *De sacramentis*, 5, 19: PL 16, 450C.
[6] San Ċiprijan, *De oratione dominica*, 11: PL 4, 526B.
[7] San Ġwann Griżostmu, *Homilia in illud "Angusta est porta" et de oratione Domini*, 9, 18.
[8] San Girgor ta' Nissa, *Homiliae in orationem dominicam*, 2: PG 44, 1148B.

2785 *Qalb umli mimlija fiduċja*, li tagħmilna "nsiru bħat-tfal iż-żgħar" (Mt 18,3) għaliex il-Missier juri lilu nnifsu liċ-"ċkejknin" *(Mt 11,25)*:

> Hi ħarsa fuq Alla biss, ħeġġa ta' nar ta' mħabba. Ir-ruħ tinżel u tmur fil-fond ta' din l-imħabba qaddisa u tkun ma' Alla bħallikieku qiegħda mal-Missier proprju tagħha, b'familjarità kbira, bi ħlewwa ta' tjieba, kollha kemm hi speċjali.[1]

> Missierna: dan il-kliem, kull darba li ntennuh, iqanqal fina l-imħabba; hena fit-talb... u t-tama wkoll li niksbu dak li se nitolbu... X'jista' jirrifjutalhom lil ulied minn dak li jitolbuh, meta ġa ppermettielhom minn qabel li jkunu wliedu? [2]

## III. "Missierna"

2786 "Missierna" hu Alla. Meta ngħidu "Missierna" ma nkunux infissru li Alla hu xi ħaġa tagħna, imma nkunu nfissru biss relazzjoni ġdida tagħna ma' Alla.

2787 Meta ngħidu "Missierna" nkunu l-ewwel nett qegħdin nagħrfu li l-wegħdiet kollha ta' mħabba mħabbrin mill-profeti, seħħu fil-*Patt il-ġdid u għal dejjem* fi Kristu: aħna sirna l-poplu "tiegħu" u hu Alla "tagħna". Din ir-relazzjoni ġdida ngħatat lilna b'xejn: irridu nwieġbu bl-imħabba u l-fedeltà[3] għall-"grazzja u l-verità" li ngħatawlna f'Ġesù Kristu *(Ġw 1,17)*.

2788 Għaliex it-Talba tal-Mulej hi t-talba tal-Poplu tiegħu, "fl-aħħar żminijiet", meta nsejħu 'l Alla Missierna nkunu qegħdin infissru kemm aħna ċerti dwar it-tama tagħna fl-aħħar wegħda ta' Alla: f'Ġerusalemm il-ġdida jgħid lir-rebbieħ: "Jiena nkun Alla tiegħu u huwa jkun ibni" *(Apok 21,7)*.

2789 Meta ngħidu l-"Missierna" nkunu qegħdin inkellmu personalment lill-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu. Ma nkunux qegħdin nifirdu d-divinità għax il-Missier hu "l-għajn u l-bidu" tad-divinità, imma nkunu qegħdin nistqarru li minn dejjem ta' dejjem l-Iben tnissel mill-Missier u li minnu ġej l-Ispirtu s-Santu. U lanqas ma nkunu qegħdin inħawdu bejniethom it-Tliet Persuni għax inkunu qed nistqarru li l-għaqda tagħna hi mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu fl-Ispirtu s-Santu wieħed tagħhom. *It-Trinità Qaddisa* hi natura waħda u mhix maqsuma bejn tlieta. Meta aħna nitolbu lill-Missier, nadurawh u nigglorifikawh flimkien mal-Iben u mal-Ispirtu s-Santu wkoll.

2790 Meta ngħidu "Missierna", is-suffiss "na" grammatikalment ifisser realtà li hi ta' ħafna. Ma hemmx ħlief Alla wieħed u hu magħruf bħala Missier minn dawk li, bil-fidi f'Ibnu l-waħdieni, twieldu mill-ġdid minnu bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu.[4] *Il-Knisja* hi din l-għaqda ġdida ta' Alla

[1] San Ġwann Kassjan, *Collationes*, 9, 18: PL 44, 1148B.
[2] Santu Wistin, *De sermone Domini in monte*, 2, 4, 16: PL 34, 1276.
[3] Ara Hos 2,21-22; 6,1-6.
[4] Ara 1 Ġw 5,1; Ġw 3,5.

Alla mal-bnedmin, l-għaqda mal-Iben il-waħdieni li sar "il-kbir fost ħafna aħwa" *(Rum 8,29)*, u hi f'għaqda mal-istess Missier wieħed, fl-istess Spritu s-Santu wieħed.[1] Kull min hu mgħammed, meta jgħid "Missierna" jkun qed jitlob f'din l-għaqda: "Il-kotra l-kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda" *(Atti 4,32)*.

2791 Hu għalhekk, minkejja l-firdiet fost l-Insara, li t-talba tal-"Missierna" tibqa' l-ġid ta' kulħadd u sejħa bla heda lill-imgħammdin kollha. F'għaqda ma' Kristu permezz tal-fidi u permezz tal-Magħmudija, għandhom jissieħbu fit-Talba ta' Ġesù għall-għaqda tad-dixxipli tiegħu.[2]

2792 F-aħħar nett, meta nitolbu bil-verità l-"Missierna" nkunu qegħdin noħorġu mill-individwaliżmu tagħna, għax l-Imħabba li nilqgħu fina, teħlisna minnu. Is-suffiss "na" tal-bidu tat-Talba tal-Mulej, u tal-aħħar erba' talbiet tagħha, ma jeskludi 'l ħadd. Jekk il-"Missierna" ngħiduha bil-verità[3] inkunu nistgħu negħlbu kulma jifridna u kulma jagħmilna kontra xulxin.

2793 L-imgħammdin ma jistgħux jgħidu "Missierna" mingħajr ma jpoġġu quddiemu lil dawk kollha li għalihom hu offra lil Ibnu l-maħbub. L-imħabba ta' Alla m'għandhiex fruntieri, għalhekk it-talb ukoll m'għandux ikollu fruntieri.[4] Meta ngħidu l-"Missierna" aħna ninfetħu għad-dimensjoni tal-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu: nitolbu mal-bnedmin kollha u għall-bnedmin kollha li għadhom ma jafuhx, biex ilkoll jinġabru "f'ġemgħa waħda" *(Ġw 11,52)*. Din il-ħerqa divina għal kull bniedem u għall-ħolqien kollu qanqlet lil dawk li huma kbar fl-orazzjoni. Ladarba għandna l-kuraġġ ngħidu lil Alla "Missierna", l-istess ħerqa għandha twessa' wkoll lil talbna għall-wesgħat tal-imħabba.

## IV. "Li inti fis-smewwiet"

2794 Din l-espressjoni biblika ma tfissirx xi mkien, xi spazju, imma sura ta' eżistenza: ma tfissirx li Alla qiegħed 'il bogħod minna, imma tfisser il-kobor tiegħu. Il-Missier tagħna mhux qiegħed "xi mkien ieħor", imma hu " 'l fuq minn kollox" għaliex ma nistgħux naslu biex naħsbu x'inhi qdusitu. Għaliex hu tliet darbiet qaddis, u hu tassew qrib il-qalb umli u sogħbiena:

> Bir-raġun kollu għandna nifhmu li l-kliem "Missierna li inti fis-smewwiet" qed jingħad għal qalb il-bnedmin ġusti, fejn Alla jgħammar qisu fit-tempju tiegħu. Għalhekk min jitlob jixtieq jara jgħammar fih dak li lilu qed jitlob.[5]
>
> Is-"smewwiet" jistgħu jkunu wkoll dawk li jġibu fihom ix-xbieha tad-dinja tas-sema, li fosthom jgħammar u jitħarrek Alla.[6]

---

[1] Ara Ef 4,4-6.
[2] Ara Konċ. Vatikan II, *Unitatis redintegratio*, 8, 22.
[3] Ara Mt 5,23-24; 6,14-16.
[4] Ara Konċ. Vatikan II, *Nostra aetate*, 5.
[5] Santu Wistin, *De sermone Domini in monte*, 2, 5, 17: PL 14, 1277.
[6] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Catecheses mystagpgicae*, 5, 11: PG 33, 1117B.

2795 Is-simbolu tas-smewwiet ifakkarna fil-misteru tal-Patt li nkunu qegħdin ngħixu meta nitolbu l-Missierna. Il-Missier tagħna qiegħed fis-sema, hi l-għamara tiegħu, mela d-Dar tal-Missier hi "pajjiżna". Hu mill-art, fejn eżiljana d-dnub,[1] li rridu nerġgħu lura għand il-Missier fejn trid twassalna l-indiema u l-konverżjoni ta' qalbna.[2] Hu fi Kristu li s-sema u l-art reġgħu tħabbu [3] għax l-Iben "niżel mis-sema" waħdu, u tellagħna miegħu permezz tas-Salib, tal-Qawmien u tat-Tlugħ tiegħu.[4]

2796 Meta l-Knisja titlob "Missierna li inti fis-smewwiet" tkun qed tistqarr li aħna l-poplu ta' Alla li ġa "qiegħed" fis-smewwiet fi Kristu Ġesù *(Ef 2,6)*, "moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla" *(Kol 3,3)*, waqt li "nitniehdu, imxennqa li nilbsu fuq din l-għamara tal-ġisem l-għamara l-oħra tas-sema".[5]

> L-Insara huma nies tad-demm u l-laħam, iżda ma jintelqux għall-ġibdiet tad-demm u l-laħam. Ħajjithom hi fuq l-art, iżda belthom hi s-sema.[6]

## Fil-qosor

2797 *Fiduċja sempliċi u fedeltà sħiħa, assigurazzjoni umli u ferrieħa huma d-dispożizzjonijiet meħtieġa f'min jgħid il-"Missierna".*

2798 *Nistgħu nsejħu 'l Alla "Missier" għax l-Iben ta' Alla, meta sar bniedem urihulna, u permezz tal-Magħmudija sirna membri tiegħu u ksibna l-adozzjoni ta' wlied Alla.*

2799 *It-Talba tal-Mulej tgħaqqadna mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu, u fl-istess waqt turina x'aħna.*[7]

2800 *It-talba lil Missierna għandha tqanqal fina x-xewqa li nkunu nixbhu 'l Alla u nkunu ta' qalb umli u kollna fiduċja.*

2801 *Meta ngħidu "Missierna" nkunu qegħdin infakkru l-Patt il-Ġdid f'Ġesù Kristu, l-għaqda mat-Trinità Qaddisa, u l-imħabba ta' Alla li permezz tal-Knisja tasal sa truf l-art kollha.*

2802 *"Li inti fis-smewwiet" ma jfissirx xi mkien imma jfisser il-kobor ta' Alla u l-preżenza tiegħu f'qalb il-bniedem ġust. Is-sema, l-għamara tal-Missier, hi pajjiżna tassew lejn fejn aħna mexjin, u ġa aħna ta' hemm.*

---

1 Ara Ġen 3.
2 Ara Ġer 3,19-4,1a; Lq 15,18.21.
3 Ara Is 45,8; Salm 85,12.
4 Ara Ġw 12,32; 14,2-3; 16,28; 20,17; Ef 4,9-10; Lh 1,3; 2,13.
5 2 Kor 5,2; ara Fil 3,20; Lh 13,14.
6 Ittra lil Dijonjetu, 5, 8-9.
7 Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 22.

## It-tielet artiklu

# IS-SEBA' TALBIET

2803 Wara li ġejna quddiem Alla Missierna biex nadurawh, inħobbuh u nberkuh, l-Ispirtu ta' wlied iqanqal fi qlubna seba' talbiet, seba' barkiet. L-ewwel tlieta, aktar teologali, jiġbduna lejn il-glorja tal-Missier; l-aħħar erba' qishom triqat lejh, joffru l-miżerji tagħna lill-grazzja tiegħu. "Minn irdum għall-irdum jidwu" *(Salm 42,8)*.

2804 L-ewwel grupp ta' dawn it-talbiet iwassalna lejh, għalih: Ism*ek*, salnat*ek*, ir-rieda *tiegħek*. L-imħabba taħseb l-ewwel f'dak li tħobb. F'kull waħda mit-tliet talbiet ma nsemmux "lilna nfusna", imma "x-xewqat imħeġġa" tagħna, "il-qsim il-qalb" stess tal-Iben il-maħbub għall-glorja ta' Missieru, li jiġbidna lejh:[1] "Jitqaddes… Tiġi… Ikun…" tliet talbiet li ġa ntlaqgħu fis-sagrifiċċju ta' Kristu l-Feddej, imma jiġu mtennija bit-tama li jseħħu fil-milja kollha tagħhom fl-aħħar, għaliex Alla għadu mhuwiex kollox f'kollox.[2]

2805 It-tieni grupp ta' talbiet ifakkar xi Epiklesi ewkaristiċi: hi l-offerta tax-xewqat tagħna li tiġbed fuqha l-ħarsa ta' Missier il-ħniena. Titlaq mingħandna għax hi dwar dak li jħassibna issa, f'din id-dinja: "agħtina… aħfrilna… iddaħħalniex… eħlisna…". Ir-raba' u l-ħames talbiet huma dwar ħajjitna, kif inhi, biex titmantna u biex titfejjaq mid-dnub. L-aħħar tnejn huma dwar it-taqbida tagħna biex tirbaħ il-Ħajja, hi l-istess taqbida tat-talb.

2806 Bl-ewwel tliet talbiet nissaħħu fil-fidi, nimtlew bit-tama, u nitħaddnu mill-imħabba. Ħlejjaq, u għadna midinbin, irridu nitolbu għalina, noffru "lilna nfusna", skont il-qies tad-dinja u tal-istorja, lill-imħabba bla qies ta' Alla tagħna. Hu bl-isem tal-Kristu tiegħu u tas-Saltna tal-Ispirtu mqaddes tiegħu li Missierna jtemm il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni għalina u għad-dinja kollha.

## I. Jitqaddes Ismek

2807 Il-kelma "jitqaddes" għandna nifhmuha l-ewwel nett f'sens kawżattiv, jiġifieri fis-sens li Alla biss iqaddes, jagħmel qaddis. Imma rridu nifhmuha wkoll f'sens estimattiv, jiġifieri nagħrfu xi ħaġa bħala qaddisa, nużawha b'mod qaddis. B'dan il-mod, fl-adorazzjoni din l-invokazzjoni xi drabi tinftiehem bħala tifħir u radd il-ħajr.[3] Din it-talba Ġesù għallimhielna f'sens ottattiv, jiġifieri bħala talba, bħala xewqa, bħala xi ħaġa li nistennew, ħaġa li fiha Alla u l-bniedem huma impenjati. Sa mill-ewwel talba, aħna dħalna fil-fond tal-misteru ta' Alla u fl-istorja

[1] Ara Lq 22,14; 12,50.
[2] Ara 1 Kor 15,28.
[3] Ara Salm 111,9; Lq 1,49.

tas-salvazzjoni tagħna l-bnedmin. Meta nitolbu li jitqaddes isem Alla, inkunu qegħdin nitolbu li nidħlu "fil-pjan li għoġbu jfassal minn qabel" ħalli "nkunu qaddisin u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba" *(Ef 1,9.4)*.

2808 Fil-mumenti l-aktar deċisivi tal-Pjan tiegħu, Alla rrivela ismu, iżda rrivelah huwa u jtemm l-opra tiegħu. Issa din l-opra ma sseħħx għalina u fina jekk Ismu ma jkunx imqaddes minna u fina.

2809 Il-qdusija ta' Alla hi l-qofol tal-misteru etern tiegħu, li ma nistgħu naslu qatt li nifmuh. Dak li deher fil-ħolqien u fl-istorja, l-Iskrittura ssejjaħlu l-*glorja*, id-dija tal-kobor ta' Alla.[1] Meta Alla għamel il-bniedem "fis-sura u x-xbieha tiegħu" *(Ġen 1,26)*, hu żejnu bil-ġmiel u s-sebħ *(Salm 8,6)*, iżda l-bniedem meta dineb "iċċaħħad mill-glorja ta' Alla" *(Rum 3,23)*. Wara dan Alla wera l-qdusija tiegħu billi wera ismu u tah biex iġedded il-bniedem "skont ix-xbieha ta' min ħalqu" *(Kol 3,10)*.

2810 Fil-wegħda li Alla għamel ma' Abraham u fil-ħalfa li ssieħbet magħha,[2] Alla ntrabat mingħajr ma wera Ismu. Kien ma' Mosè li Alla beda juri ismu[3] u wrieh quddiem il-poplu kollu meta ħelsu mill-Eġizzjani: "tkabbar bis-sħiħ" *(Eż 15,1)*. Wara l-Patt tas-Sinaj, dan il-poplu sar "tiegħu", ta' Alla, u għalhekk kellu jkun "poplu qaddis".[4]

2811 Iżda minkejja il-Liġi qaddisa li Alla l-Qaddis jagħti u jerġa' jagħti – "Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien"–,[5] u minkejja li l-Mulej jistabar "f'ġieħ ismu", il-poplu tbiegħed mill-Qaddis ta' Israel u "żeblaħ ismu f'għajnejn il-ġnus".[6] Hu għalhekk li l-ġusti tal-Patt il-Qadim, iċ-ċkejknin, li reġgħu lura mill-eżilju, u l-profeti kienu mkebbsin b'imħabba għall-Isem.

2812 Fl-aħħar nett kien f'Ġesù li l-isem ta' Alla l-Qaddis ġie rrivelat lilna u ngħatalna fil-ġisem, bħala Feddej:[7] Intwera dak li hu, permezz tal-kelma tiegħu u tas-sagrifiċċju tiegħu.[8] Din hi l-qalba tat-talba saċerdotali: "Missier qaddis... jien minħabba fihom nikkonsagra lili nnifsi biex huma wkoll ikunu kkonsagrati permezz tal-verità" *(Ġw 17,19)*. Għax hu stess "iqaddes" ismu,[9] Ġesù "wriena" l-isem tal-Missier *(Ġw 17,6)*. Fi tmiem l-Għid tiegħu, il-Missier jagħtih l-isem li hu fuq kull isem: "Ġesù hu l-Mulej fil-glorja ta' Alla l-Missier" *(Fil 2,9-11)*.

2813 Fl-ilma tal-Magħmudija "tnaddafna, tqaddisna, u ġejna ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u bl-Ispirtu ta' Alla tagħna" *(1 Kor 6,11)*. Tul ħajjitna kollha Missierna "jsejħilna biex ngħixu fil-qdusija" *(1 Tes 4,7)* u, għax hu permezz tiegħu li aħna ninsabu fi Kristu "li sar għalina qdusija" *(1 Kor 1,30)*, hu meħtieġ għall-glorja tiegħu u għall-

[1] Ara Salm 8; Is 6,3.
[2] Ara Lh 6,13.
[3] Ara Eż 3,14.
[4] Jew "ikkonsagrat" għax il-kelma Lhudija tfisser kemm "qaddis" u kemm "ikkonsagrat" (ara *Eż 19, 5-6)*.
[5] Ara Lev 19,21.
[6] Ara Eżek 20,36.
[7] Ara Mt 1,21; Lq 1,31.
[8] Ara Ġw 8,28; 17,8; 17,17-19.
[9] Ara Eżek 20,39; 36,20-21.

ħajja tagħna li ismu jkun imqaddes fina u minna. Dan irridu minnufih bl-ewwel talba:

> Min jista' jqaddes 'l Alla, meta huwa hu dak li jqaddes? tant li qal… "Qaddisin tkunu għax qaddis jien" *(Lev 20,26)*? Dan nitolbu u dan nixtiequ aħna li tqaddisna fil-Magħmudija tagħna, li l-għemil tajjeb li nbeda fina, inwassluh għat-tmiem. Jeħtieġ li nitqaddsu kuljum għaliex la aħna nidinbu kull jum, irridu kull jum nitnaddfu minn dnubietna bit-tqaddis bla heda tagħna nfusna… Aħna nitolbu li dan it-tqaddis jibqa' fina.[1]

2814 Jiddependi għal kollox minn *ħajjitna* u mit-*talb* tagħna li l-isem ta' Alla jkun imqaddes fost il-ġnus:

> Nitolbu 'l Alla biex jitqaddes ismu għax bil-qdusija jsalva u jqaddes il-ħolqien kollu… Hu ismu li jagħti s-salvazzjoni lid-dinja li ntilfet, iżda aħna nitolbu li dan l-isem ta' Alla jkun imqaddes fina *b'ħajjitna*. Għaliex jekk ngħixu ħajja tajba, l-isem ta' Alla jkun imbierek; imma jekk ngħixu ħajja ħażina, ismu jkun "imżeblaħ" skont kliem l-Appostlu: "L-isem ta' Alla hu mżeblaħ fost il-ġnus minħabba fikom" *(Rum 2,24; Eżek 23,20-22)*. Nitolbu għalhekk biex ikun jistħoqqilna li jkollna f'ruħna tant qdusija daqskemm hu qaddis l-isem ta' Alla tagħna.[2]

> Meta ngħidu: "Jitqaddes ismek" nitolbu li jitqaddes fina, li aħna fih, u jitqaddes ukoll f'dawk li l-grazzja ta' Alla għad ma waslitx fuqhom, biex inkunu naqblu mal-kmandament li jordnalna biex *nitolbu għal kulħadd*, ukoll għall-għedewwa tagħna. Għalhekk ma ngħidux ikun imqaddes ismek "fina" għax nitolbu li l-isem tiegħu jkun imqaddes fil-bnedmin kollha.[3]

2815 Din it-talba, li tiġbor fiha t-talbiet kollha, tiġi mismugħa permezz tat-*talba ta' Kristu*, l-istess kif jiġu mismugħa s-sitt talbiet l-oħra li jiġu wara. It-talba lil Missierna hi talba tagħna jekk nitolbuha *f'isem* Ġesù.[4] Fit-talba saċerdotali tiegħu Ġesù jitlob: "Missier qaddis, ħarishom f'ismek lil dawk li int tajtni" *(Ġw 17,11)*.

## II. Tiġi saltnatek

2816 Fit-Testment il-Ġdid il-kelma "bażileja" tista' tfisser "regalità" (nom astratt) jew "Saltna" (nom konkret) jew "issaltan" (nom attiv). Is-Saltna ta' Alla hi qabilna. Resqet lejna fil-Verb magħmul bniedem, tħabbret permezz tal-Evanġelju, u ġietna bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Is-Saltna ta' Alla issa tiġina fl-Ikla mqaddsa u fl-Ewkaristija, tinsab fostna. Is-Saltna tiġi fil-glorja meta Kristu jerġa' jagħtiha lill-Missier:

> Kristu stess jista' jkun is-Saltna ta' Alla li kull jum nixtiequ li jiġi u għandna ħerqa kbira li ma ndumux ma naraw il-miġja tiegħu. Kif huwa l-qawmien

[1] San Ċiprijan, *De oratione dominica*, 12: PL 4, 526A-527A.
[2] San Pietru Krisologu, *Sermones*, 71: PL 52, 402A.
[3] Tertulljan, *De oratione*, 3.
[4] Ara Ġw 14,13; 15,16; 16,24,26.

tagħna għax fih aħna għad inqumu, hekk hu jkun is-Saltna ta' Alla għax fih insaltnu.[1]

2817 Din it-talba hija l-"Marana Tha", l-għajta tal-Ispirtu: "Ejja, Mulej Ġesù":

Kieku din it-talba ma ġġagħalniex, kif inhu dmir tagħna, nitolbu għall-miġja tas-Saltna, aħna stess minn rajna konna ntennu b'qawwa din it-talba ħerqana li nħaddnu 'l dak li fih nittamaw. L-erwieħ tal-martri, taħt l-artal, jgħajtu lill-Mulej: "Kemm se ddum Mulej ma titħallas ta' demmna minn dawk li jgħammru fl-art?" *(Apok 6,10)*. Trid issir ġustizzja magħhom fl-aħħar taż-żminijiet. Ħaffef, mela, Mulej, ħa tiġi saltnatek.[2]

2818 It-talba tal-Mulej trid issemmi l-aktar il-miġja tal-aħħar tas-Saltna ta' Alla meta Kristu jerġa' jiġi.[3] Iżda din ix-xewqa ma tbigħedx il-Knisja mill-missjoni tagħha f'din id-dinja, anzi pjuttost timpenjaha. Għaliex minn nhar Għid il-Ħamsin, il-miġja tas-Saltna ta' Alla hi opra tal-Ispirtu tal-Mulej "li jtemm fid-dinja l-ħidma tiegħu u jagħti l-milja tal-qdusija".[4]

2819 "Is-Saltna ta' Alla hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu" *(Rum 14,17)*. L-aħħar żminijiet li aħna ninsabu fihom huma dawk tal-miġja tal-Ispirtu s-Santu: matulhom qiegħda sseħħ il-ġlieda deċisiva bejn "il-ġisem" u l-Ispirtu:[5]

Qalb safja biss tkun tista' tgħid fi żgur "Tiġi saltnatek". Trid tkun tgħallimt fl-iskola ta' San Pawl biex tgħid: "Tħallux li d-dnub isaltan fuq dan il-ġisem li jmut" *(Rum 6,12)*. Min iżomm ruħu safi f'għemilu, fi ħsibijietu u fi kliemu, jista' jgħid lil Alla: "Tiġi saltnatek".[6]

2820 F'għażliet skont l-Ispirtu, l-Insara jridu jiddistingwu bejn it-tkabbir tas-Saltna ta' Alla u l-progress tal-kultura u tas-soċjetà li fih huma impenjati. Din d-distinzjoni ma tfissirx firda. Is-sejħa tal-bniedem għall-ħajja ta' dejjem ma tneħħix, anzi ssaħħaħ id-dmir tiegħu li juża l-enerġiji u l-mezzi li rċieva mingħand Alla li ħalqu, ħa jaqdi f'din id-dinja l-ġustizzja u s-sliem.[7]

2821 Din it-talba nsibuha u ġiet milqugħa fit-talba ta' Ġesù;[8] tinsab preżenti u hi effikaċi fl-Ewkaristija; tagħti l-frott tagħha fil-ħajja ġdida skont il-beatitudnijiet.[9]

## III. Ikun dak li trid int kif fis-sema hekkda fl-art

2822 Hi r-rieda ta' Alla Missierna li "l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità" *(1 Tim 2,3-4)*. Il-Mulej "jistabar għax ma jridx li xi

[1] San Ċiprijan, *De oration dominica*, 13: PL 4, 526A-527A.
[2] Tertulljan, *De oratione*, 5.
[3] Ara Titu 2,13.
[4] Missal Ruman, Talba ewkaristika IV.
[5] Ara Gal 5,16-25.
[6] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Catecheses mystagicae*, 5, 15: PG 33, 1120A.
[7] Ara Konċ. Vatikan II, *Gaudium et spes*, 22, 32; 39; 45; Pawlu VI, eżortazzjoni appostolika *Evangelii nuntiandi*, 31.
[8] Ara Ġw 17,17-20.
[9] Ara Mt 5,13-16; 6,24; 7,12-13.

ħadd jintilef".[1] Il-kmandament tiegħu, li fih jiġbor il-kmandamenti l-oħra kollha u li jgħidilna x'inhi r-rieda kollha tiegħu, hu "li nħobbu lil xulxin bħalma ħabbna hu".[2]

2823 "Hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu, il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel… li kollox jinġabar taħt ras waħda, li hu Kristu… Fih aħna lkoll konna magħżula, iddestinati minn qabel skont il-pjan imfassal minn qabel minn min imexxi kollox skont il-fehma tar-rieda tiegħu" *(Ef 1,9-11)*. Bil-ħerqa kollha nitolbu li dan il-Pjan iseħħ sal-aħħar fuq l-art kif ġa seħħ fis-sema.

2824 Hu fi Kristu, u bir-rieda tiegħu ta' bniedem, li seħħet ir-rieda tal-Missier, u seħħet darba għal dejjem. Huwa u dieħel fid-dinja, Ġesù qal: "Hawn jien ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla" *(Lh 10,7; Salm 40,7)*. Ġesù biss seta' jgħid: "Jiena dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu" *(Ġw 8,29)*. Fit-talba tal-agunija tiegħu, joqgħod għal din ir-rieda għal kollox: "Tkun magħmula r-rieda tiegħek u mhux tiegħi".[3] Hu għalhekk li li Ġesù "ta lilu nnifsu għal dnubietna skont ir-rieda ta' Alla" *(Gal 1,4)*. "Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu" *(Lh 10,10)*.

2825 Ġesù "tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza" *(Lh 5,8)*. Wisq aktar għandna nitgħallmu dan, aħna ħlejjaq u midinbin, li sirna wlied adottivi ta' Alla. Aħna nitolbu lil Missierna biex ngħaqqdu r-rieda tagħna mar-rieda ta' Ibnu ħalli nagħmlu r-rieda tiegħu, il-pjan tiegħu għas-salvazzjoni tal-ħajja tad-dinja. Aħna minna nfusna bla ħila li nwettqu dan: iżda magħqudin ma' Ġesù u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tiegħu, nistgħu nagħtuh ir-rieda tagħna u niddeċiedu li nagħżlu biss dak li Ibnu dejjem għażel: li jsir dak li jogħġob lill-Missier:[4]

> Magħqudin ma' Kristu, nistgħu nsiru spirtu wieħed miegħu, u b'hekk nagħmlu r-rieda tiegħu, b'mod li tkun magħmula fl-art kif fis-sema.[5]
>
> Aħsbu ftit kif Ġesù jgħallimna nkunu umli, billi jurina li l-virtù tagħna ma tiddependix mill-impenn tagħna biss imma wkoll mill-grazzja ta' Alla. Hu jikkmanda lil kull Nisrani li jitlob biex jagħmel dan f'sens universali għad-dinja kollha. Għaliex ma jgħidx "Ħa tkun li trid int" fija u fik, "imma fid-dinja kollha", biex il-ħażin jinżamm 'il bogħod, biex il-verità ssaltan, il-vizzju jinqered, biex il-virtù tagħti l-frott tagħha, u l-art ma tkunx aktar differenti mis-sema.[6]

2826 Hu permezz tat-talb li jirnexxilna "nagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla" *(Rum 12,2; Ef 5,17)* u niksbu "s-sabar biex nagħmlu r-rieda ta' Alla" *(Lh 10,36)*. Ġesù jgħallimna li wieħed jidħol fis-saltna tas-smewwiet, mhux bit-tpaċpiċ, imma billi titwettaq "ir-rieda ta' Alla li hu fis-smewwiet" *(Mt 7,21)*.

[1] 2 Piet 3,9; ara Mt 18,14.
[2] Ġw 13,34; ara 1 Ġw 3; 4; Lq 10,25-37.
[3] Lq 22,42; ara Ġw 4,34; 5,30; 6,38.
[4] Ara Ġw 8,29.
[5] Oriġene, *De oratione*, 26.
[6] San Ġwann Griżostmu, *Homilia in Matthaeum*, 19, 5: PG 57, 280B.

2827 "Min jagħmel ir-rieda ta' Alla, lil dan Alla jisimgħu".[1] Daqshekk hi qawwija t-talba tal-Knisja f'isem Sidha, l-aktar fl-Ewkaristija; hi għaqda fl-interċessjoni mal-Imqaddsa Omm Alla[2] u mal-qaddisin kollha li "għoġbu" lill-Mulej għax ma kellhomx rieda oħra ħlief dik tiegħu:

> Nistgħu wkoll, mingħajr ma nkażbru l-verità, nagħtu lill-kelmiet: "Ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art" dan it-tifsir: ikun li trid int fil-Knisja kif f'Sidna Ġesù Kristu; ikun li trid int fl-Għarusa, li hi mgħarrsa miegħu, kif fl-"Għarus li għamel ir-rieda tal-Missier".[3]

## IV. Hobżna ta' kuljum agħtina llum

2828 *Agħtina*: sabiħa l-fiduċja tal-ulied li jistennew kollox mingħand Missierhom. "Hu jtella' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita tiegħu sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex" *(Mt 5,45)*, u jagħti lil kulħadd "ikilhom f'waqtu" *(Salm 104,27)*. Kristu jgħallimna din it-talba li fil-fatt tigglorifika lil Missierna għax tagħraf li hu Tajjeb aktar minn kull tjieba.

2829 "Agħtina" tfisser ukoll il-Patt: aħna għalih u hu għalina. Imma "aħna" nagħrfuh bħala Missier il-bnedmin kollha u nitolbuh għalihom kollha, b'solidarjetà sħiħa ma' ħtiġijiethom u mat-tbatijiet tagħhom.

2830 *"Hobżna".* Il-Missier li jagħtina l-ħajja ma jistax ma jagħtiniex ukoll l-ikel meħtieġ għall-ħajja, il-ġid kollu materjali u spiritwali "li jaqbel lilna". Fid-Diskors tal-Muntanja Ġesù jinsisti ħafna fuq din il-fiduċja ta' wlied li tikkoopera mal-providenza tal-Missier.[4] Ma timpenjana f'ebda qagħda passiva, li ma nagħmlu xejn,[5] imma trid teħlisna minn kull inkwiet żejjed u tħassib bla bżonn. Hu b'dan il-mod li jintelqu għal kollox f'Alla, uliedu:

> Alla lil dawk li jfittxu s-Saltna u l-ġustizzja tiegħu, jagħtihom wisq aktar milli jitolbu. Kollox hu ta' Alla, u għalhekk xejn ma jkun jonqsu min ikollu 'l Alla, jekk hu stess ma jonqosx lil Alla.[6]

2831 Iżda l-preżenza fostna ta' dawk li qed ibatu l-ġuħ għax ma għandhomx ħobż, turi aspett profond ieħor ta' din it-talba. It-traġedja tal-ġuħ fid-dinja ssejjaħ lill-Insara li jitolbu fil-verità għal responsabbiltà konkreta b'risq ħuthom, kemm fl-imġiba personali tagħhom, kif ukoll fis-solidarjetà tagħhom mal-ġens kollu tal-bnedmin. Din it-talba tal-Missierna ma nistgħux nifirduha mill-parabboli tal-fqajjar Lazzru[7] u tal-tal-ġudizzju universali.[8]

[1] Ġw 9,31; ara 1 Ġw 5,14.
[2] Ara Lq 1,38.49.
[3] Santu Wistin, *De sermone Domini in monte*, 2, 6, 24: PL 34, 1279.
[4] Ara Mt 6,25-34.
[5] Ara 2 Tes 3,6-13.
[6] San Ċiprijan, *De oratione dominica*, 21: PL 4, 534A.
[7] Ara Lq 16,19-31.
[8] Ara Mt 25,31-46.

2832 Bħall-ħmira fl-għaġina, hekk il-ħajja ġdida tas-Saltna trid teħmer l-art permezz tal-Ispirtu ta' Kristu.[1] Trid tidher permezz tat-twettiq tal-ġustizzja fir-relazzjonijiet personali u soċjali, ekonomiċi u internazzjonali; iżda ma ninsew qatt li ma jistax ikun hemm strutturi ġusti jekk ma jkunx hemm bnedmin li jridu jkunu ġusti.

2833 It-talba hi dwar "ħobżna", ħobża "waħda" għal "ħafna". Il-faqar tal-beatitudnijiet hu l-virtù tal-qsim mal-oħrajn: jistedinna nagħtu u naqsmu l-ġid materjali u spiritwali, mhux għax imġegħlin, imma għall-imħabba, biex iż-żejjed ta' xi wħud jgħin għan-nuqqas tal-oħrajn.[2]

2834 "Talb u ħidma".[3] "Itolbu bħallikieku kollox jiddependi minn Alla, aħdmu bħallikieku kollox jiddependi minnkom"[4]. Meta nkunu għamilna l-ħidma tagħna, l-ikel jibqa' dejjem don ta' Alla, ta' Missierna; ħaġa tajba nitolbuhulu, waqt li nroddulu ħajr għalih. Dan hu xi tfisser il-barka tal-ikel fi ħdan familja nisranija.

2835 Din it-talba, flimkien mar-responsabbiltà li ġġib magħha, tiswa wkoll għal ġuħ ieħor li jbatu minnu l-bnedmin: "Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla" *(Dewt 8,3; Mt 4,4)*, jiġifieri mill-Kelma u n-Nifs tiegħu. L-Insara għandhom jagħmlu minn kollox biex "ixandru l-Evanġelju lill-foqra". Hemm ġuħ kbir fid-dinja, li mhux il-ġuħ tal-ħobż anqas l-għatx għall-ilma, iżda għas-smigħ tal-kelma tal-Mulej *(Għam 8,11)*. Hu għalhekk li t-tifsir speċifikament nisrani tar-raba' talba hu dwar il-Ħobż tal-Ħajja: il-kelma ta' Alla li trid tiġi milqugħa bil-fidi, il-ġisem ta' Kristu li jingħata fl-Ewkaristija.[5]

2836 *"Illum"*: din ukoll hi espressjoni ta' fiduċja. Il-Mulej jgħallimhielna:[6] il-prużunzjoni tagħna ma setgħetx tivvintaha. Ladarba titratta fuq kollox il-Kelma tieghu u l-Ġisem ta' Ibnu, dan l-"illum" mhuwiex biss ta' dan iż-żmien li jgħaddi; hu l-Illum ta' Alla:

> Jekk il-ħobż tirċevih kuljum, kull jum hu għalik illum. Jekk Kristu hu għalik illum, kuljum jirxoxta għalik. Kif inhu dan? "Ibni int, jien illum nissiltek" *(Salm 2,7)*. Illum, jiġifieri: meta Kristu jirxoxta.[7]

2837 *"Ta' kuljum".* Din il-kelma *"èpiousios"* ma nsibuha imkien ieħor fit-Testment il-Ġdid. Meħuda fis-sens taż-żmien, hi tiġdid pedagoġiku ta' "llum",[8] biex twettaqna f'fiduċja "bla qies". Meħuda f'sens kwalitattiv, tfisser dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja, u f'sens aktar wiesa' kull ġid li hu bżżejjed biex wieħed jgħix.[9] Meħuda letteralment *(èpiousios: "'il fuq mill-essenzjal")* tindika direttament il-Ħobż tal-Ħajja, il-Ġisem ta' Kristu,

[1] Ara Konċ. Vatikan II, *Apostolicam actuositatem*, 5.
[2] Ara 2 Kor 8,1-15.
[3] Ara San Benedittu, *Regula*, 20, 45.
[4] Jingħad li ntqal minn San Injazju ta' Loyola u jinsab ċitat fil-ktieb ta' E. Bianco, *Dizionario di pensieri citabili*, 26.
[5] Ara Ġw 6, 26-58.
[6] Ara Mt 6,34; Eż 16,19.
[7] San Ambroġ, *De sacramentis*, 5, 26: PL 16, 453A.
[8] Ara Eż 16,19-21.
[9] Ara 1 Tim 6,8.

“mediċina għal ħajja bla tmiem”[1] li mingħajrha ma jkollniex il-Ħajja fina.[2] Fl-aħħar nett, marbuta ma ta' qabilha, joħroġ ċar is-sens tal-ħwejjeġ tas-sema: “dan il-Jum” hu dak tal-Mulej, il-Jum tal-Ikla tas-Saltna tas-Sema antiċipata fl-Ewkaristija li fiha nduqu minn qabel is-Saltna li għad trid tiġi. Hu minħabba f'dan li hu xieraq li l-Liturġija ewkaristika tkun iċċelebrata “kuljum”.

> L-Ewkaristija hija l-ħobżna ta' kuljum. Il-qawwa proprja ta' dan l-ikel tas-sema hi qawwa ta' għaqda: tgħaqqadna mal-Ġisem tal-Mulej u tagħmilna membri tiegħu biex insiru dak li nirċievu… Dan il-ħobż ta' kuljum insibuh ukoll fil-qari li nisimgħu kull jum fil-Knisja, fl-innijiet li jitkantaw u li intom tkantaw. Dan kollu hu meħtieġ għall-mixi tagħna lejn is-sema.[3]
>
> Il-Missier tas-sema jħeġġiġna nitolbu l-Ħobż tas-sema bħala wlied is-sema.[4] Kristu “nnifsu hu l-Ħobż, miżrugħ fil-Verġni, meħmur fil-laħam, magħġun fil-passjoni, moħmi fil-forn tal-qabar, maħżun fil-Knisja, miġjub fuq l-artali, joffri kull jum lill-Insara l-ikel tas-sema”.[5]

## V. Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina

2838 Din it-talba tgħaġġibna. Kieku nqisu l-ewwel parti tat-talba: “Aħfrilna dnubietna”, impliċitament din ġa tinsab fl-ewwel tliet talbiet tal-Missierna, għax Kristu offra s-sagrifiċċju tiegħu “għall-maħfra tad-dnubiet”. Iżda t-tieni parti tat-talba turina li Alla ma jilqax it-talba tagħna qabel ma jseħħ dak li qed jistenna minna. Qed nitolbu ħaġa għall-ġejjieni, iżda biex jingħatalna dak li qed nitolbu, irridu nkunu ġa tajna t-tweġiba tagħna: kelma waħda tgħaqqad iż-żewġ partijiet tat-talba: “bħalma”.

AĦFRILNA DNUBIETNA…

2839 Bdejna nitolbu lil Missierna tas-sema b'fiduċja qalbiena. Aħna nitolbu li jitqaddes ismu; tlabna wkoll li nitqaddsu dejjem aktar. Iżda, għalkemm ilbisna l-libsa tal-Magħmudija, ma niqfux milli nidinbu, li nitbiegħdu minn Alla. Issa, f'din it-talba, qed nerġgħu lura lejn Alla bħall-iben il-ħali,[6] u nistqarru li aħna midinbin quddiemu, bħall-pubblikan.[7] It-talba tagħna tibda bi “stqarrija”: nistqarru fl-istess waqt il-miżerja tagħna u l-ħniena kbira ta' Alla. It-tama tagħna hi sħiħa, għax f'Ibnu “għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet” *(Kol 1,14; Ef 1,7)*. Sinjal effikaċi u żgur tal-maħfra ta' Alla nsibuh fis-sagramenti tal-Knisja tiegħu.[8]

2840 Issa, u din hi ħaġa tremenda, din il-mewġa ta' ħniena ma tistax tidħol f'qalbna qabel ma nkunu ħfirna lil min hu ħati għalina. L-

---

[1] San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Ephesios*, 20, 2: PG 5, 661.
[2] Ara Ġw 6,53-56.
[3] Santu Wistin, *Sermones*, 57, 7, 7: PL 38, 389.
[4] Ara Ġw 6,51.
[5] San Pietru Krisologu, *Sermones*, 71: PL 52, 402D.
[6] Ara Lq 15,11-32.
[7] Ara Lq 18,13.
[8] Ara Mt 26,28; Ġw 20,23.

Imħabba, bħall-Ġisem ta' Kristu, ma tinqasamx: ma nistgħux inħobbu 'l Alla li ma nistgħux naraw u ma nħobbux lil ħutna li naraw.[1] Meta niċħdu l-maħfra lil ħutna, qalbna tingħalaq, u l-ebusija tagħha ma tħallix l-imħabba kollha ħniena tal-Missier tidħol fiha: permezz tal-istqarrija tad-dnub tagħna, qalbna hi miftuħa għall-grazzja tiegħu.

2841 Din it-talba hi tant importanti li l-Mulej jiżviluppa lilha biss fid-Diskors tal-Muntanja.[2] Mhux possibbli għall-bniedem iwieġeb għal din it-talba kruċjali tal-misteru tal-Patt il-Ġdid. Imma għal "Alla ma hemm xejn li ma jistax ikun".

... BHALMA NAHFRU LIL MIN HU HATI GHALINA

2842 Ġesù mhux l-ewwel darba li juża l-kelma "bħalma": "Kunu mela perfetti bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet" *(Mt 5,48)*. "Ħennu bħalma hu ħanin Missierkom" *(Lq 6,36)*. "Nagħtikom kmandament ġdid: bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll intom ħobbu lil xulxin" *(Ġw 13,34)*. Il-ħarsien tal-kmandament tal-Mulej isir impossibbli jekk ix-xebh fuq il-mudell divin ikun biss fil-qoxra. Hawnhekk qiegħed jintalab minna tisħib vitali "mill-fond ta' qalbna" fil-Qdusija, fil-Ħniena u fl-Imħabba ta' Alla tagħna. L-Ispirtu biss, li "ngħixu" bih *(Gal 5,25)*, jista' jagħmel "tagħna" s-sentimenti ta' Kristu Ġesù.[3] Għalhekk ikun possibbli li "aħna naħfru lil xulxin, bħalma Alla jaħfer lilna fi Kristu" *(Ef 4,32)*.

2843 Hekk iseħħu kliem il-Mulej fuq il-maħfra, fuq dik l-imħabba li tħobb sal-aħħar.[4] Il-parabbola tal-qaddej bla ħniena li tagħlaq it-tagħlim tagħlim tal-Mulej fuq ix-xirka tal-Knisja,[5] tintemm b'dan il-kliem: "Hekk "Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom". Hu "fil-fond tal-*qalb* " li jinħall u jintrabat kollox. Mhuwiex fil-ħila tagħna li ma nħossux aktar l-offiża li ssirilna u ninsewha; iżda l-qalb li toffri lilha nfisha lill-Ispirtu s-Santu tbiddel l-offiża f'mogħdrija u ssaffi l-memorja billi tbiddel l-offiża f'talba.

2844 It-talba nisranija tasal sal-*maħfra tal-għedewwa*.[6] Tbiddel lid-dixxiplu u tagħmlu jixbah 'l-Imgħallem. Il-maħfra hi fil-quċċata tat-talba nisranija: id-don tat-talb ma nistgħux nirċevuh jekk qalbna ma tkunx f'armonija mal-ħniena u l-mogħdrija ta' Alla. Il-maħfra hi wkoll xhieda li fid-dinja tagħna, l-imħabba hi aqwa mid-dnub. Il-martri tal-bieraħ u tal-lum, jagħtu din ix-xhieda ta' Ġesù. Il-maħfra hi l-kundizzjoni essenzjali għar-Rikonċiljazzjoni[7] ta' wlied Alla mal-Missier, u tal-bnedmin bejniethom.[8]

---

[1] Ara 1 Ġw 4,20.
[2] Ara Mt 6,14-15; 5,23-24; Mk 11,25.
[3] Ara Fil 2,1.5.
[4] Ara Ġw 13,1.
[5] Ara Mt 18,23-35.
[6] Ara Mt 5,43-44.
[7] Ara 2 Kor 5,18-21.
[8] Ġwanni Pawlu II, enċiklika *Dives in misericordia*, 14.

2845 M'hemmx limiti u lanqas qies għall-maħfra li essenzjalment tiġi minn Alla.[1] Jekk hi maħfra tal-offiżi li jsirulna ("dnubiet" skont *Lq 11,4* jew "djun" skont *Mt 6,12*), aħna dejjem midjunin: "Tkunux obbligati lejn ħadd, ħlief li tħobbu lil xulxin" *(Rum 13,8)*. L-għaqda fit-Trinità Qaddisa hi l-bidu u l-kriterju tal-verità ta' kull relazzjoni.[2] Ngħixuha fit-talb, u l-aktar fl-Ewkaristija:

> Alla ma jilqax is-sagrifiċċju ta' dawk li jwettqu l-firda; Hu jibgħathom lura mill-artal sabiex l-ewwel imorru jitħabbu ma' ħuthom: Alla jtaffi l-għadab tiegħu bit-talb ta' min tassew irid il-paċi. L-offerta li l-aktar togħġob hi l-paċi tagħna, l-għaqda tagħna mal-oħrajn, ix-xirka fil-Missier, fl-Iben u fl-Ispirtu s-Santu tal-ġemgħa kollha tal-Insara.[3]

## VI. Iddaħħalniex fit-tiġrib

2846 Din it-talba toħodna għall-għerq tat-talba ta' qabel, għax dnubietna huma l-frott tal-kunsens li nagħtu lit-tiġrib, lit-tentazzjoni. Nitolbu lil Missierna tas-sema biex ma "jdaħħalniex" fit-tiġrib. Diffiċli ħafna tittraduċi b'kelma waħda l-kelma Griega, li tfisser "tħalliniex nidħlu fit-tiġrib",[4] "tħalliniex naqgħu fit-tiġrib". "Alla ma jistax jiġġarrab jiġġarrab għall-ħażen, u lanqas ma hu se jġarrab lil ħadd" *(Ġak 1,13)*, anzi jrid jeħlisna mit-tiġrib. Aħna nitolbuh biex ma jħalliniex naqbdu t-triq li twassal għad-dnub. Aħna impenjati fil-ġlieda bejn "il-ġisem u l-ispirtu". B'din it-talba nitolbu l-għajnuna tal-Ispirtu għad-dixxerniment u għall-qawwa, ħa nagħrfu nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin u jkollna l-qawwa nżommu ruħna 'l bogħod minn dak li hu ħażin.

2847 L-Ispirtu s-Santu jgħinna *nagħrfu d-differenza* li hemm bejn il-prova, meħtieġa għat-tkabbir tal-bniedem interjuri[5] sabiex ikollna "virtù li tkun għaddiet mill-prova" *(Rum 5,3-5)*, u t-tentazzjoni, li twassal għad-dnub u għall-mewt. Irridu wkoll nagħrfu nagħżlu bejn li "nkunu mġarrbin" u li "naċċettaw" it-tiġrib. Fl-aħħar nett, il-kapaċità li nagħrfu nikxfu l-gidba tat-tiġrib: li turi l-ħaġa bħala "tajba, togħġob lill-għajnejn, tħajjar" (Ġen 3,6), meta fil-fatt il-frott tagħha hu l-mewt.

> Alla ma jridx iġegħelna nagħmlu t-tajjeb, iridna ħielsa... Xi drabi t-tiġrib jiswa. Ħlief Alla, ħadd ma jaf xi rċeviet ruħna mingħand Alla, lanqas aħna stess ma nafuh dan. Iżda t-tiġrib jurih biex jgħallimna nagħrfu lilna nfusna u hekk nintebħu bil-miżerja tagħna u jġegħelna nroddu ħajr lil Alla għall-ġid li t-tiġrib uriena.[6]

2848 "Iddaħħalniex fit-tiġrib" titlob *deċiżjoni mill-qalb*. "Fejn hemm it-teżor tiegħek hemm tinsab qalbek ukoll... Ma nistgħux naqdu lil Alla u l-flus" *(Mt 6,21.24)*. "Jekk ngħixu fl-Ispirtu, ħalli nimxu bl-Ispirtu" *(Gal 5,25)*. Jekk aħna nilqgħu l-Ispirtu s-Santu, il-Missier jagħtina l-qawwa.

---

[1] Ara Mt 18,21-22; Lq 17,3-4.
[2] Ara 1 Ġw 3,19-24.
[3] San Ċiprijan, *De oratione dominica,* 23 PL 4, 535C-536A.
[4] Ara Mt 26,41.
[5] Lq 8,13-15; Atti 14,22; 2 Tim 3,12.
[6] Oriġene, *De oratione,* 29.

"Sa issa ebda tiġrib ma laħaqkom li bniedem ma jiflaħx għalih. Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu aktar milli tifilħu: jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tifilħu għalih" *(1 Kor 10,13)*.

2849 Din it-taqbida u din ir-rebħa huma possibbli biss fit-talb. Hu permezz tat-talb tiegħu li Ġesù rebaħ lix-xitan sa mill-bidu[1] kif ukoll waqt l-aħħar taqbida.[2] Hu minħabba t-taqbida u l-agunija tiegħu li Kristu f'din it-talba jgħaqqadna mal-Missier tagħna. Is-*sahra* tal-qalb hi msemmija b'insistenza f'rabta ma' dik tiegħu.[3] Is-sahra hi "l-għassa jew il-ħarsien tal-qalb" u Ġesù jitlob lill-Missier biex "iħarisna f'ismu" *(Ġw 17,11).* L-Ispirtu s-Santu jfittex li jkebbes fina bla waqfien din is-sahra.[4] Din it-talba takkwista s-sens drammatiku kollu tagħha f'din id-dinja; hi talba għall-*perseveranza aħħarija.* "Arani ġej bħal ħalliel! Hieni min jishar!" *(Apok 16,15)*.

## VII. Eħlisna mid-deni

2850 L-aħħar talba tal-Missierna tinsab ukoll fit-talba ta' Ġesù: "Ma nitolbokx li twarrabhom mid-dinja, imma li tħarishom mill-Ħażin" *(Ġw 17,15)*. It-talba hi għalina, għal kull wieħed minna personalment, imma hu dejjem "aħna" li nitolbu f'għaqda mal-Knisja kollha, għall-ħelsien tal-ġens kollu tal-bnedmin. It-Talba tal-Mulej ma tieqaf qatt tiftħilna qalbna għad-dimensjonijiet tal-pjan tas-salvazzjoni. L-interdipendenza tagħna fid-dramm tad-dnub u tal-mewt hi mibdula f'solidarjetà fil-Ġisem ta' Kristu, fix-"xirka tal-qaddisin".[5]

2851 F'din it-talba d-deni mhuwiex xi ħaġa astratta, imma hu persuna, ix-Xitan, il-Ħażin, l-anġlu li ħadha kontra Alla. Ix-xitan, id-demonju ("dja-bolos") hu dak li "jeħodha kontra l-pjan ta' Alla, l-"opra ta' salvazzjoni" li seħħet fi Kristu.

2852 "Qattiel sa mill-bidu, giddieb u missier il-gideb" *(Ġw 8,44)*, "ix-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha" *(Apok 12,9)* daħħal id-dnub u l-mewt fid-dinja, u b'rebħa sħiħa fuqu l-ħolqien kollu jiġi "meħlus mid-dnub u l-mewt".[6] "Aħna nafu li kull min hu mwieled minn Alla ma jidnibx, imma l-Iben ta' Alla jħarsu mid-dnub, u l-Ħażin ma jmissux b'idejh. Nafu li aħna ġejjin minn Alla u li d-dinja kollha qiegħda taħt idejn il-ħażin" *(1 Ġw 5,18-19)*:

> Il-Mulej li neħħiliek id-dnub tiegħek u ħafirlek ħtijietek, iħarsek ukoll u jeħilsek mill-qerq tax-xitan li jġarrbek, biex l-għadu li mdorri joħloq il-ħtija

---

[1] Ara Mt 4,1-11.
[2] Ara Mt 26,36-44.
[3] Ara Mt 13,9.23.33-37; 14,38; Lq 12,35-40.
[4] Ara 1 Kor 16,13; Kol 4,2; 1 Tess 5,6; 1 Piet 5,8.
[5] Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Reconciliatio et poenitentia*, 16.
[6] Missal Ruman, Talba Ewkaristika IV.

ma jeħdokx għal għarrieda. Min jafda f'Alla ma jibżax mix-Xitan. "Jekk Alla magħna, min jista' jkun kontra tagħna?"*(Rum 8,31)*[1]

2853 Ir-rebħa fuq "il-prinċep ta' din id-dinja" nkisbet darba għal dejjem fis-siegħa li fiha Ġesù ta lilu nnifsu għall-mewt biex jagħti l-ħajja lilna. Imbagħad iseħħ il-ġudizzju ta' din id-dinja, u "l-prinċep ta' din id-dinja" *(Ġw 14,10)* "jitkeċċa 'l barra" *(Ġw 12,31; Apok 12,11)*. "Jitlaq wara l-Mara",[2] iżda ma għandux setgħa fuqha: Eva l-ġdida, "mimlija bil-grazzja" tal-Ispirtu s-Santu, hi ħielsa minn kull dnub u mit-taħsir tal-mewt (l-Imnissla bla Tebgħa u Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, l-Imqaddsa Omm Alla, Marija, dejjem Verġni). "U d-dragun imtela bil-korla għall-Mara u mar biex jagħmel gwerra mal-bqija ta' nisilha" *(Apok 12,17)*. Hu għalhekk li l-Ispirtu u l-Knisja jitolbu: "Ejja, Mulej Ġesù!" *(Apok 22,17.20)*, għax il-miġja tiegħu teħlisna mill-Ħażin.

2854 Meta nitolbu l-ħelsien mill-Ħażin, nitolbu wkoll li nkunu meħlusa minn kull deni tal-imgħoddi u tal-ġejjieni, deni li ġej minn dak li jħajjar għalih. Iżda f'din l-aħħar talba, il-Knisja tippreżenta lill-Missier it-tiġrib kollu tad-dinja. Mal-ħelsien mill-ħażin li jġarrab il-ġens kollu tal-bnedmin, il-Knisja titlob id-don għażiż tal-paċi u l-grazzja li toqgħod dejjem tistenna sal-aħħar it-tieni miġja ta' Kristu. Hija u titlob b'dan il-mod, il-Knisja tgħix minn qabel, fl-umiltà tal-fidi, it-tiġdid ta' kollox u ta' kulħadd f'dak li għandu f'idejh "l-imfietaħ tal-Mewt u ta' Post il-Mejtin, li hu, li kien, li għad irid jiġi, dak li jista' kollox":[3]

Eħlisna, nitolbuk, Mulej, minn kull deni; agħtina fit-tjieba u l-ħniena tiegħek, il-paċi fi żmienna, biex inkunu ħielsa minn kull dnub, u mħarsa minn kull inkwiet, aħna u nistennew u nittamaw l-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.[4]

## ID-DOSSOLOĠIJA TAL-AĦĦAR

2855 Id-dossoloġija tal-aħħar: "Għax tiegħek hi s-saltna, il-qawwa u l-glorja għal dejjem", ittenni l-ewwel tliet talbiet tal-Missierna: il-glorifikazzjoni tal-Isem tiegħu, il-miġja tas-Saltna tiegħu, u l-qawwa tar-Rieda tiegħu għas-salvazzjoni. Iżda dawn l-ewwel tliet talbiet fid-dossoloġija qed jiġu mtennija f'sura ta' adorazzjoni u radd il-ħajr kif isir fil-liturġija tas-sema.[5] Il-prinċep ta' din id-dinja b'mod qarrieq kien attribwixxa lilu nnifsu dawn it-tliet titli tas-saltna, tal-qawwa u tal-glorja;[6] Kristu l-Mulej reġa' tahom lura lill-Missier tiegħu u tagħna sa dak il-jum li fih jafdalu s-Saltna meta l-misteru tas-salvazzjoni jkun laħaq il-milja sħiħa tiegħu u Alla jkun kollox f'kulħadd.[7]

---

[1] San Ambroġ, *De sacramentis*, 5, 30: PL 16, 454AB.
[2] Ara Apok 12, 13-16.
[3] Apok 1,8 ara 1,4.
[4] Missal Ruman, Emboliżmu.
[5] Ara Apok 1,6; 4,11; 5,13.
[6] Ara Lq 4,5-6.
[7] Ara 1 Kor 15,25-28.

2856 "Imbagħad, meta ttemm it-talba, tgħid *Ammen* u b'dan l-Ammen li jfisser "Hekk ikun"[1] int twettaq it-talba li għallimna l-Mulej".[2]

## Fil-qosor

2857 *Fil-"Missierna" l-ewwel tliet talbiet huma dwar il-Glorja tal-Missier, it-Tqaddis ta' Ismu, u l-Miġja ta' Saltnatu u s-Sħuħija tar-Rieda tiegħu. L-erba' talbiet l-oħra juru xewqatna: talbiet għall-manteniment ta' ħajjitna u għall-fejqan mid-dnub; u huma marbutin mat-taqbida tagħna għar-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażin.*

2858 *Meta nitolbu: "Jitqaddes ismek" aħna nidħlu fil-pjan ta' Alla: it-tqaddis ta' Ismu – rivelat lil Mosè, imbagħad f'Ġesù – minna u fina, f'kull ġens u f'kull bniedem.*

2859 *Fit-tieni talba l-Knisja tħares l-aktar lejn it-tieni miġja ta' Kristu, lejn il-miġja fl-aħħar taż-żmien tas-Saltna ta' Alla. Titlob ukoll għall-kobor tas-Saltna ta' Alla fl-"illum" ta' ħajjitna.*

2860 *Fit-tielet talba nitolbu biex Alla jgħaqqad ir-rieda tagħna ma' dik ta' Ibnu biex iseħħ il-pjan tas-salvazzjoni fil-ħajja tad-dinja.*

2861 *Fir-raba' talba ngħidu: "Agħtina" biex, f'għaqda ma' ħutna kollha, nuru l-fiduċja tagħna fil-Missier tagħna tas-sema. "Ħobżna" hu l-ikel ta' din l-art li neħtieġu biex ngħixu, u jfisser ukoll il-Ħobż tal-ħajja: il-kelma ta' Alla u l-ġisem ta' Kristu. Nirċevuh fl-"Illum" ta' Alla, bħala l-ikel li ma nistgħux ngħaddu mingħajru (meħtieġ fuq li meħtieġ), l-ikel tal-Ikla tas-Saltna, li l-Ewkaristija ddewwaqna minn qabel.*

2862 *Il-ħames talba hi dwar in-nuqqasijiet tagħna u nitolbu l-maħfra tagħhom mill-ħniena ta' Alla, li ma tidħolx f'qalbna jekk aħna ma nkunux għarafna naħfru lill-għedewwa tagħna, fuq l-eżempju u bl-għajnuna ta' Kristu.*

2863 *Meta ngħidu "Iddaħħalniex fit-tiġrib" inkunu qegħdin nitolbu 'l Alla biex ma jħalliniex naqbdu t-triq tad-dnub. B'din it-talba nitolbu l-Ispirtu jagħtina l-grazzja li nagħrfu t-tajjeb mill-ħażin, u l-qawwa biex nagħmlu t-tajjeb. Nitolbu wkoll li qalbna tishar dejjem fuq l-imġiba kollha tagħna u li niksbu l-perseveranza tal-aħħar.*

2864 *Fl-aħħar talba "Eħlisna mid-deni" n-Nisrani, flimkien mal-Knisja, jitlob 'l Alla li jurina r-rebħa, li Kristu ġa kiseb fuq "il-prinċep ta' din id-dinja", ix-xitan, l-anġlu li personalment jeħodha kontra Alla u l-pjan tiegħu ta' salvazzjoni.*

2865 *Bl-"Ammen" tal-għeluq, aħna nesprimu l-"*fiat*" tagħna għas-seba' talbiet, jiġifieri "Hekk ikun".*

[1] Ara Lq 1,38.
[2] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Catecheses mystagogicae*, 5, 18: PG 33, 1124A.

# WERREJ

# WERREJ TAR-REFERENZI

*Fit-tieni kolonna jidhru n-numri tal-katekiżmu. L-asterisk ifisser li l-passi mill-Iskrittura, mid-dokumenti tal-Konċilju, jew mill-Kodiċi, mhumiex ċitati letteralment (Prologu n.19)*

## L-ISKRITTURA MQADDSA

### IT-TESTMENT IL-QADIM

#### Ġenesi (Ġen)


| | | |
|---|---|---|
| 1 | 1-2, 4 | 337 |
| 1 | 1 | 268*, 279, 280, 290 |
| 1 | 2-3 | 292* |
| 1 | 2 | 243*, 703*, 1218* |
| 1 | 3 | 298* |
| 1 | 4 | 299 |
| 1 | 10 | 299 |
| 1 | 12 | 299 |
| 1 | 14 | 347* |
| 1 | 18 | 299 |
| 1 | 21 | 299 |
| 1 | 26-29 | 2402* |
| 1 | 26-28 | 307* |
| 1 | 26-27 | 1602* |
| 1 | 26 | 36*, 225, 299*, 343*, 2501, 2809 |
| 1 | 27 | 355, 383, 1064, 1607*, 1652, 2331, 2427* |
| 1 | 28-31 | 2415* |
| 1 | 28 | 372, 373, 1604, 1607*, 1652, 2331, 2427* |
| 1 | 31 | 299, 1604* |
| 2 | 1-3 | 345 |
| 2 | 2 | 314*, 2184 |
| 2 | 7 | 362, 369*, 703* |
| 2 | 8 | 378* |
| 2 | 15 | 378 |
| 2 | 17 | 376*, 396, 396, 400*, 1006*, 1008* |
| 2 | 18-25 | 1605 |
| 2 | 18 | 371, 1652 |
| 2 | 19-20 | 371, 2417* |
| 2 | 22 | 369*, 1607* |
| 2 | 23 | 371 |
| 2 | 24 | 372, 1627*, 1644*, 2335 |
| 2 | 25 | 376* |
| 3 | | 390*, 2795* |
| 3 | 1-11 | 397* |
| 3 | 3 | 1008* |
| 3 | 4-5 | 391* |
| 3 | 5 | 392, 398*, 399*, 1850 |
| 3 | 6 | 2541, 2847 |
| 3 | 7 | 400* |
| 3 | 8-10 | 29* |
| 3 | 9-10 | 399* |
| 3 | 9 | 410*, 2568 |
| 3 | 11-13 | 400* |
| 3 | 11 | 2515 |
| 3 | 12 | 1607* |
| 3 | 13 | 1736, 2568 |
| 3 | 14-19 | 2427* |
| 3 | 15 | 70*, 410*, 489* |
| 3 | 16-19 | 1607* |
| 3 | 16 | 376*, 400*, 1609 |
| 3 | 16b | 1607* |
| 3 | 17-19 | 378* |
| 3 | 17 | 400* |
| 3 | 19 | 376*, 400, 400*, 1008*, 1609 |
| 3 | 20 | 489* |
| 3 | 21 | 1608* |
| 3 | 24 | 332* |
| 4 | 1-2 | 2335* |
| 4 | 3-15 | 401* |
| 4 | 3-7 | 2538* |
| 4 | 4 | 2569* |
| 4 | 8-12 | 2259* |
| 4 | 10-11 | 2259 |
| 4 | 10 | 1736*, 1867*, 2268* |
| 4 | 26 | 2569* |
| 5 | 1-2 | 2331 |
| 5 | 1 | 2335* |
| 5 | 24 | 2569 |
| 6 | 3 | 990* |
| 6 | 5 | 401* |
| 6 | 9 | 2569 |
| 6 | 12 | 401* |
| 8 | 8-12 | 701* |
| 8 | 20-9,17 | 2569* |
| 9 | 1-4 | 2417* |
| 9 | 5-6 | 2260 |
| 9 | 8-16 | 2569* |
| 9 | 9 | 56* |
| 9 | 16 | 71* |
| 10 | 5 | 56 |
| 10 | 20-31 | 56* |
| 11 | 4-6 | 57* |

| | | |
|---|---|---|
| 12 | 1-4 | 145* |
| 12 | 1 | 59 |
| 12 | 2 | 762*, 1669* |
| 12 | 3 | 706*, 2676 |
| 12 | 3 LXX | 59 |
| 12 | 4 | 2570 |
| 13 | 8 | 500* |
| 14 | 16 | 500* |
| 14 | 18 | 58*, 1333, 1544 |
| 15 | 2-3 | 2570* |
| 15 | 2 | 2374 |
| 15 | 5-6 | 762* |
| 15 | 5 | 146*, 288* |
| 15 | 6 | 146*, 2571* |
| 17 | 1-2 | 2571* |
| 17 | 4-8 | 1819* |
| 17 | 5 | 59 |
| 18 | 1-15 | 706*, 2571* |
| 18 | 10-14 | 489* |
| 18 | 14 | 148*, 276 |
| 18 | 16-33 | 2571* |
| 18 | 20 | 1867* |
| 19 | | 332* |
| 19 | 1-29 | 2357* |
| 19 | 13 | 1867* |
| 21 | 1-2 | 489* |
| 21 | 17 | 332* |
| 22 | 1-18 | 1819* |
| 22 | 8 | 2572 |
| 22 | 11 | 332* |
| 22 | 17-19 | 706* |
| 23 | 4 | 145* |
| 25-26 | | 2335* |
| 28 | 10-22 | 2573* |
| 29 | 15 | 500* |
| 30 | 1 | 2374 |
| 32 | 25-31 | 2573* |
| 38 | 18 | 1295* |
| 41 | 42 | 1295* |
| 45 | 8 | 312 |
| 49 | 24 | 269 |
| 50 | 20 | 312 |


**Eżodu (Eż)**


| | | |
|---|---|---|
| 3 | 1-10 | 2575* |
| 3 | 5-6 | 208* |
| 3 | 5 | 2777 |
| 3 | 6 | 205, 207 |
| 3 | 7-10 | 1867* |
| 3 | 13-15 | 205 |
| 3 | 14 | 4469, 2666*, 2810* |
| 4 | 22 | 238, 441* |
| 12 | 3-14 | 608 |
| 13 | 3 | 1363* |
| 13 | 12-13 | 529* |
| 13 | 22 | 659* |
| 15 | 1 | 2810 |
| 15 | 26 | 1502 |
| 16 | 19-21 | 2837* |
| 16 | 19 | 2836* |
| 17 | 1-6 | 694* |
| 17 | 2-7 | 2119* |
| 17 | 8-13 | 2577* |
| 19-20 | | 708* |
| 19 | | 751*, 2060* |
| 19 | 5-6 | 709, 762*, 2810* |
| 19 | 6 | 63*, 1539 |
| 19 | 16-25 | 2085* |
| 20 | 1-17 | 2056* |
| 20 | 2-5 | 2083 |
| 20 | 2 | 2061 |
| 20 | 7 | 2141 |
| 20 | 8-10 | 2167 |
| 20 | 11 | 2169 |
| 20 | 12 | 2196, 2200, 2214* |
| 20 | 13 | 2257 |
| 20 | 14 | 2330 |
| 20 | 15 | 2400 |
| 20 | 16 | 2463, 2504 |
| 20 | 17 | 1456*, 2513, 2533 |
| 22 | 20-22 | 1867* |
| 23 | 7 | 2261 |
| 23 | 12 | 2172 |
| 23 | 20-23 | 332* |
| 24 | | 2060* |
| 24 | 7 | 2060 |
| 24 | 8 | 613* |
| 24 | 15-18 | 697*, 2085* |
| 25 | 10-22 | 21309 |
| 25 | 16 | 2058, 2058 |
| 25 | 22 | 433* |
| 29 | 1-30 | 1539* |
| 29 | 7 | 436* |
| 30 | 22-32 | 695* |
| 31 | 15 | 2168, 2189 |
| 31 | 16 | 2171* |
| 31 | 17 | 2172 |
| 31 | 18 | 700, 2056, 2058, |
| 32 | | 210* |
| 32 | 1-34, 9 | 2577* |
| 32 | 15 | 2058 |
| 33 | 9-10 | 697* |
| 33 | 11 | 2576 |
| 33 | 12-17 | 210* |
| 33 | 18-19 | 210 |
| 33 | 19-23 | 2583*, 2666* |
| 34 | 5-6 | 210 |
| 34 | 6 | 214, 231, 2577* |
| 34 | 7 | 211 |
| 34 | 9 | 210* |
| 34 | 28 | 2056 |
| 34 | 29 | 2058 |
| 40 | 1-2 | 2058 |
| 40 | 36-38 | 697* |


**Levitiku (Lev)**


| | | |
|---|---|---|
| 8 | | 1539* |
| 8 | 12 | 436* |

| | | |
|---|---|---|
| 16 | 2 | 433* |
| 16 | 15-16 | 433*, 613* |
| 17 | 14 | 2260* |
| 18 | 7-20 | 2388* |
| 19 | 2 | 2811 |
| 19 | 13 | 2434* |
| 19 | 15 | 1807 |
| 19 | 18 | 2055* |
| 20 | 26 | 2813 |
| 26 | 12 | 2550 |


**Numri (Num)**


| | | |
|---|---|---|
| 1 | 48-53 | 1539* |
| 7 | 89 | 433* |
| 11 | 24-25 | 1541* |
| 12 | 3 | 2576 |
| 12 | 7-8 | 2576 |
| 12 | 13-14 | 2577* |
| 21 | 4-9 | 2130* |
| 24 | 17-19 | 528* |
| 24 | 17 | 528* |
| 28 | 9 | 582* |


**Dewteronomju (Dewt)**


| | | |
|---|---|---|
| 1-11 | | 708* |
| 4 | 13 | 2056 |
| 4 | 15-16 | 2129 |
| 4 | 19 | 57* |
| 4 | 37 | 218* |
| 5 | 2 | 2060 |
| 5 | 4 | 2059 |
| 5 | 6-22 | 2056* |
| 5 | 6-9 | 2083* |
| 5 | 6 | 431, 2061, 2133 |
| 5 | 11 | 2141 |
| 5 | 12-15 | 2167* |
| 5 | 12 | 2189 |
| 5 | 15 | 2057, 2170 |
| 5 | 16 | 2196*, 2200, 2247 |
| 5 | 17 | 2330 |
| 5 | 19 | 2400, 2450 |
| 5 | 21 | 2533 |
| 5 | 22 | 2056, 2058 |
| 6 | 4-5 | 201, 459*, 2083, 2093* |
| 6 | 4 | 228 |
| 6 | 5 | 368*, 2055* |
| 6 | 13-14 | 2084 |
| 6 | 13 | 2096, 2150 |
| 6 | 16 | 2119 |
| 7 | 6 | 762* |
| 7 | 8 | 218* |
| 7 | 9 | 215* |
| 8 | 3 | 1334*, 2835 |
| 10 | 4 | 2056 |
| 10 | 15 | 218* |
| 11 | 14 | 1293* |
| 14 | 1 | 441* |
| 15 | 11 | 2449 |
| 18 | 10 | 2116* |
| 24 | 1 | 1610* |
| 24 | 14-15 | 1867*, 24099, 2434* |
| 25 | 13-16 | 2409* |
| 28 | 10 | 63 |
| 29-30 | | 708* |
| 29 | 3 | 368* |
| 30 | 14 | 2057 |
| 30 | 15-20 | 1696* |
| 31 | 9 | 2056* |
| 31 | 24 | 2056* |
| 32 | 6 | 238* |
| 32 | 8 | 57*, 441* |
| 32 | 34 | 1295* |
| 32 | 39 | 304* |


**Ġożwè (Ġoż)**


| | | |
|---|---|---|
| 3 | 10 | 2112 |
| 13 | 33 | 1539* |


**Mħallfin (Mħal)**


| | | |
|---|---|---|
| 6 | 11-24 | 332* |
| 13 | | 332* |
| 13 | 18 | 206* |


**1 Samwel (1 Sam)**


| | | |
|---|---|---|
| 1 | | 489* |
| 1 | 9-18 | 2578* |
| 3 | 9-10 | 2578 |
| 9 | 16 | 436* |
| 10 | 1 | 436* |
| 12 | 23 | 2578 |
| 16 | 1 | 436* |
| 16 | 12-13 | 436* |
| 16 | 13 | 695* |
| 28 | 19 | 633* |


**II Samwel (2 Sam)**


| | | |
|---|---|---|
| 7 | | 709* |
| 7 | 14 | 238*, 441* |
| 7 | 18-29 | 2579* |
| 7 | 28 | 215 |
| 12 | 1 | 2538* |
| 12 | 4 | 2538* |
| 12 | 7-15 | 1736* |


**I Slaten (1 Slat)**


| | | |
|---|---|---|
| 1 | 39 | 436* |
| 6 | 23-28 | 2130* |
| 7 | 23-26 | 2130* |
| 8 | 10-61 | 2580* |
| 8 | 10-12 | 697* |
| 17 | 7-24 | 2583* |
| 18 | 20-39 | 2583* |
| 18 | 26-29 | 2766* |
| 18 | 38-39 | 696* |
| 18 | 39 | 2582* |
| 19 | 1-14 | 2583* |

| | | |
|---|---|---|
| 19 | 5 | 332* |
| 19 | 16 | 436* |
| 21 | 1-29 | 2538* |
| 21 | 8 | 1295* |

### II Slaten (2 Slat)

| | | |
|---|---|---|
| 2 | 9 | 2684* |
| 7 | 28 | 2465* |

### I Kronaki (1 Kron)

| | | |
|---|---|---|
| 17 | 13 | 441* |

### II Kronaki (2 Kron)

| | | |
|---|---|---|
| 36 | 21 | 2172* |

### Esdra (Esd)

| | | |
|---|---|---|
| 9 | 6-15 | 2585* |

### Neħemija (Neħ)

| | | |
|---|---|---|
| 1 | 4-11 | 2585* |
| 13 | 15-22 | 2172* |

### Tobit (Tob)

| | | |
|---|---|---|
| 1 | 16-18 | 2300* |
| 2 | 12-18 vulg. | 312* |
| 3 | 11-16 | 2585* |
| 4 | 3-4 | 2214* |
| 4 | 5-11 | 2447* |
| 4 | 15 | 1789* |
| 8 | 4-9 | 2361 |
| 8 | 6 | 360* |
| 12 | 8 | 1434* |
| 12 | 12 | 336* |
| 13 | 2 | 269* |

### Ġuditta (Ġud)

| | | |
|---|---|---|
| 9 | 2-14 | 2585* |

### Ester (Est)

| | | |
|---|---|---|
| 4 | 17b | 269* |

### II Makkabin (2 Mak)

| | | |
|---|---|---|
| 6 | 30 | 363* |
| 7 | 9 | 992 |
| 7 | 14 | 992 |
| 7 | 22-23 | 297 |
| 7 | 28 | 297 |
| 7 | 29 | 992* |
| 10 | 29-30 | 333* |
| 11 | 8 | 333* |
| 12 | 45 | 958 |
| 12 | 46 | 1032 |

### Ġobb

| | | |
|---|---|---|
| 1 | 5 | 1032* |
| 1 | 6 | 441* |
| 10 | 8-12 | 2270* |
| 12 | 10 | 2318 |
| 33 | 23-24 | 336* |
| 36 | 26 | 223 |
| 38 | 7 | 332* |
| 42 | 2 | 275 |
| 42 | 3 | 299* |

### Salmi

| | | |
|---|---|---|
| 2 | 1-2 | 600* |
| 2 | 2 | 436* |
| 2 | 6-7 | 745* |
| 2 | 7-8 | 2606 |
| 2 | 7 | 441*, 653*, 2836 |
| 6 | 3 | 1502* |
| 6 | 6 | 633* |
| 8 | | 2809* |
| 8 | 2 | 300, 2566 |
| 8 | 3 | 559* |
| 8 | 6 | 2566, 2809 |
| 8 | 11 | 2160 |
| 16 | 9-10 | 627* |
| 19 | 2-5 | 299* |
| 19 | 2 | 326* |
| 22 | | 304* |
| 22 | 1 | 603 |
| 22 | 2 | 2605* |
| 22 | 10-11 | 22709 |
| 22 | 15 | 112* |
| 22 | 27 | 716* |
| 23 | 5 | 1293* |
| 24 | 6 | 2582 |
| 24 | 7-10 | 559 |
| 24 | 8-10 | 269 |
| 24 | 9-10 | 2628 |
| 27 | 8 | 2730 |
| 27 | 10 | 239* |
| 29 | 2 | 2143* |
| 32 | | 304* |
| 32 | 5 | 1502* |
| 33 | 6 | 292*, 703* |
| 34 | 3 | 716* |
| 34 | 8 | 336* |
| 35 | | 304* |
| 38 | | 1502* |
| 38 | 5 | 1502* |
| 39 | 9 | 1502* |
| 39 | 12 | 1502* |
| 40 | 2 | 2657 |
| 40 | 5 | 150* |
| 40 | 7-9 LXX | 462 |
| 40 | 7 | 2824 |
| 42 | 3 | 2112 |
| 42 | 8 | 2803 |
| 50 | 3 | 1039 |
| 51 | 6 | 431*, 1850 |
| 51 | 12 | 298*, 431* |
| 51 | 19 | 1428, 2100 |
| 55 | 23 | 322* |
| 56 | 5 | 990* |
| 68 | 6 | 238* |

| | | |
|---|---|---|
| 69 | 10 | 584 |
| 79 | 9 | 431* |
| 82 | 6 | 441* |
| 84 | 3 | 1770 |
| 85 | 11 | 214* |
| 85 | 12 | 2795* |
| 88 | | 709* |
| 88 | 11-13 | 633* |
| 89 | 49 | 633* |
| 91 | 10-13 | 336* |
| 95 | 1-6 | 2628* |
| 95 | 7-8 | 2659 |
| 95 | 7 | 1165* |
| 95 | 9 | 2119* |
| 95 | 10 | 539* |
| 96 | 2 | 2143* |
| 102 | 27-28 | 212 |
| 103 | | 304* |
| 103 | 20 | 329 |
| 104 | | 288* |
| 104 | 13-15 | 1333* |
| 104 | 15 | 1293* |
| 104 | 24 | 295 |
| 104 | 27 | 2828 |
| 104 | 30 | 292*, 703* |
| 105 | 3 | 30 |
| 106 | 23 | 2577 |
| 107 | 20 | 1502* |
| 110 | 1 | 659* |
| 110 | 4 | 1537* |
| 111 | 9 | 2807* |
| 113 | 1-2 | 2143* |
| 115 | 3 | 268, 303 |
| 115 | 4-5 | 2112 |
| 115 | 8 | 2112 |
| 115 | 15 | 216*, 287 |
| 115 | 16 | 326*, 326* |
| 116 | 12 | 224 |
| 116 | 13 | 1330* |
| 116 | 17 | 1330* |
| 117 | 24 | 2173 |
| 118 | 14 | 1808 |
| 118 | 22 | 587*, 756* |
| 118 | 26 | 559 |
| 118 | 30 | 2465* |
| 118 | 142 | 2465* |
| 119 | 90 | 2465 |
| 119 | 105 | 141 |
| 119 | 160 | 215 |
| 121 | 2 | 1605* |
| 124 | 8 | 287 |
| 130 | 2-3 | 370* |
| 130 | 14 | 2559 |
| 131 | 2 | 239* |
| 134 | 3 | 287 |
| 135 | 6 | 269 |
| 138 | | 304* |
| 138 | 2 | 214 |
| 139 | 15 | 2270 |
| 143 | 10 | 1831 |
| 145 | 3 | 300 |
| 145 | 9 | 295, 342* |
| 146 | 3-4 | 150* |


### Proverbji (Prov)


| | | |
|---|---|---|
| 1 | 8 | 2214* |
| 6 | 20-22 | 2216 |
| 8 | 1-9, 6 | 721* |
| 8 | 6 | 2465* |
| 8 | 22-31 | 288* |
| 13 | 1 | 2216 |
| 14 | 15 | 1806 |
| 17 | 6 | 2219 |
| 18 | 5 | 2476* |
| 19 | 9 | 2476* |
| 19 | 21 | 303 |
| 21 | 1 | 269* |
| 25 | 9-10 | 2489* |


## Koħelet (Koħ)


| | | |
|---|---|---|
| 3 | 20-21 | 703* |
| 12 | 1 | 1007 |
| 12 | 7 | 1007 |


## Għanja tal-Għanjiet (Għan)


| | | |
|---|---|---|
| 1 | 7 | 2709 |
| 3 | 1-4 | 2709* |
| 8 | 6-7 | 1611 |
| 8 | 6 | 1040*, 1295* |


### Għerf


| | | |
|---|---|---|
| 1 | 13 | 413, 1008* |
| 2 | 23-24 | 1008* |
| 2 | 24-25 | 2538* |
| 2 | 24 | 391*, 413 |
| 4 | 8 | 1308 |
| 7 | 17-21 | 216*, 283 |
| 7 | 18 | 2501 |
| 7 | 25-26 | 2500 |
| 7 | 29-30 | 2500 |
| 8 | 1 | 302 |
| 8 | 2 | 2500 |
| 8 | 7 | 1805 |
| 9 | 9 | 295* |
| 10 | 5 | 57* |
| 11 | 20 | 299 |
| 11 | 21 | 269 |
| 11 | 23 | 269 |
| 11 | 24-26 | 301 |
| 11 | 24 | 373 |
| 13 | 1-15,19 | 2112* |
| 13 | 1-9 | 32*, 216* |
| 13 | 1 | 1147* |
| 13 | 3 | 2129, 2500 |
| 13 | 5 | 41, 2500 |
| 14 | 12 | 2534* |

15 5 2520
16 5-14 2130*
18 13 441*

**Bin Sirak (Sir)**
1 22 2339*
3 2-6 2218
3 12 2218
3 16 2218
5 2 1809
5 9 2536
7 27-28 2215
11 14 304*
15 14 1730, 1743
17 22 2447*
18 30 1809
21 28 2477*
24 721*
27 16 2489*
30 1-2 2223
36 11 441*
37 27-31 1809*
43 27-28 2129
43 28 300*
48 1 696
50 20 433*

**Isaija (Is)**
1 2-4 762*
1 6 1293*
1 10-20 2100*
1 16-17 1430*
1 17 1435*
1 24 269
2 2-5 762*
2 2-4 64*
2 4 2317
5 1-7 755*
6-12 712*
6 1 1137
6 2-3 1138*
6 3 2809*
6 5 208, 2584*
6 6 332*
6 8 2584*
6 11 2584*
7 14 497
9 5 2305
10 5-15 304*
11 1-9 672*
11 1-2 712, 1831*
11 2 436*, 536*, 1286*
12 3 2561*
29 11 1295*
29 13 368*
32 17 2304*
33 24 1502*
38 1502*
40 1-3 719*
40 6 990*
40 11 754*
42 1-9 713*
42 1 536*, 555*
42 3 580
42 6 580
43 1-7 218*
43 1 287*, 2158*, 2167*
43 19 711
44 6 198, 212*
44 9-20 2112*
44 24 288*
45 5-7 304*
45 8 2795*
45 15 206
45 22-24 201
49 1-6 713*
49 5-6 64*
49 13 716*
49 14-15 219*, 370*
49 15 239*
50 4-10 713*
50 4 141*
51 1 2561*
52,13-53,12 713*
53 1 591*
53 4-6 1505*
53 4 517*, 1505*
53 7-8 601-
53 7 608
53 8 627
53 10-12 440*, 615
53 10 623*
53 11-12 601-
53 11 64*, 579*, 601, 623, 1502-
53 12 536*, 608*
54 1611*
54 8 220
54 10 220
55 1 694*, 2121*
55 3 762*
58 6-7 2447*
61 1-2 714*
61 1 436*, 695*, 716*, 1286*
61 6 1539*
62 1611*
62 4-5 219*
65 16 1063
66 13 239*, 370*

**Ġeremija (Ġer)**
1 5 2270
1 6 2584*
2-3 1611*
2 762*
2 13 2561
3 4-19 370*

| | | |
|---|---|---|
| 3 | 19-4, la | 2795* |
| 3 | 19 | 441* |
| 5 | 7 | 2380* |
| 7 | 9 | 2056* |
| 10 | 1-16 | 2112* |
| 11 | 19 | 608* |
| 13 | 27 | 2380* |
| 15 | 15-18 | 2584* |
| 17 | 5-6 | 150* |
| 20 | 7-18 | 2584* |
| 27 | 5 | 269* |
| 29 | 8 | 2116* |
| 31 | | 1611* |
| 31 | 3 | 220 |
| 31 | 31-34 | 64*, 715*, 762*, 1965* |
| 31 | 33 | 368, 580, 2713* |
| 31 | 35-37 | 346* |
| 32 | 10 | 1295* |
| 32 | 17 | 269* |
| 33 | 19-26 | 288*, 346* |

**Lamentazzjonijiet (Lam)**

| | | |
|---|---|---|
| 5 | 21 | 1432 |

**Baruk (Bar)**

| | | |
|---|---|---|
| 6 | | 2112* |

**Eżekjel (Eżek)**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | 26-28 | 1137* |
| 9 | 4-6 | 1296* |
| 11 | 19 | 715* |
| 14 | 14 | 58 |
| 16 | | 219* |
| 16 | | 1611* |
| 18 | 5-9 | 2056* |
| 20 | | 2811* |
| 20 | 39 | 2812* |
| 23 | | 1611* |
| 32 | 17-32 | 633* |
| 34 | 11-31 | 754* |
| 36 | | 64*, 2811* |
| 36 | 20-22 | 2814 |
| 36 | 20-21 | 2812* |
| 36 | 25-28 | 715* |
| 36 | 25-27 | 1287* |
| 36 | 26-27 | 1432* |
| 36 | 26 | 368* |
| 37 | 1-14 | 715* |
| 37 | 10 | 703* |

**Danjel (Dan)**

| | | |
|---|---|---|
| 3 | 57-58 | 2416* |
| 7 | 10 | 678* |
| 7 | 13 | 440* |
| 7 | 14 | 664 |
| 10 | 9-12 | 330* |
| 12 | 1-13 | 992* |
| 12 | 2 | 998* |
| 14 | 1-30 | 2112* |

**Ħosegħa (Ħos)**

| | | |
|---|---|---|
| 1-3 | | 1611* |
| 1 | | 762* |
| 2 | | 218* |
| 2 | 1 | 441* |
| 2 | 7 | 2380* |
| 2 | 21-22 | 2787* |
| 4 | 2 | 2056* |
| 6 | 1-6 | 2787* |
| 6 | 2 | 627* |
| 6 | 6 | 589*, 2100* |
| 10 | 9 | 208 |
| 11 | | 219* |
| 11 | 1-4 | 370* |
| 11 | 1 | 219, 441*, 530* |

**Ġoel**

| | | |
|---|---|---|
| 2 | 12-13 | 1430* |
| 3-4 | | 678* |
| 3 | 1-5 | 715* |
| 3 | 1-2 | 1287* |

**Għamos (Għam)**

| | | |
|---|---|---|
| 5 | 21-25 | 2100* |
| 5 | 24 | 1435* |
| 7 | 2 | 2584* |
| 7 | 5 | 2584* |
| 8 | 4-10 | 2269* |
| 8 | 4-6 | 2409* |
| 8 | 6 | 2449 |
| 8 | 11 | 2835 |

**Ġona**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | 3 | 29* |
| 2 | 1 | 627* |
| 2 | 3-10 | 2585* |

**Mikea (Mik)**

| | | |
|---|---|---|
| 2 | 2 | 2534* |
| 4 | 1-4 | 762* |

**Sofonija (Sof)**

| | | |
|---|---|---|
| 2 | 3 | 64*, 711*, 716* |
| 3 | 14 | 722*, 2676 |
| 3 | 17a | 2676 |
| 3 | 17b | 2676* |

**Żakkarija (Żak)**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | 12 | 336* |
| 2 | 14 | 722* |
| 2 | 17 | 2143* |
| 4 | 14 | 436* |
| 6 | 13 | 436* |
| 9 | 9 | 559 |
| 12 | 10 | 1432*, 2561* |
| 13 | 1 | 2561* |

| | | |
|---|---|---|
| 14 | 8 | 694* |


## Malakija (Mal)


| | | |
|---|---|---|
| 1 | 11 | 1330*, 1350*, 2643* |
| 2 | 6 | 217 |
| 2 | 7-9 | 1540* |
| 2 | 10 | 238* |
| 2 | 13-17 | 1611* |
| 3 | 19 | 678* |


# IT-TESTMENT IL-ĠDID

## Evanġelju ta' San Mattew (Mt)


| | | |
|---|---|---|
| 1 | 16 | 437 |
| 1 | 18-25 | 497* |
| 1 | 20 | 333*, 486*, 497 |
| 1 | 21 | 430, 437, 452, 1507*, 1846, 2666*, 2812* |
| 1 | 23 | 497, 744 |
| 2 | 1-12 | 486* |
| 2 | 1 | 528 |
| 2 | 2 | 439*, 528 |
| 2 | 4-6 | 528* |
| 2 | 11 | 724* |
| 2 | 13-18 | 530* |
| 2 | 13 | 333* |
| 2 | 15 | 530* |
| 2 | 19 | 333* |
| 3 | 3 | 523* |
| 3 | 7-12 | 678* |
| 3 | 7 | 535* |
| 3 | 13-17 | 535, 1286* |
| 3 | 13 | 1223* |
| 3 | 14-15 | 608* |
| 3 | 15 | 536, 1224 |
| 3 | 16-17 | 1224 |
| 3 | 16 | 536 |
| 3 | 16 par. | 701* |
| 3 | 17 | 444*, 713* |
| 4 | 1-11 | 394*, 2849* |
| 4 | 4 | 2835 |
| 4 | 10 | 2083, 2135 |
| 4 | 11 | 333* |
| 4 | 17 | 1720*, 1989 |
| 4 | 19 | 878* |
| 4 | 21 | 878* |
| 4 | 24 | 1503* |
| 5-7 | | 2763* |
| 5-6 | | 764* |
| 5 | 1 | 581* |
| 5 | 3-10 | 1716 |
| 5 | 3 | 544, 2546 |
| 5 | 8 | 1720, 2518 |
| 5 | 9 | 2305, 2330 |
| 5 | 11-12 | 520* |
| 5 | 13-16 | 782*, 2821* |
| 5 | 14 | 1243 |
| 5 | 16 | 326 |
| 5 | 17-19 | 577, 592*, 1967* |
| 5 | 17 | 2053* |
| 5 | 20 | 2054 |
| 5 | 21-22 | 2054, 2257 |
| 5 | 21 | 2262, 2302 |
| 5 | 22-39 | 2262* |
| 5 | 22 | 678*, 1034*, 2302 |
| 5 | 23-24 | 2608*, 2792*, 2841*, 2845* |
| 5 | 24 | 1424 |
| 5 | 27-28 | 2330, 2336, 2380* |
| 5 | 28 | 1456*, 2513, 2528 |
| 5 | 29-30 | 226* |
| 5 | 29 | 1034* |
| 5 | 31-32 | 2382* |
| 5 | 32 | 2380* |
| 5 | 33-34 | 581, 2141, 2153 |
| 5 | 33 | 592*, 2463 |
| 5 | 37 | 2153, 2338*, 2466 |
| 5 | 42 | 2443 |
| 5 | 43-44 | 1933*, 2844* |
| 5 | 44-45 | 2303, 2608* |
| 5 | 44 | 1825, 1968*, 2262* |
| 5 | 45 | 2828 |
| 5 | 46-47 | 2054* |
| 5 | 47 | 1693 |
| 5 | 48 | 443*, 1968*, 2013, 2842 |
| 6 | | 1693* |
| 6 | 1-18 | 1434* |
| 6 | 1-6 | 1430*, 1969* |
| 6 | 2-4 | 1753*, 2447* |
| 6 | 2 | 1063* |
| 6 | 5 | 1063* |
| 6 | 6 | 2608, 2655, 2691* |
| 6 | 7 | 2608*, 2668, 2766* |
| 6 | 8 | 443*, 2736* |
| 6 | 9-13 | 1969, 2759, 2759* |
| 6 | 9 | 268*, 443 |
| 6 | 10 | 2632* |
| 6 | 11 | 1165*, 2659* |
| 6 | 12 | 2845 |
| 6 | 14-16 | 2792* |
| 6 | 14-15 | 2608*, 2841* |
| 6 | 16-18 | 1430* |
| 6 | 16 | 1063* |
| 6 | 18 | 575* |
| 6 | 21 | 368*, 2533, 2551, 2604*, 2608*, 2729*, 2848 |
| 6 | 24 | 2113, 2424, 2729*, 2821*, 2848 |
| 6 | 25-34 | 2547*, 2830* |
| 6 | 25 | 2608* |
| 6 | 26-34 | 322* |
| 6 | 26 | 2416* |

| | | |
|---|---|---|
| 6 | 31-33 | 305 |
| 6 | 32 | 270* |
| 6 | 33 | 1942, 2604*, 2608*, 2632* |
| 6 | 34 | 2659*, 2836* |
| 7 | 1-5 | 678* |
| 7 | 7-11 | 2609* |
| 7 | 12-13 | 2821* |
| 7 | 12 | 1789, 1970 |
| 7 | 13-14 | 1036, 1970*, 2609* |
| 7 | 13 | 1696 |
| 7 | 15 | 2285* |
| 7 | 20 | 2005 |
| 7 | 21-27 | 1970* |
| 7 | 21 | 443*, 1821*, 2611, 2826 |
| 7 | 28-29 | 581 |
| 8 | 2 | 448* |
| 8 | 4 | 586* |
| 8 | 8 | 1386* |
| 8 | 10 | 2610 |
| 8 | 11 | 543* |
| 8 | 17 | 517, 1505 |
| 8 | 20 | 2444* |
| 8 | 26 | 2610 |
| 9 | 12 | 581* |
| 9 | 13 | 589*, 2100 |
| 9 | 27 | 439*, 2616 |
| 9 | 38 | 2611* |
| 10 | 5-7 | 543* |
| 10 | 8 | 1509, 2121, 2443 |
| 10 | 10 | 2122 |
| 10 | 16 | 764* |
| 10 | 19-20 | 728* |
| 10 | 22 | 161, 1821* |
| 10 | 25 | 765* |
| 10 | 28 | 363*, 1034* |
| 10 | 29-31 | 305* |
| 10 | 32-33 | 1816 |
| 10 | 32 | 14*, 2145* |
| 10 | 37 | 2232 |
| 10 | 38 | 1506* |
| 10 | 40 | 858 |
| 11 | 5 | 549*, 2443 |
| 11 | 6 | 548 |
| 11 | 13-14 | 719* |
| 11 | 13 | 523* |
| 11 | 20-24 | 678* |
| 11 | 25-27 | 2603*, 2779 |
| 11 | 25-26 | 2701* |
| 11 | 25 | 153*, 544*, 2785 |
| 11 | 27 | 151*, 240, 443*, 473* |
| 11 | 28 | 1658 |
| 11 | 29-30 | 1615* |
| 11 | 29 | 459 |
| 12 | 5 | 581*, 582*, 2173* |
| 12 | 6 | 586*, 590 |
| 12 | 7 | 2100 |

| | | |
|---|---|---|
| 12 | 12 | 342 |
| 12 | 18-21 | 713* |
| 12 | 23 | 439* |
| 12 | 24 | 574*, 635* |
| 12 | 26 | 550* |
| 12 | 28 | 550 |
| 12 | 30 | 590 |
| 12 | 31 | 1031 |
| 12 | 32 | 679*, 1864* |
| 12 | 36 | 590* |
| 12 | 37 | 590* |
| 12 | 40 | 627*, 994 |
| 12 | 41-42 | 590, 678* |
| 12 | 49 | 764*, 2233 |
| 13 | 3-23 | 1727* |
| 13 | 3-9 | 546* |
| 13 | 10-17 | 787* |
| 13 | 10-15 | 546* |
| 13 | 11 | 546 |
| 13 | 22 | 29* |
| 13 | 24-30 | 827* |
| 13 | 41-42 | 1034 |
| 13 | 41 | 333* |
| 13 | 42 | 1034* |
| 13 | 44-45 | 546* |
| 13 | 50 | 1034* |
| 13 | 52 | 1117* |
| 13 | 55 | 495*, 500 |
| 14 | 13-21 | 1335* |
| 14 | 19 | 1329* |
| 14 | 30 | 448* |
| 15 | 3-7 | 579* |
| 15 | 18-19 | 1968* |
| 15 | 19 | 1853, 2517 |
| 15 | 22 | 439*, 448* |
| 15 | 28 | 2610 |
| 15 | 32-39 | 1335* |
| 15 | 36 | 1329* |
| 16-18 | | 1969* |
| 16 | 16-23 | 440* |
| 16 | 16 | 424, 442 |
| 16 | 17 | 153, 442 |
| 16 | 18-19 | 881* |
| 16 | 18 | 424*, 442*, 552, 586*, 869* |
| 16 | 19 | 553, 1444 |
| 16 | 21-23 | 540*, 607* |
| 16 | 21 | 554 |
| 16 | 22-23 | 554* |
| 16 | 24-26 | 736* |
| 16 | 24 | 226*, 618, 2029 |
| 16 | 25-26 | 363* |
| 16 | 25 | 2232* |
| 16 | 26 | 1021* |
| 17 | 1-8 par. | 554* |
| 17 | 5 | 444* |
| 17 | 10-13 | 718 |
| 17 | 23 | 554* |
| 17 | 24-27 | 586* |

| | | |
|---|---|---|
| 18 | 3-4 | 526* |
| 18 | 3 | 2785 |
| 18 | 6 | 2285 |
| 18 | 10 | 329, 336* |
| 18 | 14 | 605, 2822* |
| 18 | 16 | 2472* |
| 18 | 18 | 553*, 1444* |
| 18 | 20 | 1088, 1373 |
| 18 | 21-22 | 982*, 2227*, 2845* |
| 18 | 23-35 | 2843* |
| 19 | 1-12 | 2364* |
| 19 | 3-12 | 1620* |
| 19 | 3-9 | 2382* |
| 19 | 4 | 1652 |
| 19 | 6-12 | 2053* |
| 19 | 6 | 796, 1605, 1614, 1644, 2336*, 2380* |
| 19 | 7-9 | 2382* |
| 19 | 8 | 1610*, 1614* |
| 19 | 10 | 1615* |
| 19 | 11 | 1615* |
| 19 | 12 | 922, 1579, 1618 |
| 19 | 16-19 | 2052 |
| 19 | 16-17 | 2075 |
| 19 | 18 | 2400 |
| 19 | 21 | 2053, 2053* |
| 19 | 23-29 | 2053* |
| 19 | 23-24 | 226* |
| 19 | 26 | 276, 308*, 1058 |
| 19 | 28 | 765* |
| 20 | 19 | 572 |
| 20 | 26 | 2235 |
| 20 | 28 | 440, 601*, 605, 622, 786 |
| 20 | 30 | 439* |
| 21 | 1-11 | 559* |
| 21 | 9 | 439* |
| 21 | 13 | 584* |
| 21 | 15-16 | 559* |
| 21 | 15 | 439* |
| 21 | 18 | 544* |
| 21 | 22 | 2610 |
| 21 | 28-32 | 546* |
| 21 | 32 | 535* |
| 21 | 33-43 par. | 755* |
| 21 | 34-36 | 443* |
| 21 | 37-38 | 443* |
| 21 | 42 par. | 756* |
| 22 | 1-14 | 546*, 796* |
| 22 | 21 | 2242 |
| 22 | 23-34 | 575* |
| 22 | 23-24 | 581* |
| 22 | 34-36 | 581* |
| 22 | 36 | 2055 |
| 22 | 37-40 | 2055 |
| 22 | 37 | 2083 |
| 22 | 40 | 1824* |
| 22 | 41-46 | 439*, 447* |
| 23 | 9 | 2367* |
| 23 | 12 | 526* |
| 23 | 16-22 | 2111* |
| 23 | 21 | 586* |
| 23 | 37a | 558* |
| 23 | 37b | 558 |
| 23 | 39 | 674 |
| 24 | 1-2 | 585* |
| 24 | 3 | 585* |
| 24 | 12 | 675* |
| 24 | 13 | 161 |
| 24 | 31 | 333* |
| 24 | 36 | 443* |
| 24 | 44 | 673* |
| 25 | 1-13 | 796* |
| 25 | 1 | 672* |
| 25 | 6 | 1618* |
| 25 | 13 | 672* |
| 25 | 14-30 | 546*, 1936* |
| 25 | 21 | 1029*, 1720*, 2683* |
| 25 | 23 | 1029*, 1720* |
| 25 | 31-46 | 544*, 1033*, 1373, 2447*, 2831* |
| 25 | 31-36 | 2443* |
| 25 | 31 | 331, 671*m 679*m 1038 |
| 25 | 32 | 1038 |
| 25 | 36 | 1503 |
| 25 | 40 | 678, 1397*, 1825*, 1932, 2449* |
| 25 | 41 | 1034 |
| 25 | 45 | 598*, 1825*, 2463 |
| 25 | 46 | 1038 |
| 26 | 17-29 | 1339* |
| 26 | 20 | 610* |
| 26 | 26 | 1328, 1329* |
| 26 | 28 | 545, 610, 613, 1365, 1846, 2839* |
| 26 | 29 | 1403 |
| 26 | 31 | 764* |
| 26 | 36-44 | 2849* |
| 26 | 38 | 363* |
| 26 | 39 | 536*, 612 |
| 26 | 40 | 2719* |
| 26 | 41 | 2733, 2846* |
| 26 | 42 | 612*, 612* |
| 26 | 53 | 333*, 609* |
| 26 | 54 | 600* |
| 26 | 57 | 2262* |
| 26 | 64-66 | 591* |
| 26 | 64 | 443* |
| 26 | 66 | 596 |
| 27 | 25 | 597 |
| 27 | 39-40 | 585* |
| 27 | 48 | 515* |
| 27 | 51 | 586* |
| 27 | 52-53 | 633* |
| 27 | 54 | 441* |
| 27 | 56 | 500* |
| 28 | 1 | 500, 2174, 2174* |

| | | |
|---|---|---|
| 28 | 6 | 652* |
| 28 | 9-10 | 641* |
| 28 | 9 | 645* |
| 28 | 10 | 654 |
| 28 | 11-15 | 640* |
| 28 | 16-20 | 857*, 1444* |
| 28 | 16-17 | 645* |
